# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 73/2009

## tad-19 ta' Jannar 2009

## li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 u l-Artikolu 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-1979, u b'mod partikolari l-paragrafu 6 tal-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton anness miegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Billi:

(1) Ir-riformi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) maqbula fl-2003 u l-2004 inkludew dispożizzjonijiet biex tiġi mkejla l-effettività tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "It-tħejjija għall-'Kontroll tas-Saħħa' tar-riforma tal-PAK" fl-20 ta' Novembru 2007. Dik il-Komunikazzjoni u d-diskussjonijiet sussegwenti tal-elementi ewlenin tagħha mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll il-kontributi numerużi li rriżultaw minn konsultazzjoni pubblika għandhom jiġu kkunsidrati.

(2) L-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ ([4]) b'mod partikolari turi li ċerti elementi tal-mekkaniżmu ta' appoġġ jeħtieġ jiġu aġġustati. B'mod partikolari, d-diżakkoppjar tal-appoġġ dirett għandu jiġi estiż u l-funzjonament tal-iskema ta' pagament uniku għandu jiġi ssimplifikat. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ġie emendat sostanzjalment f'diversi okkażjonijiet. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi u fl-interess taċ-ċarezza, dan għandu jiġi rrevokat u sostitwit b'dan ir-Regolament.

(3) Ir-Regolament (KE) Nr 1782/2003 stabbilixxa l-prinċipju li l-bdiewa li ma jikkonformawx ma' ċerti ħtiġiet fl-oqsma tas-saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u tal-pjanti, u l-ambjent u l-benessri tal-annimali huma soġġetti għal tnaqqis jew għal esklużjoni minn appoġġ dirett. Din is-sistema ta' "kundizzjonalità" tifforma parti integrali mill-appoġġ Komunitarju taħt il-pagamenti diretti u għalhekk għandha tinżamm. Madankollu, l-esperjenza turi li għadd ta' ħtiġiet fl-ambitu tal-kundizzjonalità m'humiex rilevanti biżżejjed għall-attività agrikola jew l-art agrikola jew jikkonċernaw aktar l-awtoritajiet nazzjonali milli l-bdiewa. Għaldaqstant huwa xieraq li l-ambitu tal-kundizzjonalità jiġi aġġustat.

(4) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u sabiex jiġi żgurat li din tinżamm f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw standards wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tal-erji kkonċernati, inklużi l-kondizzjonijiet tal-ħamrija u dawk klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja, użu tal-art, newba tal-uċuħ tar-raba' (crop rotation), prattiki agrikoli u strutturi tal-farms. Dan il-qafas għandu jinżamm. L-esperjenza wriet, madankollu, li r-rilevanza u l-effetti ta' benefiċċju ta' ċerti standards mhumiex biżżejjed biex jiġġustifikaw l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri kollha. Tali standards għandhom għalhekk isiru fakultattivi għall-Istati Membri. Madankollu, biex ikun żgurat li l-qafas huwa konsistenti kemm jista' jkun, standard m'għandux ikun fakultattiv meta qabel l-2009 l-Istat Membru kkonċernat ikun diġà ddefinixxa ħtieġa minima abbażi ta' tali standard jew meta huma fis-seħħ ir-regoli nazzjonali li jindirizzaw tali standard.

(5) It-tneħħija, skont dan ir-Regolament, tas-serħan tal-artijiet obbligatorju fi ħdan l-iskema ta' pagament uniku tista' f'ċerti każijiet ikollha effetti negattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti karatteristiċi ta' pajsaġġ. Għaldaqstant huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti li għandhom fil-mira tagħhom il-protezzjoni tal-karatteristiċi speċifikati tal-pajsaġġ jiġu msaħħa. F'sitwazzjonijiet speċifiċi għandu jkun possibbli wkoll għal Stat Membru li jipprevedi għall-istabbiliment u/jew iż-żamma ta' ħabitats.

([1]) Opinjoni tad-19 ta' Novembru 2008 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Opinjoni tat-23 ta' Ottubru 2008 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Opinjoni mogħtija wara konsultazzjoni mhux obbligatorja.

([3]) Opinjoni tat-8 ta' Ottubru 2008 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Opinjoni mogħtija wara konsultazzjoni mhux obbligatorja.

([4]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

(6) Il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma fil-kuntest ta' attività agrikola f'ċerti żoni qed issir problema dejjem tikber. Il-qafas Komunitarju għal kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba għandu għalhekk ikun ukoll rinfurzat bil-għan li l-ilma jiġi mħares mit-tniġġis u t-tnixxija moħlija u li jiġi amministrat l-użu tal-ilma.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, irrikonoxxa l-effett ambjentali pożittiv ta' mergħat permanenti. Il-miżuri f'dak ir-Regolament li immirati biex tkun imħeġġa l-manutenzjoni ta' mergħat permanenti eżistenti biex jiġi żgurat kontra konverżjoni massiva f'art li tinħarat għandhom jinżammu.

(8) Biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-għodod ta' politika mfassla biex jippromovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromovu l-iżvilupp rurali, ġiet introdotta sistema ta' tnaqqis progressiv fil-pagamenti diretti ("il-modulazzjoni") permezz tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Dik is-sistema għandha tinżamm u għandha tinkludi l-eżenzjoni ta' pagamenti diretti sa EUR 5 000.

(9) L-iffrankar permezz tal-modulazzjoni jintuża għall-finanzjament ta' miżuri taħt il-politika għall-iżvilupp rurali. Sa mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, is-settur agrikolu kellu jiffaċċja għadd ta' sfidi ġodda u impenjattivi bħat-tibdil fil-klima u l-importanza dejjem tikber tal-bijoenerġija, kif ukoll il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar tal-ilma u protezzjoni aktar effettiva tal-bijodiversità. Il-Komunità, bħala parti kontraenti għall-Protokoll ta' Kjoto [1], ġiet mitluba tadatta l-linji politiċi tagħha fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, wara problemi serji relatati ma' skarsezza tal-ilma u nixfa, il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu "Skarsezza tal-Ilma u Nixfa" tat-30 ta' Ottubru 2007, kkunsidra li l-kwistjonijiet tal-ġestjoni tal-ilma fl-agrikoltura għandhom jiġu indirizzati iżjed. Flimkien ma' dan, il-Kunsill enfasizza fil-Konklużjonijiet tiegħu "Il-Waqfien tat-Telf tal-Bijodiversità" tat-18 ta' Diċembru 2006 li l-protezzjoni tal-bijodiversità tibqa' sfida kbira u filwaqt li sar progress importanti, il-ksib tal-mira tal-Komunità dwar il-bijodiversità għall-2010 ser jirrikjedi sforzi addizzjonali. Barra minn hekk, peress li l-innovazzjoni tista' tikkontribwixxi, b'mod partikolari, għall-iżvilupp ta' teknoloġiji, prodotti u proċessi ġodda, din ser issaħħaħ l-isforzi biex jiġu affrontanti dawn l-isfidi ġodda. L-iskadenza tar-reġim tal-kwota tal-ħalib fl-2015 skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli [2] ser titlob sforzi speċifiċi min-naħa ta' bdiewa sabiex jadattaw għal kondizzjonijiet li qed jinbidlu, b'mod partikolari f'reġjuni żvantaġġati. Huwa għalhekk xieraq li din is-sitwazzjoni partikolari għandha tkun ddefinita wkoll bħala sfida ġdida li l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jindirizzaw bil-ħsieb li jiżguraw "soft-landing" tas-setturi tagħhom tal-prodotti tal-ħalib.

(10) Il-Komunità tirrikonoxxi l-ħtieġa li dawn l-isfidi ġodda jiġu ttrattati fil-qafas tal-politiki tagħha. Fil-qasam tal-agrikoltura, programmi għall-iżvilupp rurali adottati taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) [3] huma għodda xierqa biex jindirizzawhom. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrevedu l-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom skont dan mingħajr ma jiġu mitluba jnaqqsu l-attivitajiet tal-iżvilupp rurali ta' bħalissa f'oqsma oħra, jeħtieġ li jkun disponibbli ta' finanzjament addizzjonali. Madankollu l-perspettiva finanzjarja għall-perijodu 2007 sal-2013 ma tipprevedix il-mezzi finanzjarji għar-rinfurzar tal-politika Komunitarja għall-iżvilupp rurali kif meħtieġ. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa xieraq li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa tiġi mobilizzata għal żieda gradwali fit-tnaqqis tal-pagamenti diretti permezz tal-modulazzjoni.

(11) Id-distribuzzjoni ta' appoġġ dirett ta' dħul fost il-bdiewa huwa kkaratterizzat bl-allokazzjoni ta' kwantità ta' pagamenti lil għadd pjuttost żgħir ta' benefiċjarji kbar. Huwa ċar li l-benefiċjarji kbar ma jirrikjedux l-istess livell ta' appoġġ unitarju sabiex jinkiseb b'effiċjenza l-għan ta' appoġġ għad-dħul. Minbarra dan, il-potenzjal għal adattament jagħmilha aktar faċli għall-benefiċjarji kbar biex joperaw livelli aktar baxxi ta' appoġġ unitarju. Għaldaqstant tkun ħaġa ġusta li wieħed jistenna li l-bdiewa b'ammonti kbar ta' appoġġ jagħtu kontribut speċjali għall-finanzjament ta' miżuri għall-iżvilupp rurali li jindirizzaw sfidi ġodda. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi stabbilit mekkaniżmu li jipprovdi għat-tnaqqis imsaħħaħ fil-pagamenti akbar, li d-dħul minnhom għandu jintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi ġodda fil-qafas tal-iżvilupp rurali.

(12) Il-qagħda ġeografika partikolari tar-reġjuni l-aktar imbiegħda kif ukoll l-insularità, d-daqs żgħir, iż-żoni muntanjużi tagħhom u l-klima jimponu piżijiet addizzjonali fuq is-setturi agrikoli tagħhom. Sabiex it-tali piżijiet u limitazzjonijiet jittaffew għandu jkun hemm provvediment għal deroga mill-obbligu għall-applikazzjoni tat-tnaqqis tal-modulazzjoni għall-bdiewa fir-reġjuni l-aktar imbiegħda.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-impenni li hemm fiha (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

[2] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

[3] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

(13) Ir-rati miżjuda tal-modulazzjoni obbligatorja jeħtieġ li jiġu kkunsidrati minn dawk l-Istati Membri li għażlu li japplikaw sistema ta' modulazzjoni volontarja. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa ([1]) għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(14) L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' 5 punti perċentwali li jikkorrispondu għat-tnaqqis fil-modulazzjoni ddeterminati fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri skont l-istess kriterji stabbiliti taħt dak ir-Regolament, jiġifieri skont kriterji oġġettivi waqt li jistabbilixxu li ċertu perċentwali tal-ammonti għandu jibqa' fl-Istati Membri fejn ġew iġġenerati. Minħabba l-aġġustamenti strutturali li jirriżultaw mit-tneħħija tal-intervent tas-segala, il-miżuri speċifiċi għal ċerti reġjuni li jipproduċu s-segala li għandhom ikunu ffinanzjati minn parti tal-ammonti ġġenerati mill-modulazzjoni għandhom jinżammu. Flimkien ma' dan, l-ammonti ġġenerati mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe tnaqqis ieħor tal-modulazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri fejn huma ġew iġġenerati.

(15) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tal-modulazzjoni, notevolment fir-rigward tal-proċeduri għall-għoti ta' pagamenti diretti lill-bdiewa, u t-trasferimenti lill-programmi għall-iżvilupp rurali, għandhom jiġu ddeterminati limiti massimi netti għal kull Stat Membru sabiex jillimitaw il-pagamenti li għandhom isiru lill-bdiewa wara l-applikazzjoni tal-modulazzjoni. Sabiex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet tal-appoġġ tal-PAK fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-fatt li l-pagamenti diretti mhumiex soġġetti għal modulazzjoni, il-limitu massimu nett għall-Istati Membri kkonċernati m'għandux jinkludi l-pagamenti diretti f'dawn ir-reġjuni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([2]) għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(16) Il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda li daħlu fl-Unjoni Ewropea fi jew wara l-1 ta' Mejju 2004 jirċievu pagamenti diretti wara mekkaniżmu ta' dħul gradwali previst fl-Atti ta' Adeżjoni rispettivi tagħhom. Sabiex jinkiseb bilanċ xieraq bejn l-għodod tal-politika mfassla sabiex jippromwovu l-agrikoltura sostenibbli u dawk intenzjonati biex jippromwovu l-iżvilupp rurali, is-sistema tal-modulazzjoni ma għandhiex tiġi applikata għall-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda qabel il-livell tal-pagamenti diretti li japplikaw f'dawn l-Istati Membri jkun ugwali għal-livell li japplika fl-Istati Membri li mhumiex Stati Membri ġodda.

(17) Il-modulazzjonji ma għandhiex tnaqqas l-ammont ta' ħlas nett lil bidwi fi Stat Membru ġdid għal taħt l-ammont li għandu jitħallas lil bidwi ekwivalenti fl-Istati Membri li mhumiex Stati Membri ġodda. Għalhekk, ladarba l-modulazzjoni tiġi applikabbli għall-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda, ir-rata tat-tnaqqis għandha tiġi limitata għad-differenza bejn il-livell taħt l-iskeda tad-dħul gradwali u l-livell fl-Istati Membri li mhumiex Stati Membri ġodda wara l-applikazzjoni tal-modulazzjoni. Minbarra dan, fl-għoti ta' pagamenti diretti nazzjonali komplementari lil-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda li huma soġġetti għall-modulazzjoni għandu jittieħed kont tal-modulazzjoni.

(18) Bil-għan li jkun żgurat li l-ammonti għall-finanzjament tal-PAK jikkonformaw mal-limiti massimi annwali mniżżla fil-perspettiva finanzjarja, il-mekkaniżmu finanzjarju fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fejn il-livell ta' appoġġ dirett huwa aġġustat meta l-previżjonijiet jindikaw li s-sottolimitu tat-titolu 2, b'marġni ta' sigurtà ta' EUR 300 000 000, jiġi maqbuż f'sena finanzjarja partikolari għandu jinżamm. Filwaqt li jitqiesu l-livelli tal-pagamenti diretti lill-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda bħala riżultat tad-dħul gradwali, u fil-qafas tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tad-dħul gradwali għall-pagamenti diretti kollha konċessi fl-Istati Membri l-ġodda, dan l-istrument tad-dixxiplina finanzjarja m'għandux japplika f'dawk l-Istati Membri qabel il-livell tal-pagamenti diretti li japplika f' dawk l-Istati Membri jkun talanqas ugwali għal-livell li japplika fl-Istati Membri li mhumiex Stati Membri ġodda. Fid-dawl tal-piż partikolari fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej tar-riżorsi msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 fuq is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([3]), huwa xieraq li jiġi previst, b'mod eċċezzjonali, li l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni meħtieġa biex japplika l-istrument tad-dixxiplina finanzjarja fuq proposta mill-Kummissjoni.

(19) Biex il-bdiewa jkunu megħjuna jilħqu livelli ta' agrikoltura moderna u ta' kwalità għolja, jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jħaddmu s-sistema komprensiva li toffri konsulenza lill-farms prevista fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Is-sistema konsultattiva għall-farms għandha tgħin lill-bdiewa jsiru aktar konxji ta' kurrenti materjali u proċessi tal-biedja relatati mal-ambjent, sikurezza tal-ikel, saħħa u benessri tal-annimali mingħajr bl-ebda mod ma jkunu affettwati l-obbligazzjoni u r-responsabbiltà tagħhom li jikkonformaw ma' dawk l-istandards.

(20) Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005, jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex ikunu sodisfatti li t-transazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) ikunu realment attwati u esegwiti b'mod korrett, u sabiex jipprevjenu u

([1]) ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 63, 23.6.2007, p. 17.

jieħdu ħsieb l-irregolaritajiet. Għal dan il-għan, huma għandhom joperaw sistema ta' amministrazzjoni u kontroll integrata għall-pagamenti diretti. Sabiex jiġu mtejba l-effettività u l-kontroll tal-appoġġ Komunitarju, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jagħmlu użu missistema integrata fil-każ ukoll ta' skemi Komunitarji mhux koperti b'dan ir-Regolament.

(21) L-elementi prinċipali tas-sistema ta' amministrazzjoni u kontroll integrata, u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw database kompjuterizzata, sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli, applikazzjonijet għall-għajnuna għall-bdiewa, sistema armonizzata ta' kontroll u, fi ħdan -iskema ta' pagament uniku, sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tad-drittijiet għal pagament għandhom jinżammu.

(22) L-amministrazzjoni ta' ammonti żgħar huwa kompitu ta' piż għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Biex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, l-Istati Membri għandhom, b'mod ġenerali, joqogħdu lura milli jikkonċedu pagamenti diretti fejn il-pagament ikun aktar baxx minn EUR 100 jew inkella fejn l-erja eliġibbli tal-istabbiliment agrikolu li għaliha qed jintalab l-appoġġ tkun ta' anqas minn ettaru. Madankollu, peress li l-istrutturi tal-eknomiji agrikoli tal-Istati Membri jvarjaw konsiderevolment u jistgħu jiddiferixxu b'mod sinifikanti mill-istruttura tal-farm medja tal-Komunità, għandha ssir dispożizzjoni speċjali biex tippermetti lill-Istati Membri japplikaw limiti minimi li jirriflettu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Minħabba l-istruttura agrikola speċifika fir-reġjuni l-iżjed imbiegħda u fil-Gżejjer Eġew, dawn ir-reġjuni m'għandhomx ikunu soġġetti għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe limiti minimi. Apparti dan, l-Istati Membri għandu jkollhom id-diskrezzjoni li jagħżlu l-implimentazzjoni ta' wieħed miż-żewġ tipi ta' limiti minimi billi jqisu l-partikolaritajiet tal-istrutturi tas-setturi agrikoli tagħhom. Peress li ġew allokati d-drittijiet għal pagamenti speċjali lil bdiewa b'ħekk imsejħa stabbilimenti "bla artijiet," l-applikazzjoni tal-limitu bbażat fuq ettaru jkun mingħajr effett. L-ammont minimu medju relatat mal-appoġġ għandu għalhekk japplika għal dawn il-bdiewa. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għal bdiewa li l-pagamenti diretti tagħhom huma soġġetti għal dħul gradwali, il-limitu minimu għandu jkun ibbażat fuq l-ammonti finali li jridu jingħataw fi tmiem il-proċess ta' dħul gradwali.

(23) L-esperjenza tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku turi li l-appoġġ ta' dħul diżakkoppjat f'għadd ta' każijiet ingħata lil benefiċjarji li l-attivitajiet agrikoli tagħhom iffurmaw biss parti insinifikanti mill-attivitajiet ekonomiċi globali tagħhom jew li l-mira tal-kummerċ tagħhom ma kienx immirat għat-twettiq ta' attività agrikola jew il-mira kienet waħda marġinali biss. Sabiex jiġi evitat li l-appoġġ ta' dħul agrikolu jiġi allokat lil benefiċjarji bħal dawn, u biex jiġi żgurat li l-użu tal-appoġġ Komunitarju ikun kompletament għall-assigurazzjoni ta' livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, l-Istati Membri għandhom jingħataw is-setgħa, fejn issehh tali allokazzjoni, li jastjenu milli jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn taħt dan ir-Regolament.

(24) Pagamenti previsti taħt skemi ta' appoġġ Komunitarji għandhom isiru mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-benefiċjarji bi sħiħ, soġġett għal kwalunkwe tnaqqis previst f'dan ir-Regolament, u fil-perijodi preskritti. Sabiex il-ġestjoni tal-pagamenti diretti tkun aktar flessibbli, l-Istati Membri għandhom jitħallew iħallsu pagamenti diretti mqassma sa żewġ ħlasijiet kull sena.

(25) L-iskemi ta' appoġġ taħt il-PAK jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul dirett b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola. Dak l-objettiv huwa relatat mill-qrib mal-manteniment taż-żoni rurali. Biex tkun evitata kwalunkwe allokazzjoni ħażina tal-fondi tal-Komunità, l-ebda pagamenti ta' appoġġ m'għandhom isiru lill-bdiewa li artifiċjalment ħolqu l-kondizzjonijiet mitluba biex jinkisbu tali pagamenti.

(26) Sabiex jinkisbu l-objettivi tal-PAK, l-iskemi komuni ta' appoġġ għandhom jiġu aġġornati għall-iżviluppi li jsiru, fejn meħtieġ f'limiti ta' żmien qosra. Għaldaqstant, il-benefiċjarji ma jistgħux iserrħu fuq il-fatt li l-kondizzjonijiet għall-għajnuna mhux ser jinbidlu u għandhom ikunu ppreparati għal reviżjoni possibli tal-iskemi fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi jew tal-qagħda baġitarja.

(27) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa skema ta' pagament uniku li għaqqdet id-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti fi skema unika ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. L-esperjenza tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku turi li xi elementi tagħha jistgħu jiġu ssimplifikati għall-benefiċċju tal-bdiewa u l-amministrazzjonijiet. Barra minn hekk, peress li sadanittant ġiet implimentata l-iskema ta' pagament uniku mill-Istati Membri kollha li kienu mitluba jagħmlu hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet marbutin mal-implimentazzjoni inizjali tagħha skadew u għalhekkk dawn għandhom jiġu aġġustati. F'dan il-kuntest, f'xi każijiet ġie osservat nuqqas sinifikanti fl-użu tad-drittijiet għal pagamenti. Biex sitwazzjoni bħal din tiġi evitata u meta wieħed iqis il-fatt li l-bdiewa diġà huma familjari mal-funzjonament tal-iskema ta' pagament uniku, il-perijodu stabbilit fil-bidu għar-ritorn ta' drittijiet għal pagamenti mhux użati fir-riżerva nazzjonali għandu jonqos għal sentejn.

(28) Għandhom jinżammu l-elementi prinċipali tal-iskema ta' pagament uniku. B'mod partikolari, d-determinar ta' limiti massimi nazzjonali għandu jiżgura li l-livell totali ta' appoġġ u drittijiet ma jaqbżux il-limitazzjonijiet baġitarji attwali. L-Istati Membri għandhom joperaw ukoll riżerva nazzjonali li tista' tintuża biex tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' bdiewa ġodda fl-iskema jew biex iqisu ħtiġijiet speċifiċi f'ċerti reġjuni. Għandhom jiġu stabbiliti

regoli dwar it-trasferiment u l-użu ta' drittijiet għal pagamenti biex jiġi prevenut it-trasferiment spekulattiv u l-akkumulu ta' drittijiet għal pagamenti mingħajr bażi agrikola korrispondenti

(29) L-integrazzjoni progressiva ta' setturi ulterjuri fl-iskema ta' pagament uniku toħoq il-ħtieġa għar-reviżjoni tad-definizzjoni tal-art eliġibbli għall-benefiċċji tal-iskema jew għall-attivazzjoni tad-drittijiet għal pagamenti. Madankollu, għandu jiġi previst li jitħalla barra l-appoġġ għal żoni kkultivati bil-frott u l-ħxejjex fejn l-Istati Membri jkunu għażlu l-integrazzjoni diferita ta' dan is-settur fl-iskema ta' pagament uniku. Minbarra dan, għandhom jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi għall-qanneb li jipprevjenu l-għoti ta' appoġġ għal uċuħ illegali.

(30) Is-serħan obbligatorju tal-artijiet li jinħadmu ġie introdott bħala mekkaniżmu għall-kontroll tal-provvista. L-iżviluppi fis-suq tas-settur tal-uċuħ tar-raba' kkultivati flimkien mal-introduzzjoni ta' għajnuniet diżakkoppjati m'għadhomx jiġġustifikaw il-ħtieġa għaż-żamma ta' dan l-istrument, u għaldaqstant għandu jitneħħa. Drittijiet għas-serħan tal-artijiet stabbiliti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom għalhekk jiġu attivati fir-rigward tal-ettari li jkunu soġġetti għall-istess kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà bħal ta' kwalunkwe dritt iehor. It-tneħħija tal-obbligu għas-serħan tal-artijiet tista' twassal għar-riżultat li art li kienet eliġibbli għall-fini ta' attivar ta' drittijiet għas-serħan tal-artijiet ma tibqax iżjed eliġibbli. Sabiex tinżamm l-eliġibbiltà ta' tali art, għandu jiġi previst li ċerti żoni afforestati, inkluż dawk afforestati taħt skemi nazzjonali li jikkonformaw mar-regoli rilevanti fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew żoni soġġetti għal ċerti impenji ambjentali huma eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku.

(31) Wara l-integrazzjoni fl-iskema ta' pagament uniku tal-appoġġ tas-suq li qabel kien akkoppjat, il-valur tad-drittijiet għal pagamenti, f'dawk l-Istati Membri li ħadu l-għażla ta' implimentazzjoni storika, kien ibbażat fuq il-livell individwali tal-appoġġ tal-passat. Biż-żmien li għadda minn meta ġiet introdotta l-iskema ta' pagament uniku u wara l-integrazzjoni sussegwenti ta' aktar setturi f'dik l-iskema, qed issir ħaġa dejjem aktar diffiċli biex tiġi ġġustifikata l-leġittimità tad-differenzi individwali sinifikanti fil-livell tal-appoġġ li huwa bbażat biss fuq l-appoġġ tal-passat. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri li kienu għażlu l-mudell ta' implimentazzjoni storika għandhom taħt ċerti kondizzjonijiet jitħallew jirrevedu d-drittijiet għal pagamenti allokati bil-għan li l-valur tal-unità tagħhom jiġi approssimat filwaqt li jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja u l-objettivi tal-PAK. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni ġeografiċi meta jistabbilixxu l-valuri li joqorbu aktar. L-ibbilanċjar tad-drittijiet għal pagamenti għandu jsir waqt perijodu ta' transizzjoni adegwat u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għal-livelli varjabbli ta' appoġġ.

(32) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-Istati Membri kellhom l-għażla japplikaw l-iskema ta' pagament uniku permezz ta' implimentazzjoni storika jew reġjonali. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Istati Membri kellhom l-opportunità jivvalutaw l-effetti tal-għażla tagħhom fir-rigward ta' kemm tal-adegwatezza ekonomika tagħhom kif ukoll dik amministrattiva. Għaldaqstant l-Istati Membri għandhom jingħataw l-opportunità biex jirrevedu l-għażla inizjali tagħhom fid-dawl tal-esperjenza tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri li kienu applikaw il-mudell storiku għandhom jiġu awtorizzati jaqilbu għal applikazzjoni reġjonalizzata tal-iskema ta' pagament uniku skont l-għażliet diġà previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jitħallew jaġġustaw id-distribuzzjoni territorjali ta' appoġġ dirett billi gradwalment jeffettwaw ridistribuzzjoni gradwali bejn ir-reġjuni. Din l-għażla tagħti lill-Istati Membri iżjed flessibbiltà biex jimmiraw l-appoġġ dirett bl-iżjed mod xieraq abbażi tal-objettivi mniżżla fl-Artikolu 33 tat-Trattat u abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-kriterji tal-potenzjal agrikolu u dawk ambjentali. Barra minn hekk, l-Istati Membri li kienu għażlu li japplikaw il-mudell reġjonali għandhom jingħataw l-għażla li jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom taħt ċerti kondizzjonijiet bil-għan li japprossimaw il-valur tad-drittijet għal pagamenti skont fażijiet annwali stabbiliti minn qabel filwaqt li jkunu konformi mal-prinċipji ġenerali tal-leġislazzjoni Komunitarja u l-objettivi tal-PAK. Tali bidliet għandhom isiru waqt perijodu ta' transizzjoni adegwat u fi ħdan firxa limitata ta' tnaqqis sabiex il-bdiewa jitħallew jadattaw b'mod raġonevoli għall-livelli ta' appoġġ li qed jinbidlu.

(33) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, filwaqt li jdaħħal l-iskema ta' pagament uniku diżakkoppjat, ippermetta lill-Istati Membri jeskludu għal kollox jew parzjalment ċerti pagamenti minn dik l-iskema. Dak ir-Regolament ippreveda wkoll l-eżami mill-ġdid u r-reviżjoni possibbli ta' din l-għażla fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq u dawk strutturali. Analiżi tal-esperjenza rilevanti turi li d-diżakkoppjar idaħħal flessibbiltà fl-għażla tal-prodotti li għandhom jiġu kkultivati, li tippermetti lill-bdiewa jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-produzzjoni abbażi tal-gwadann u r-reazzjoni fis-suq. Dan huwa l-każ partikolarment għall-uċuħ tar-raba' kkultivati u s-settur tal-ħops, kif ukoll sa ċertu punt, is-setturi taċ-ċanga u l-vitella u taż-żrieragħ. Għaldaqstant, il-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-uċuħ tar-raba' kkultivati u dawk tal-ħops, għandhom jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku mill-2010. Fil-każ tal-ħops, ir-Regolament (KE) Nr 1782/2003 ppermetta lill-Istati Membri jagħtu parti mill-pagament skont l-erja għall-ħops lil organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti. Sabiex jippermetti lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi jkomplu l-attivitajiet tagħhom bħal qabel,

ir-Regolament (KE) 1234/2007, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 72/2009 ta' 19 ta' Jannar 2009 dwar il-modifiki għall-Politika Agrikola Komuni ([1]) jipprevedi ammonti ekwivalenti li għandhom jintużaw fl-Istat Membru kkonċernat għall-istess attivitajiet. Dawn l-ammonti għandhom għalhekk jitnaqqsu mil-limiti nazzjonali previsti f'dan ir-Regolament għal dak l-Istat Membru. Sabiex il-bdiewa fis-setturi tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella u taż-żrieragħ jaġġustaw għall-arranġamenti ta' appoġġ ġodda, għandha tiġi prevista l-integrazzjoni tal-pagamenti taċ-ċanga u l-vitella u l-għajnuna għaż-żrieragħ li għandha titwettaq mhux aktar tard mill-2012. Peress li l-pagamenti parzjalment akkoppjati fis-setturi tal-frott u tal-ħxejjex iddaħħlu biss dan l-aħħar, u bħala miżura temporanja biss, l-esklużjoni ta' tali pagamenti mill-iskema ta' pagament uniku għandha titħalla tkompli, waqt li l-Istati Membri għandhom jitħallew jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jiżdied il-grad ta' diżakkoppjament.

(34) Madankollu, fir-rigward tas-settur tal-laħam tal-baqar li jreddgħu u tan-nagħaġ u tal-laħam tal-mogħoż, jidher li possibbilment għadha meħtieġa ż-żamma tal-livell minimu ta' produzzjoni agrikola għall-ekonomiji agrikoli f'ċerti reġjuni u, b'mod partikolari, fejn il-bdiewa m'għandhomx rikors għal alternattivi ekonomiċi oħra. F'dan l-isfond, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jżommu l-appoġġ akkoppjat fil-livell attwali, jew f'livell aktar baxx. F'dak il-każ, għandha ssir dispożizzjoni speċjali għal konformità mal-ħtiġiet ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini ([3]), b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-annimali.

(35) F'każijiet definiti b'mod ċar l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw sa 10 % tal-limiti massimi tagħhom għall-għoti tal-appoġġ speċifiku. Tali appoġġ għandu jippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali u dwar il-benessri tal-annimali u jtejbu l-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli. Għandu jkun hemm disponibbli wkoll appoġġ speċifiku bħala protezzjoni kontra l-konsegwenzi tat-tneħħija gradwali tal-kwoti tal-ħalib u tad-diżakkoppjar tal-appoġġ f'setturi li huma partikolarment sensittivi. Minħabba l-importanza dejjem tikber tal-ġestjoni effettiva tar-riskji, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jikkontribwixxu finanzjament għall-primjums li l-bdiewa jħallsu għall-assigurazzjoni tal-uċuħ kif ukoll għall-finanzjament tal-kumpens għal ċertu telf ekonomiku fil-każ ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti. Bil-ħsieb li jiġu sodisfatti l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, ir-riżorsi li jistgħu jintużaw għal kwalunkwe miżura ta' appoġġ akkoppjat għandhom ikunu limitati għal livell xieraq filwaqt li jkunu permessi miżuri transitorji għall-Istati Membri li jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari. Il-kondizzjonijiet applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal premjums tal-assigurazzjoni u l-kumpens tal-uċuħ, tal-annimali u tal-pjanti firrigward tal-mard tal-annimali jew tal-pjanti u inċidenti ambjentali għandhom jiġu stabbiliti kif meħtieġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri li għamlu użu mill-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jingħatalhom perijodu transitorju suffiċjenti sabiex ikun hemm transizzjoni bla xkiel għar-regoli l-ġodda dwar appoġġ speċifiku.

(36) L-esperjenza wriet li attwalment l-Istati Membri ma jużawx l-ammont kollu tal-fondi disponibbli taħt il-limiti nazzjonali għall-iskema ta' pagament uniku, b'mod partikolari meta d-drittijiet għal pagament ma jkunux ġew attivati. Sabiex ikun iffaċilitat użu aktar effiċjenti tal-fondi, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħtu appoġġ 'il fuq mil-limiti massimi nazzjonali tagħhom sa ammont li l-livell tiegħu jiżgura li dan jibqa' fil-marġini tan-nuqqas ta' nefqa tal-limitu massimu nazzjonali. Dan l-ammont għandu jkun ikkalkulat abbażi tan-nuqqas ta' nefqa tal-baġit għas-sena disponibbli l-aktar reċenti u m'għandux ipoġġi f'dubju r-rispett tal-ammont massimu nett totali għall-pagamenti diretti għal kull Stat Membru. Għal din ir-raġuni u biex ikun żgurat li l-bdiewa ma jiffaċċjawx tnaqqis mhux previst fil-pagamenti, il-kalolu għandu jsir fl-ambitu ta' ċerti marġini ta' sigurtà. Dawn l-ammonti għandhom jintużaw jew għall-finanzjament ta' ċertu appoġġ jew ittrasferiti lill-FAEŻR.

(37) Il-pagamenti diretti taħt l-iskema ta' pagament uniku kienu bbażati fuq l-ammonti ta' referenza ta' pagamenti diretti li kienu rċevuti fl-imgħoddi jew fuq ammonti reġjonalizzati għal kull ettaru. Il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda ma rċevewx pagamenti diretti Komunitarji u ma għandhom l-ebda referenzi storiċi għas-snin kalendarji 2000, 2001 u 2002. Għalhekk, saret dispożizzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 biex l-iskema ta' pagament uniku fl-Istati Membri l-ġodda tiġi bbażata fuq ammonti reġjonalizzati għal kull ettaru. Madankollu, bosta snin wara l-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda fil-Komunità, jista' jiġi kkunsidrat l-użu ta' perijodi ta' referenza għal dawk l-Istat Membri l-ġodda li għadhom ma mxewx għall-iskema ta' pagament uniku. Bil-għan li tiġi ffaċilitata t-transizzjoni fl-iskema ta' pagament uniku u. b'mod partikolari, biex jiġu prevenuti applikazzjonijiet spekulattivi, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jiġu awtorizzati, li għall-iskop tal-kalkolu tad-drittijiet għal pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku, iqisu dawk l-erji li lilhom, storikament, kien ingħata appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.

(38) Taħt l-għażla reġjonalizzata għall-iskema ta' pagament uniku l-Istati Membri l-ġodda għandu jkollhom il-possibbiltà li jaġġustaw il-valur tad-drittijiet għall-pagament għal

([1]) Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.
([3]) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.

kull ettaru abbażi ta' kriterji oġġettivi biex jiġi żgurat trattament ugwali bejn il-bdiewa u jiġu evitati d-distorzjonijiet tas-suq.

(39) L-Istati Membri l-ġodda għandu jkollhom l-istess possibbilitajiet bħall-Istati Membri l-oħra biex jimplimentaw parzjalment l-iskema ta' pagament uniku.

(40) Id-diżakkoppjar ta' appoġġ dirett u l-introduzzjoni tal-iskema ta' pagament uniku kienu elementi essenzjali fil-proċess tar-riforma tal-PAK. Madankollu, fl-2003 għal bosta raġunijiet kien meħtieġ li jinżamm appoġġ xjentifiku għal numru ta' uċuħ tar-raba'. L-esperjenza miksuba waqt l-appilkazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 flimkien mal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq tindika li skemi li fl-2003 tħallew barra mill-iskema ta' pagament uniku issa jistgħu jiġu integrati f'dik l-iskema bil-għan tal-promozzjoni ta' agrikoltura aktar sostenibbli u orjentata għas-suq. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tas-settur taż-żejt taż-żebbuġa, fejn ġie applikat biss diżakkoppjar marġinali, kif ukoll tal-qamħ durum, uċuħ tal-proteini, ross, lamtu tal-patata u ġewż, fejn l-effettività dejjem tonqos ta' pagamenti akkoppjati pendenti tappoġġa l-għażla ta' diżakkoppjar. Fil-każ ta' kittien u qanneb, l-għalf imnixxef u l-lamtu tal-patata, l-appoġġ għall-ipproċessar għandu jiġi diżakkopjat ukoll u l-ammonti rilevanti jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku. Fir-rigward ta' uċuħ tal-proteini, ross, lamtu tal-patata, ġewż u kittien u qanneb, sabiex il-produtturi jitħallew jaġġustaw, hu adatt li jintegraw dawn l-għajnuniet għal dawk is-setturi fl-iskema ta' pagament uniku mill-2012 waqt li fl-istess ħin u bl-eċċezzjoni tal-għajnuniet għall-ipproċessar li huma trattati skont ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri jitħallew jiddeċiedu dwar data aktar bikrija għall-integrazzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-ġewż, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikomplu jħallsu s-sehem nazzjonali ta' l-għajnuna b'mod akkoppjat sabiex jipproteġu kontra l-effetti tad-diżakkoppjar.

(41) Bħala riżultat tal-integrazzjoni ta' aktar setturi fl-iskema ta' pagament uniku, għandha ssir dispożizzjoni għall-kalkolu tal-livell ġdid tal-appoġġ ta' dħul individwali taħt dik l-iskema. Fil-każ tal-ġewż, il-lamtu tal-patata, il-kittien u l-qanneb u l-għalf imnixxef, tali żieda għandha tingħata abbażi tal-appoġġ li jkunu rċevew il-bdiewa fis-snin l-aktar reċenti. Madankollu, fil-każ tal-integrazzjoni tal-pagamenti li kienu parzjalment esklużi mill-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla li jużaw il-perijodi ta' referenza oriġinali. Għal-lamtu tal-patata, l-ammonti disponibbli għal distribuzzjoni fil-Ġermanja u l-Olanda għandhom jieħdu kont tal-fornimenti transkonfini ta' lamtu tal-patata prodott f'wieħed minn dawk l-Istati Membri għall-ipproċessar fl-ieħor. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jkopru l-ħtiġijiet speċifiċi tas-setturi agrikoli tagħhom u biex jiżguraw li l-għajnuna li l-bdiewa rċevew fl-imgħoddi ma tiġix imnaqqsa drastikament, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw, skont ċerti limiti, il-fondi li kienu se jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku bħala appoġġ għall-bdiewa li eżerċitaw ċerti attivitajiet agrikoli f'setturi oħra matul l-istess snin, bħall-użu ta' artijiet erbaċei jew it-trobbija tal-annimali.

(42) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija bil-għan li jassisti għall-iżvilupp tas-settur. Minħabba żviluppi reċenti fis-settur tal-bijoenerġija u, b'mod partikolari, minħabba d-domanda qawwija għal prodotti bħal dawn fis-swieq internazzjonali u l-introduzzjoni ta' miri vinkolanti fir-rigward tas-sehem tal-bijoenerġija tal-fjuwil totali sal-2020 m'għadx hemmx raġuni suffiċjenti għall-għoti ta' appoġġ speċifiku għall-uċuħ ta' enerġija.

(43) Meta s-settur tal-qoton ġie integrat fl-iskema ta' pagament uniku, ġie kkunsidrat bħala meħtieġ għal parti mill-appoġġ biex tibqa' marbuta mal-kultivazzjoni tal-qoton permezz ta' pagament speċifiku għal wiċċ individwali għal kull ettaru eliġibbli sabiex jiġi assigurat kontra kwalunkwe riskju ta' tfixkil fil-produzzjoni fir-reġjuni tal-produzzjoni tal-qoton. Din l-għażla għandha tinżamm skont l-objettivi, stabbiliti fil-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton mehmuż mal-Att ta' Adeżjoni tal-1979.

(44) Biex jipproteġu kontra l-effetti tal-proċess tar-ristrutturar fl-Istati Membri li kienu taw għajnuna għar-ristrutturar previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità ([1]), għandha tinżamm l-għajnuna prevista għal massimu ta' ħames snin konsekuttivi għall-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli.

(45) Meta s-settur tal-frott u l-ħxejjex ġie integrat fl-iskema ta' pagament uniku, kienet prevista għajnuna għal erja temporanjament akkoppjata għall-frawli u l-lampun. Hu adatt li dan l-appoġġ jiġi estiż lil hemm mill-iskadenza oriġinali taż-żmien waqt li fl-istess ħin ikun previst diżakkoppjament ta' dan l-appoġġ mill-produzzjoni. Il-limiti massimi nazzjonali għandhom jiġu aġġustati sabiex jittieħed kont ta' dan.

(46) L-iskema transizzjonali ta' appoġġ issimplifikat għall-għoti ta' pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda bbażat fuq l-erji, jiġifieri l-iskema ta' pagament uniku, ġiet ipprovata bħala sistema effiċjenti u sempliċi għall-għoti ta' appoġġ ta' dħul għall-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri l-ġodda li għażlu li japplikaw l-iskema għandhom jitħallew ikomplu japplikawha sa tmiem l-2013.

(47) Wara r-riformi rispettivi tas-setturi taz-zokkor u tal-frott u l-ħxejjex u l-integrazzjoni tagħhom fl-iskema ta' pagament uniku, dawk l-Istati Membri li kienu għażlu li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandhom jitħallew jagħtu appoġġ ta' dħul lil dawk li jkabbru l-pitravi taz-zokkor, il-kannamieli u ċ-ċikwejra u lil produtturi ta' ċertu frott u ħxejjex fil-forma ta' pagamenti

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.

separati. Bl-istess mod, dawn l-Istati Membri għandhom jitħallew iħallsu appoġġ speċifiku separat taħt kondizzjonijiet simili għal dawk applikabbli fl-Istati Membri l-oħra.

(48) B'konsegwenza tad-dħul f'fażijiet ta' pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda, l-Istati Membri l-ġodda tħallew jagħtu pagamenti diretti nazzjonali li huma komplementari. Il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' pagamenti bħal dawn għandhom jinżammu.

(49) Fl-allokazzjoni inizjali tad-drittijiet għal pagamenti min-naħa tal-Istati Membri, ċerti żbalji rriżultaw f'pagamenti partikolarment għoljin għall-bdiewa. Din in-non-konformità normalment għandha tkun is-suġġett ta' korrezzjoni finanzjarja saż-żmien fejn jittieħdu l-miżuri korrettivi. Madankollu, b'kont meħud taż-żmien li għadda minn meta d-drittijieti ta' pagament ġew allokati għall-ewwel darba, il-korrezzjoni meħtieġa għandha twassal għal piżijiet legali u amministrattivi sproporzjonati għall-Istati Membri. Fl-interess taċ-ċarezza legali, l-allokazzjoni ta' tali pagamenti għandha għalhekk tkun irregolarizzata.

(50) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, Franza, l-Portugall u Spanja ddeċidew li jeskludu mill-iskema ta' pagament uniku, il-pagamenti diretti li saru fid-dipartimenti barranin Franċiżi, l-Ażori u l-Madejra u l-Gżejjer Kanarji rispettivament u jagħtuhomlhom skont il-kondizzjonijiet li hemm provvediment għalihom taħt it-Titolu IV ta' dak ir-Regolament. Parti mill-għajnuna prevista f'dak it-Titolu ġiet kompletament integrata fl-iskema ta' pagament uniku. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u biex jittieħed kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, tali għajnuna għandha tiġi ġestita fil-programmi ta' appoġġ stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni ([1]). Għal dan il-għan, il-fondi rilevanti għandhom jiġu trasferiti mill-livelli massimi nazzjonali ta' pagamenti diretti għall-ammont finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 23 (2) f' dak ir-Regolament. Sabiex l-Istati Membri kkonċernati jkunu jistgħu jadattaw il-programmi ta' appoġġ, trasferimenti bħal dawn għandhom isiru biss fl-2010. Sadanittant, il-pagamenti diretti ser japplikaw għar-reġjuni l-aktar remoti taħt il-kondizzjonjiet provduti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Ir-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif adegwat.

(51) Għandu jiġi speċifikat li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jistgħu jwasslu għal imġiba ta' Stat Membru possibbilment kostituttiv ta' għajnuna Statali huma, ħlief meta previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, esklużi mill-applikazzjoni tar-regoli Statali ta' għajnuna minħabba li d-dispożizzjonijiet ikkonċernati jinkludu kondizzjonijiet xierqa għall-għoti ta' appoġġ, jew jinkludu l-adozzjoni ta' tali kondizzjonijiet mill-Kummissjoni, sabiex jevitaw distorsjoni mhux debita ta' kompetizzjoni.

(52) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]).

(53) Sabiex kemm l-Istati Membri kif ukoll il-komunità agrikola jibbenefikaw mill-mekkaniżmi ta' simplifikazzjoni introdotti minn dan ir-Regolament, u b'mod partikolari mit-tneħħija tal-obbligu mwarrab, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009. Madankollu, dawk id-dispożizzjonijiet li jistgħu jnaqqsu d-drittijiet tal-bdiewa jew joħolqu obbligi ġodda inter alia l-obbligi ta' konformità ta' kundizzjonalità li magħhom iridu jikkonformaw il-bdiewa matul is-sena, għandhom japplikaw mill-2010 u, fil-każ tal-istandard dwar l-istabbiliment ta' strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma sal-31 ta' Jannar 2012. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandu jkollhom biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jippermettu aktar diżakkoppjar ta' pagamenti diretti u ta' dawk li jippermettulhom jirrevedu d-deċiżjonijiet meħudin fil-kuntest tar-riforma 2003. Għal din ir-raġuni d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss mill-2010 u r-Regolament revokat (KE) Nru 1782/2003 għandu jiġi applikat matul l-2009 għal dawk l-iskemi ta' għajnuna li ser jiġu integrati biss fl-iskema ta' pagament uniku mill-2010,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

**KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

(a) regoli komuni dwar pagamenti diretti;

(b) skema ta' appoġġ ta' dħul għall-bdiewa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-iskema ta' pagament uniku");

(c) skema ta' appoġġ ta' dħul issimplifikat u transitorju għall-bdiewa fl-IStati Membri l-ġodda kif definita fl-Artikolu 2(g) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "skema ta' pagament uniku");

(d) skemi ta' appoġġ għall-bdiewa li jipproduċu r-ross, il-patata tal-lamtu, il-qoton, iz-zokkor, il-frott u l-ħxejjex, il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u ċ-ċanga u l-vitella;

([1]) ĠU L 42, 14.2.2006, p.1.

([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(e) qafas li jippermetti lill-Istati Membri l-ġodda kif definit fl-Artikolu 2(g) li jikkomplimentaw il-pagamenti diretti.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) "bidwi" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, hu x'inhu l-istatus legali mogħti lil dan il-grupp u lill-membri tiegħu mil-liġi nazzjonali, li l-azjenda tiegħu tinsab f'territorju Komunitarju, kif definit fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jeżerċita attività agrikola;

(b) "impriża" tfisser l-unitajiet kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi li jinstabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(c) "attività agrikola" tfisser il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, il-produzzjoni tal-ħalib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma ta' annimali għal skopijiet ta' biedja, jew iż-żamma tal-art f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit fl-Artikolu 6;

(d) "pagament dirett" tfisser pagament mogħti direttament lil bdiewa taħt skema ta' appoġġ ta' dħul imniżżla fl-Anness I;

(e) "pagamenti f'sena kalendarja partikolari" jew "pagament fil-perijodu rappreżentattiv" tfisser pagamenti mogħtija jew li ser jingħataw għas-sena jew għas-snin ikkonċernati, inklużi l-pagamenti kollha għal perijodi oħra li jibdew f'dik is-sena kalendarja jew is-snin kalendarji;

(f) "prodotti agrikoli" tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, iżda bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd;

(g) "l-Istati Membri l-ġodda" tfisser il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja;

(h) "erja agrikola" tfisser l-erja totali kollha użata bħala art għall-kultivazzjoni, mergħa permanenti jew uċuħ permanenti;

*Artikolu 3*

**Iffinanzjar ta' pagamenti diretti**

L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ffinanzjati skont l-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.

TITOLU II

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI DWAR IL-PAGAMENTI DIRETTI**

KAPITOLU 1

***Kundidizzjonalità***

*Artikolu 4*

**Ħtiġiet prinċipali**

1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jissodisfa l-ħtiġiet ta' ġestjoni statutorji mniżżla fl-Anness II u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6.

L-obbligi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw biss safejn jirrigwarda l-attività agrikola tal-bidwi jew f'dak li jikkonċerna il-qasam agrikolu tal-impriża.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-bidwi, fost oħrajn bl-użu ta' mezzi elettroniċi, lista ta' ħtiġiet amministrattivi statutorji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali t-tajba li jridu jiġu rispettati.

*Artikolu 5*

**Kondizzjonijiet amministrattivi statutorji**

1. Il-kondizzjonijiet amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II għandhom ikunu stabbiliti mil-leġislazzjoni Komunitarja fl-oqsma li ġejjin:

(a) saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u l-pjanti,

(b) ambjent,

(c) benessri tal-annimali.

2. L-atti msemmija fl-Anness II għandhom japplikaw kif fis-seħħ u, fil-każ tad-Direttivi, kif implementati mill-Istati Membri.

*Artikolu 6*

**Kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m'għadhiex tintuża għal finijiet ta' produzzjoni, tinżamm f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, il-livell nazzjonali jew reġjonali, il-kondizzjonijiet minimi għall-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba abbażi tal-qafas stabbilit fl-Anness III, wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati, inklużi l-kondizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, l-użu tal-art, in-newba tal-uċuħ tar-raba', prattiki tal-biedja, u l-istrutturi tal-farms. L-Istati Membri ma jistgħux jiddefinixxu l-ħtiġiet minimi li mhumiex previsti f'dak il-qafas.

L-istandards elenkati fit-tielet kolonna tal-Anness III m'għandhomx ikunu obbligatorji għajr meta:

(a) għal standard bħal dan, Stat Membru jkun iddefinixxa ħtieġa minima għall-kondizzjoni agrikoli u ambjentali t-tajba qabel l-1 ta' Jannar 2009; u/jew

(b) regoli nazzjonali li jindirizzaw l-istandard ikunu applikati fl-Istat Membru.

2. L-Istati Membri minbarra l-Istati Membri l-ġodda għandhom jiżguraw li l-art li kienet mergħa permanenti fid-data mniżżla fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-erja tal-2003 tinżamm mergħa permanenti. L-Istati Membri l-ġodda minbarra l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiżguraw illi l-art li kienet mergħa permanenti fl-1 ta' Mejju 2003 tinżamm mergħa permanenti. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiżguraw li art li kienet mergħa permanenti fl-1 ta' Jannar 2007 tinżamm bħala mergħa permanenti.

Madankollu Stat Membru jista', f'ċirkustanzi debitament iġġustifikati, jidderoga mill-ewwel subparagrafu, sakemm jieħu azzjoni biex jipprevjeni li jkun hemm tnaqqis sinifikanti fl-erja totali tiegħu ta' mergħa permanenti.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal art ta' mergħa permanenti li għandha tingħata għat-tisġir, jekk tali tisġir hu kompatibbli mal-ambjent u bl-esklużjoni ta' msaġar tas-siġar tal-Milied u speċi li jikbru malajr ikkultivati għal perijodu qasir.

*KAPITOLU 2*

## *Modulazzjoni u dixxiplina finanzjarja*

*Artikolu 7*

### Modulazzjoni

1. Kwalunkwe ammont ta' pagamenti diretti li ser jingħata lil bidwi f'sena kalendarja partikolari li jaqbeż l-EUR 5 000 għandu jiġi mnaqqas għal kull sena sal-2012 bil-perċentwali li ġejjin:

(a) fl-2009: b'7 %,

(b) fl-2010: bi 8 %,

(c) fl-2011: b'9 %,

(d) fl-2012: b'10 %.

2. It-tnaqqis previst fil-paragrafu 1 għandu jiżdied b'4 punti perċentwali għal ammonti li jeċċedu EUR 300 000.

3. Il-paragafi 1 u 2 ma japplikawx għall-pagamenti diretti mogħtija lill-bdiewa fid-dipartimenti barranin Franċiżi, fl-Ażores u l-Madeira u fil-Gżejjer Kanarji u l-gżejjer Eġej.

*Artikolu 8*

### Limiti massimi nett

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, l-ammonti totali nett ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw lil Stat Membru fir-rigward ta' sena kalendarja wara l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 u bl-eċċezzjoni tal-pagamenti diretti mogħtija skont ir-Regolamenti (KE) Nru 247/2006 u (KE) Nru 1405/2006 m'għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi stipulati fl-Anness IV għal dan ir-Regolament. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom iwettqu tnaqqis lineari fl-ammonti ta' pagamenti diretti li huma soġġetti għat-tnaqqis previst fl-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 sabiex jikkonformaw mal-limiti massimi mniżżla f'dak l-Anness.

2. F'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness IV għal dan ir-Regolament sabiex jiġu meqjusa:

(a) il-modifiki fl-ammonti massimi ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw,

(b) il-modifiki fis-sistema ta' modulazzjoni volontarja msemmija fir-Regolament (KE) Nru 378/2007,

(c) bidliet strutturali għall-azjendi,

(d) trasferimenti għall- FAEŻR skont l-Artikolu 136 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

### Ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni

1. L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis previst fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, fi kwalunkwe Stat Membru minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom ikunu disponibbli bħala appoġġ Komunitarju addizzjonali għal miżuri tal-ipprogrammar ta' żvilupp rurali ffinanzjat taħt il- FAEŻR kif speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 1698/2005, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. L-ammonti li jikkorrispondu għal punt wieħed fil-mija għandhom ikunu allokati lill-Istati Membru fejn ikunu ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti. L-ammonti li jikkorrispondi għat-tnaqqis b' 4 punti perċentwali għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kkonċernati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) l-erja agrikola;

(b) l-impjieg agrikolu;

(c) il-prodott gross domestiku (PDG) 'per capita' ikkalkolat f'kapaċità ta' xiri.

Madankollu, kwalunkwe Stat Membru kkonċernat għandu jirċievi talanqas 80 % tal-ammonti totali kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, iġġenerati f'dak l-Istat Membru.

3. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, jekk fi Stat Membru l-proporzjon tas-segala bħala parti mill-produzzjoni totali tiegħu taċ-ċereali taqbeż il-5 % bħala medja matul il-perijodu 2000-2002 u l-proporzjon tiegħu tal-produzzjoni Komunitarja totali tas-segala jaqbeż il-50 % matul l-istess perijodu, talanqas 90 % tal-ammonti ġġenerati mill-modulazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat għandhom jerġgħu jiġu allokati lil dak l-Istat Membru, sal-2013 inkluża.

F'tali każ, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltajiet previsti fl-Artikolu 68, talanqas 10 % tal-ammont allokat lill-Istat Membru kkonċernat għandu jkun disponibbli għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-reġjuni li jipproduċu s-segala.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "ċereali" għandha tfisser il-prodotti elenkati fl-Anness V.

4. Il-kumplament tal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) u l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) għandhom jiġu allokati lill-Istat Membru fejn ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2). Dawn għandhom jintużaw skont l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

*Artikolu 10*

**Regoli speċjali għall-modulazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda**

1. L-Artikolu 7 għandu japplika għal bdiewa fi Stat Membru ġdid fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari biss jekk il-livell ta' pagamenti diretti applikabbli f'dak l-Istat Membru u għal dik is-sena kalendarja skont l-Artikolu 121 ikun mill-anqas ugwali għal-livell applikabbli l-Istati Membri minbarra fl-Istati Membri l-ġodda, filwaqt li jittieħed kont ta' kull tnaqqis applikat skont l-Artikolu 7(1).

2. Fil-każ li l-Artikolu 7 jkun japplika għal bdiewa fi Stat Membru ġdid, il-perċentwali applikabbli skont l-Artikolu 7(1) għandu jkun limitat għad-differenza bejn il-livell ta' pagamenti diretti applikabbli għalih skont l-Artikolu 121 u l-livell fl-Istati Membri minbarra l-IStati Membri l-ġodda, filwaqt li jitqies kull tnaqqis applikat skont l-Artikolu 7(1).

3. Kwalunkwe ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) u (2) għandu jiġi allokat lill-Istat Membru fejn ikunu ġew iġġenerati l-ammonti korrispondenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2). Dawn għandhom jintużaw skont l-Artikolu 69(5a) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

*Artikolu 11*

**Dixxiplina finanzjarja**

1. Bil-ħsieb li jkun żgurat li l-ammonti għall-finanzjament tan-nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti tal-PAK preżentament taħt l-intestatura 2 tal-Anness I għall-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda ([1]) jirrispettaw il-limiti massimi annwali kif imniżżla fid-Deċiżjoni 2002/929/KE tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill fit-18 ta' Novembru 2002, dwar il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Brussell fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2002 ([2]), aġġustament tal-pagamenti diretti għandu jkun determinat meta l-previżjonijiet għall-finanzjament tal-miżuri msemmija qabel taħt l-intestatura 2 għal sena finanzjarja partikolari, żdiedu bl-ammonti mogħtija fl-Artikoli 134 u 135 ta' dan ir-Regolament u qabel l-applikazzjoni tal-modulazzjoni prevista fl-Artikoli 7 u 10 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 1 (1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007, jindikaw li l-limitu massimu applikabbli msemmi qabel, b'kont meħud tal-marġni ta' EUR 300 000 000 taħt dak il-limitu, ser jinqabeż.

2. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni ppreżentata mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja li fiha japplikaw l-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 1, għandu jiddetermina dawn l-aġġgustamenti mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tal-istess sena kalendarja.

3. Fil-qafas tal-applikazzjoni tal-iskeda taż-żidiet prevista fl-Artikolu 121 għall-pagamenti diretti kollha li ngħataw fl-IStati Membri l-ġodda, il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-IStati Membri l-ġodda qabel il-bidu tas-sena kalendarja, li fiha l-livell tal-pagamenti diretti li japplika fl-IStati Membri l-ġodda jkun talanqas ugwali għal dak li kien il-livell applikabbli ta' tali pagamenti fl-Istati Membri li mhumiex Stati Membri ġodda.

*KAPITOLU 3*

***Sistema konsultattiva għall-farms***

*Artikolu 12*

**Sistema konsultattiva għall-farms**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema biex jagħtu pariri lill-bdiewa dwar il-ġestjoni tal-art u tal-farm (minn hawn 'il quddiem imsejħa s-"sistema konsultatttiva għall-farms") imħaddma minn awtorità waħda jew aktar nominati apposta jew minn entitajiet privati.

2. Is-sistema konsultatttiva tal-farm għandha talanqas tkopri l-ħtiġiet amministrattivi statutorji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fil-Kapitolu I.

3. Il-bdiewa jistgħu jipparteċipaw fis-sistema konsultattiva għall-farms fuq bażi voluntarja.

L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw, skont kriterji oġġettivi, il-kategoriji ta' prijorità ta' bdiewa li għandhom aċċess għas-sistema konsultattiva għall-farms.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 323, 28.11.2002, p.48.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tas-sistema konsultattiva għall-farms, akkumpanjat, jekk meħtieġ, bi proposti adegwati.

*Artikolu 13*

**Obbligi ta' awtoritajiet nominati u korpi privati**

Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nominati u l-korpi privati msemmija fl-Artikolu 12(1) ma jikxfux informazzjoni personali jew individwali u data miksuba minnhom matul l-attività konsultattiva tagħhom lil persuni oħra għajr il-bidwi li jmexxi l-impriża kkonċernata, bl-eċċezzjoni ta' xi irregolarità jew ksur ta' liġi misjuba waqt l-attività tagħhom, u li hu kopert b'obbligu stabbilit fil-liġi Komunitarja jew nazzjonali biex tiġi infurmata awtorità pubblika, b'mod partikolari fil-każ ta' reat kriminali.

KAPITOLU 4

***Sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll***

*Artikolu 14*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jopera sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, (minn hawn 'il quddiem imsejħa is-"sistema integrata").

Is-sistema integrata għandha tapplika għall-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I.

Safejn hu meħtieġ, għandha tapplika wkoll għall-amministrazzjoni u l-kontroll tar-regoli mniżżla fil-Kapitoli 1 u 2 ta' dan it-Titolu.

*Artikolu 15*

**Elementi tas-sistema integrata**

1. Is-sistema integrata għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) bażi tad-data kkompjuterizzata;

(b) sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli;

(c) sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għal pagament;

(d) applikazzjonijiet għall-għajnuna;

(e) sistema integrata ta' kontroll;

(f) sistema waħda biex tkun irreġistrata l-identità ta' kull bidwi li jissottometti applikazzjoni għall-għajnuna.

2. Fejn japplikaw l-Artikoli 52 u 53 ta' dan ir-Regolament, is-sistema integrata għandha tinkorpora sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali stabbilita skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1760/2000 u (KE) Nru 21/2004.

3. L-Istati Membri jistgħu jinkludu sistema ta' informazzjoni ġeografika għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ fis-sistema tal-identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli.

*Artikolu 16*

**Bażi tad-data kkompjuterizzata**

1. Il-bażi tad-data kkompjuterizzata għandha tirreġistra, għal kull impriża agrikola, id-data miksuba mill-applikazzjonjiet għall-għajnuna.

Din il-bażi tad-data għandha, b'mod partikolari, permezz tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, tippermetti konsultazzjoni diretta u immedjata, tad-data relatata mas-snin kalendarji u/jew tas-suq mill-2000 'il quddiem. Hija għandha tippermetti wkoll konsultazzjoni diretta u immedjata tad-data li tirrigwarda l-erba' snin ta' qabel.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu bażijiet ta' data deċentralizzati bil-kondizzjoni illi dawn, u l-proċeduri amministrattivi għar-reġistrazzjoni u l-aċċess għad-data, jiġu mfassla b'mod omoġenju fit-territorju kollu tal-Istat Membru u li jkunu kompatibbli ma' xulxin biex ikunu jistgħu jsiru kontroverifiki.

*Artikolu 17*

**Sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli**

Is-sistema ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli għandha tkun stabbilita abbażi ta' mapep jew dokumenti ta' reġistrar tal-artijiet jew referenzi kartografiċi oħra. Għandu jsir użu minn tekniki ta' sistema ta' informazzjoni ġeografika kompjuterizzata, inkluż preferibbilment 'orthoimagery' mill-ajru jew mill-ispazju, b'garanzija ta' standard ta' preċiżjoni omoġenja, ekwivalenti talanqas għall-kartografija bi skala ta' 1:10 000.

*Artikolu 18*

**Sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għal pagament**

1. Sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għal pagament għandha tkun stabbilita b'mod li jkunu jistgħu jsiru verifikazzjoni tad-drittijiet u kontroverfiki mal-applikazzjonijiet għal għajnuna u s-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli.

2. Is-sistema li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tippermetti, permezz tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, konsultazzjoni diretta u immedjata tad-data relatata talanqas mal-aħħar erba' snin kalendarji konsekuttivi.

*Artikolu 19*

**Applikazzjonijiet għal għajnuna**

1. Kull sena, bidwi għandu jippreżenta applikazzjoni għal pagamenti diretti filwaqt li jindika, fejn hu applikabbli:

(a) il-ħbula agrikoli kollha fl-impriża, u fejn l-Istat Membru jkun qed japplika l-Artikolu 15(3), l-għadd ta' siġar taż-żebbuġ u l-pożizzjoni tagħhom fil-ħabel;

(b) id-drittjiet għall-pagamenti ddikjarati għal attivazzjoni;

(c) kull informazzjoni oħra pprovduta b'dan ir-Regolament jew mill-Istat Membru kkonċernat.

2. Stat Membru għandu jipprovdi, fost oħrajn bl-użu ta' mezzi elettroniċi, formoli stabbiliti minn qabel ibbażati fuq l-erji determinati fis-sena preċedenti kif ukoll materjal grafiku li jindika l-lokalità ta' dawk l-erji u fejn ikun adegwat, il-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ. Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-applikazzjoni għal għajnuna teħtieġ li tkun tinkludi biss tibdiliet rigward l-applikazzjoni għal għajnuna ppreżentata fis-sena ta' qabel.

3. Stat Membru jista' jiddeċiedi li applikazzjoni waħda għall-għajnuna għandha tkopri wħud mill-iskemi tal-appoġġ jew l-iskemi tal-appoġġ kollha mniżżla fl-Anness I jew inkella skemi ta' appoġġ oħra.

*Artikolu 20*

**Verifika tal-kondizzjonijiet ta' eliġibilità**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli amministrattivi fuq l-applikazzjonijiet għall-għajnuna biex jivverifikaw il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna.

2. Il-kontrolli amministrattivi għandhom jiġu ssupplementati b'sistema ta' kontrolli fil-post biex tkun ivverifikata l-eliġibbiltà għall-għajnuna. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjan kampjun tal-azjendi agrikoli.

L-Istati Membri jistgħu jużaw metodi tekniċi ta' remote sensing u s-Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita (GNSS) bħala mezzi biex jitwettqu verifiki fil-post ta' ħbula agrikoli.

3. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità responsabbli biex tikkoordina l-kontrolli u verifiki kif previst f'dan il-Kapitolu.

Fejn Stat Membru jiddelega ċerti aspetti tax-xogħol li għandu jitwettaq taħt dan il-Kapitolu lil aġenziji jew ditti speċjalizzati, l-awtorità nominata għandha żżomm kontroll fuq, u responsabbilità għal dak ix-xogħol.

*Artikolu 21*

**Tnaqqis u esklużjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' eliġibbiltà**

1. Mingħajr preġudizzju għal-kwalunkwe tnaqqis jew esklużjoni previsti fl-Artikolu 23, fejn jinstab illi bidwi mhux qiegħed jikkonforma mal-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà relatati mal-għoti tal-għajnuna kif previst f'dan ir-Regolament, il-pagament jew parti mill-pagament mogħti jew li għandu jingħata u li għalih ġew issodisfatti l-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għandu jkun soġġett għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

2. Il-perċentwali ta' tnaqqis għandu jkun iggradat skont is-severità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' osservanza misjuba u jista' jwassal għall-esklużjoni totali minn waħda jew aktar mill-iskemi ta' għajnuna għal sena kalendarja waħda jew aktar.

*Artikolu 22*

**Kontrolli fuq il-kundizzjonalità**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki fil-post biex jivverifikaw jekk il-bidwi hux konformi mal-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom ta' amministrazzjoni u kontroll biex jiżguraw il-konformità mal-ħtiġiet amministrattivi statutorji u kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba.

Dawn is-sistemi, u notevolment is-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali stabbiliti skont id-Direttivi 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-majjali [1] u r-Regolamenti (KE) Nru 1760/2000 u (KE) Nru 21/2004, għandhom ikunu kompatibbli mas-sistema integrata kif previst fl-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 23*

**Tnaqqis jew esklużjoni minn pagamenti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-kundizzjonalità**

1. Fejn fi kwalunkwe żmien f'sena kalendarja partikolari (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sena kalendarja konċernata") ma ssirx konformità mal-kundizzjonjiet amministrattivi statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, u n-nuqqas ta' konformità msemmi jkun ir-riżultat ta' att jew ta' nuqqas direttament marbut mal-bidwi li kien ippreżenta l-applikazzjoni għall-għajnuna fis-sena kalendarja konċernata, l-ammont totali ta' pagamenti diretti li ngħata jew għandu jingħata lil dak il-bidwi, wara l-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 10 u 11 għandhu jitnaqqas jew jiġi eskluż f'konformità mar-regoli dettaljati stipulati fl-Artikolu 24.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika ukoll fejn in-nuqqas ta' konformità fil-kwistjoni jkun ir-riżultat ta' att jew nuqqas marbut direttament ma' dik il-persuna lil min jew minn ġiet ittrasferita l-art agrikola.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "trasferiment" tfisser kull tip ta' transazzjoni li permezz tagħha l-art agrikola tieqaf milli tkun għad-dispożizzjoni ta' dak li qed jittrasferixxi.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, mill-2010, fejn il-persuna li lilha l-att jew ommissjoni huma attribwibbli direttament ippreżentat applikazzjoni għall-għajnuna fis-sena kalendarja kkonċernata, it-tnaqqis jew esklużjoni għandhom ikunu applikati għall-ammonti totali ta' pagamenti mogħtija jew li għandhom jingħataw lil dik il-persuna.

[1] ĠU L 213, 8.8. 2008, p. 31

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regoli dettaljati msemmija fl-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx tnaqqis jew esklużjoni li jammonta għal EUR 100 jew anqas għal kull bidwi u kull sena kalendarja.

Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jiddisponi mill-għażla stipulata fl-ewwel subparagrafu, fis-sena ta' wara l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-bidwi jirrimedja s-sejbiet tan-nuqqas ta' konformità kkonċernati. Is-sejba u l-obbligu li tittieħed azzjoni rimedjali għandhom jiġu notifikati lill-bidwi.

*Artikolu 24*

**Regoli dettaljati dwar tnaqqis u esklużjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' kundizzjonalità**

1. Regoli dettaljati għat-tnaqqis u l-esklużjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23 għadhom jiġu stabbiliti skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2). F'dan il-kuntest, għandhom jiġu meqjusa s-severità, il-firxa, il-permanenza u r-repetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità li jirriżulta kif ukoll il-kriterji mniżżla fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. F'każ ta' negliġenza, il-perċentwali tat-tnaqqis m'għandux jaqbeż il-5 % u, 15 % fil-każ ta' nuqqas ta' konformità repetittiv.

F'każijiet debitament iġġustifikati l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikaw l-ebda tnaqqis, fejn minħabba s-severità, il-firxa u l-permanenza, każ ta' nuqqas ta' konformità jitqies bħala minuri. Madankollu, każijiet ta' nuqqas ta' konformità li jikkostitwixxu riskju dirett għas-saħħa tal-pubbliku jew tal-annimali ma għandhomx jitqiesu bħala mhux serji.

Sakemm il-bidwi ma jkunx ħa azzjoni ta' rimedju immedjata biex iwaqqaf in-nuqqas ta' konformità misjub, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-azzjonijiet meħtieġa li jistgħu, fejn adegwat, jiġu ristretti għal kontroll amministrattiv biex jiġi żgurat illi l-bidwi jirrettifika l-konklużjonijiet tan-nuqqas ta' konformità kkonċernati. Il-konklużjoni ta' nuqqas ta' konformità mhux serju u l-obbligu li tittieħed azzjoni rimedjali għandhom jiġu notifikati lill-bidwi.

3. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat, bħala prinċipju l-perċentwali ta' tnaqqis m'għandux ikun inqas minn 20 % u jista' jwassal saħansitra għal esklużjoni totali minn waħda jew aktar mill-iskemi ta' għajnuna varji u dan ikun japplika għal sena kalendarja waħda jew aktar.

4. Fi kwalunkwe każ, l-ammont totali tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet għal sena kalendarja waħda m'għandux ikun aktar mill-ammont totali msemmi fl-Artikolu 23(1).

*Artikolu 25*

**Ammonti li jirriżultaw mill-kundizzjonalità**

L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis u l-esklużjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Kapitolu 1 għandhom jiġu kkreditati lill-FAEG. L-Istati Membri jistgħu jżommu 25 % minn dawn l-ammonti.

*Artikolu 26*

**Kompatibbiltà ta' skemi ta' appoġġ mas-sistema integrata**

1. Għall-fini tal-applikazzjoni ta' appoġġ imsemmija fl-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-proċeduri ta' amministrazzjoni u kontroll applikati għal dawn l-iskemi huma kompatibbli mas-sistema integrata fl-aspetti li ġejjin:

(a) bażi tad-data kkompjuterizzata;

(b) is-sistemi ta' identifikazzjoni għall-ħbula agrikoli;

(c) il-kontrolli amministrattivi.

Għal dan il-għan, id-database, is-sistemi u l-kontrolli li hemm referenza għalihom fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu rispettivament għandhom ikunu stabbiliti b'mod li jippermettu, mingħajr problemi jew konflitti, tħaddim komuni tad-data, jew l-iskambju tagħha bejniethom.

2. L-Istati Membri jistgħu, għall-finijiet li jiġu applikati skemi ta' appoġġ Komunitarji jew nazzjonali oħra minbarra minn dawk imniżżla fl-Anness VI, jinkorporaw fil-proċeduri tagħhom ta' amministrazzjoni u kontroll wieħed jew aktar mill-komponenti tas-sistema integrata.

*Artikolu 27*

**Informazzjoni u kontroll**

1. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata regolarment dwar l-applikazzjoni tas-sistema integrata.

Għandha torganizza skambji ta' fehmiet dwar dan is-suġġett mal-Istati Membri.

2. F'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, wara li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati minn qabel fi żmien xieraq, rappreżentanti awtorizzati maħtura mill-Kummissjoni jistgħu jwettqu:

(a) kwalunkwe eżami jew kontroll relatat mal-miżuri li jittieħdu biex tiġi stabbilita u implimentata s-sistema integrata;

(b) il-kontrolli fl-aġenziji u d-ditti speċjalizzati msemmija fl-Artikolu 20(3).

3. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni u għall-applikazzjoni tas-sistema integrata, il-Kummissjoni tista' tfittex l-assistenza ta' korpi jew ta' persuni speċjalizzati sabiex jiġu ffaċilitati l-istabbiliment, il-monitoraġġ u l-utilizzazzjoni tas-sistema integrata, b'mod partikolari bil-ħsieb li tipprovdi konsulenza teknika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jekk jitolbuha.

*KAPITOLU 5*

## *Dispożizzjonjiet ġenerali oħra*

*Artikolu 28*

### Ħtiġiet minimi għar-riċeviment ta' pagamenti diretti

1. Mill-2010, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu pagamenti diretti lil bidwi f'waħda minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) fejn l-ammont totali ta' pagamenti diretti kklejmjat jew li għandu jingħata qabel it-tnaqqis u l-esklużjonijiet previsti fl-Artikoli 21 u 23 f'sena kalendarja partikolari huwa anqas minn EUR 100; jew

(b) fejn l-erja eliġibbli tal-impriża li għaliha qed jintalbu jew li lilha għandhom jingħataw il-pagamenti diretti qabel it-tnaqqis u l-esklużjonijiet previsti fl-Artikolu 21 hija anqas minn ettaru wieħed.

Sabiex jittieħed kont tal-istruttura tal-ekonomiji agrikoli tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-limiti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fil-limiti stabbiliti fl-Anness VII.

Bdiewa li għandhom drittijiet speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 44(1) għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dan il-paragrafu fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, fl-Azores u Madejra, fil-Gżejjer Kanari u fil-gżejjer Eġej.

Meta l-ammont imħallas jiġi mnaqqas b'konsegwenza ta' introduzzjoni progressiva ta' pagamenti diretti kif previst fl-Artikolu 121 ta' dan ir-Regolament, fil-punt K tal-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew fil-punt C tal-Anness IX għal dan ir-Regolament, l-ammont ikklejmjat jew li għandu jingħata għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-ammont finali tal-appoġġ li l-bidwi għandu jirċievi.

2. Mill-2010, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji adatti biex ikun żgurat li ma jingħataw ebda pagamenti diretti lil persuna fiżika jew ġuridika:

(a) li l-attivitajiet agrikoli tagħha jkunu jagħmlu parti insinifikanti mill-attivitajiet ekonomiċi ġenerali tagħha; jew

(b) li l-objettivi prinċipali tan-negozju jew tal-kumpannija tagħha ma jikkonsistux fl-eżerċitar ta' attività agrikola.

3. Drittijiet għal pagament li ma jagħtux id-dritt għal pagamenti matul sentejn konsekuttivi minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 għandhom jirritornaw fir-riżerva nazzjonali.

*Artikolu 29*

### Pagament

1. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-pagamenti taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I għandhom jingħataw lill-benefiċjarji bis-sħiħ.

2. Il-pagamenti għandhom isiru sa f'żewġ pagamenti fis-sena fil-perijodu mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja ta' wara.

3. Il-pagamenti taħt l-iskemi ta' appoġġ imniżżla fl-Anness I ma għandhomx isiru qabel ma tiġi ffinalizzata l-verifika tal-kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà, li għandha titwettaq mill-Istat Membru skont l-Artikolu 20.

4. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), il-Kummissjoni tista':

(a) tipprevedi l-pagamenti bil-quddiem;

(b) suġġett għas-sitwazzjoni baġitarja, tawtorizza lill-Istati Membri, iħallsu pagamenti parzjali bil-quddiem qabel l-1 ta' Diċembru fir-reġjuni fejn, minħabba kondizzjonijiet eċċezzjonali, il-bdiewa jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet finanzjarji severi:

(i) sa 50 % tal-pagamenti,

jew

(ii) sa 80 % tal-pagamenti fejn l-avvanzi diġà ġew ipprovduti.

*Artikolu 30*

### Klawżola ta' ċirkomvenzjoni

Mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet speċifiċi fi skemi ta' appoġġ individwali, ma għandu jsir l-ebda pagament lil benefiċjarji li jinsabu li ħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet mitluba biex jakkwistaw tali pagamenti bl-intenzjoni li jiksbu vantaġġ kontra l-objettivi ta' dik l-iskema ta' appoġġ.

*Artikolu 31*

### Force majeure u ċirkustanzi eċċezzjonali

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali għandhom jiġu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti f'każijiet bħal:

(a) il-mewt tal-bidwi;

(b) inkapaċità professjonali tal-bidwi li tieħu fit-tul;

(c) diżastru naturali serju li jolqot ħazin ħafna l-art agrikola tal-impriża;

(d) il-qerda aċċidentali tal-bini fejn jinżammu l-bhejjem ġo l-impriża;

(e) epiżotija li tolqot parti mill-bhejjem jew il-bhejjem kollha tal-bidwi.

*Artikolu 32*

**Reviżjoni**

L-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I għandhom japplikaw mingħajr ħsara għal reviżjoni possibbli fi kwalunkwe żmien, fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi u s-sitwazzjoni baġitarja.

TITOLU III

**SKEMA TA' PAGAMENT UNIKU**

*KAPITOLU 1*

***Implimentazzjoni ġenerali***

*Artikolu 33*

**Drittijiet għal pagament**

1. Għandu jkun hemm appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-bdiewa jekk:

(a) ikollhom drittijiet għal pagament li jkunu kisbu skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(b) jiksbu drittijiet għal pagament skont dan ir-Regolament:

(i) bi trasferiment,

(ii) mir-riżerva nazzjonali,

(iii) skont l-Anness IX,

(iv) skont l-Artikolu 47(2), l-Artikolu 59, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 64(2), l-Artikolu 65 u l-Artikolu 68 (4)(c).

2. Għall-fini tal-Artikolu 47(2), l-Artikolu 57(6), l-Artikolu 64(2), u l-Artikolu 65 bidwi huwa kkunsidrat li għandu drittijiet għal pagament meta jkunu ġew allokati jew ġew trasferiti definittivament drittijiet għal pagament lilu.

3. Drittijiet ta' twarrib stabbiliti skont l-Artikolu 53(2), l-Artikolu 63(2) u l-Artikolu 71j tar-Regolament (KE) 1782-/2003 m'għandhomx ikunu soġġetti għal obbligi ta' twarrib preċedenti.

*Artikolu 34*

**Attivazzjoni ta' drittijiet għal pagament għal kull ettaru eliġibbli**

1. L-appoġġ lill-bdiewa taħt l-iskema tal-pagament uniku għandu jingħata malli jiġi attivat id-dritt għal pagament għal kull ettaru eliġibbli. Drittijiet għal pagament attivati għandhom jagħtu dritt għal pagament tal-ammonti ffissati bihom.

2. Għall-finjiet ta' dan it-Titolu, "ettaru eliġibbli" għandha tfisser:

(a) kwalunkwe erja agrikola tal-azjenda, u kwalunkwe erja mħawla bi msaġar ta' rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41), użata għal attività agrikola jew, meta l-erja tintuża ukoll għal attivitajiet mhux agrikoli, użata predominatament għal attivitajiet agrikoli; u

(b) kwalunkwe erja li tat dritt għal pagament taħt l-iskema ta' pagament uniku jew l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja fl-2008 u li

(i) m'għadhiex tikkonforma mad-definizzjoni ta' "eleġibbli" bħala riżultat tal-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi [1], id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-abitati naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa [2] u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [3], jew

(ii) għad-durata tal-impenn rilevanti tal-bidwi individwali, hija afforestata skont l-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) [4] jew għall-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, jew taħt skema nazzjonali li l-kondizzjonijiet tagħha jikkonformaw mal-Artikolu 43(1), (2) u (3) ta' dak ir-Regolament, jew

(iii) għad-durata tal-impenn rilevanti tal-bidwi individwali, hija mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 12571/1999 jew l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), il-Kummissjoni għandha tistipula regoli dettaljati dwar l-użu ta' ettari eliġibbli għal attivitajiet li mhumiex agrikoli.

Ħlief f'każijiet ta' *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali, ettari għandhom jikkonformaw mal-kondizzjoni ta' eliġibbiltà matul is-sena kalendarja kollha.

*Artikolu 35*

**Dikjarazzjoni ta' ettari eliġibbli**

1. Il-bidwi għandu jiddikjara l-ħbula agrikoli li jikkorrispondu mal-ettari eliġibbli li jakkumpanja kull dritt għal pagament. Ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula agrikoli għandhom ikunu disponibbli għall-bidwi f'data ffissata mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data ffissata f'dak l-Istat Membru għall-emenda tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

[1] ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
[2] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
[3] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
[4] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.

2. L-Istati Membri jistgħu, f'ċirkustanzi debitament iġġustifikati, jawtorizzaw lill-bidwi jimmodifika d-dikjarazzjoni tiegħu bil-kondizzjoni li hu jaderixxi għall-għadd ta' ettari li jikkorrispondu mad-drittijiet tiegħu għal pagament u l-kondizzjonijiet għall-għoti tal-pagament uniku skont l-erja kkonċernata.

*Artikolu 36*

**Modifika tad-drittijiet għal pagament**

Id-drittijiet għal pagament għal kull ettaru ma għandhomx jiġu mmodifikati, ħlief jekk previst f'dan ir-Regolament.

Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), il-Kummissjoni għandha tistipula regoli dettaljati għall-modifika, mill-2010, tad-drittijiet għal pagament, b'mod partikolari fil-każ ta' frazzjonijiet tad-drittijiet.

*Artikolu 37*

**Talbiet multipli**

L-erja li tikkorrispondi mal-għadd ta' ettari eliġibbli li għaliha tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal pagament uniku tista' tkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal kwalunkwe pagament dirett ieħor kif ukoll għal kwalunkwe għajnuna oħra mhux inkluża f'dan ir-Regolament, għajr jekk previst xorta oħra f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 38*

**Użu tal-art f'każ tal-integrazzjoni differita tas-settur tal-frott u l-ħxejjex**

Meta Stat Membru jkun iddeċieda li juża l-għażla prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "integrazzjoni differita"), il-ħbula agrikoli fir-reġjuni kkonċernati mid-deċiżjoni, sa data mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, ma jkunux eliġibbli jekk jintużaw għal:

(a) il-produzzjoni ta' frott u ħxejjex;

(b) il-produzzjoni ta' patata għall-konsum; jew

(c) imxietel.

Fil- każ ta' integrazzjoni differita, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu l-kultivazzjoni ta' uċuħ tar-raba' sekondarji fuq l-ettari eliġibbli waqt perijodu massimu ta' tliet xhur li jibda kull sena fil-15 ta' Awwissu. Madankollu, fuq talba ta' Stat Membru, din id-data tista' tiġi mmodifikata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) għal reġjuni fejn iċ-ċereali jinħasdu normalment aktar kmieni għal raġunijiet klimatiċi.

*Artikolu 39*

**Użu tal-art għall-produzzjoni tal-qanneb**

1. Żoni użati għall-produzzjoni tal-qanneb għandhom ikunu eliġibbli biss jekk il-varjetajiet użati għandhom kontenut ta' tetrahydrocannabinol li ma jaqbiżx 0.2 %. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema għall-verifika tal-kontenut ta' tetrahydrocannabinol tal-uċuħ tar-raba' kkultivati fuq talanqas 30 % taż-żoni mogħtija għall-kultivazzjoni tal-qanneb. Madankollu, jekk Stat Membru jintroduċi sistema ta' approvazzjoni minn qabel għal tali kultivazzjoni, il-minimu għandu jkun 20 %.

2. Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), l-għoti ta' pagamenti ser ikun soġġett għall-użu ta' żrieragħ iċċertifikati ta' ċerti varjetajiet.

*Artikolu 40*

**Limiti massimi nazzjonali**

1. Għal kull Stat Membru u kull sena, il-valur totali tad-drittijiet għal pagament allokati kollha u tal-limiti massimi ffissati skont l-Artikoli 51(2) u 69(3) ta' dan ir-Regolament, jew, għall-2009, skont l-Artikolu 64(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 m'għandux jaqbeż il-limitu massimu nazzjonali rispettiv stabbilit fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

Fejn drittijiet għal pagament huma allokati għal produtturi tal-inbid, il-Kummissjoni għandha, b'kont meħud tal-aħħar data disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikoli 9 u 102(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid ([1]), u skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) ta' dan ir-Regolament, tadatta l-limiti nazzjonali ddeterminati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament. Sal-1 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel l-adattament tal-limiti massimi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-medja reġjonali tal-valur tad-drittijiet imsemmija fil-punt B tal-Anness IX għal dan ir-Regolament.

2. Fejn meħtieġ, Stat Membru għandu jagħmel tnaqqis lineari fil-valur tad-drittijiet għal pagament sabiex jiżgura konformità mal-limitu massimu ddeterminat fl-Anness VIII.

*Artikolu 41*

**Riżerva nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jopera riżerva nazzjonali li tinkorpora d-differenza bejn:

(a) il-limiti massimi nazzjonali ddeterminati fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament; u

(b) l-valur totali tad-drittijiet għal pagament allokati kollha flimkien mal-limiti massimi ffissati skont l-Artikoli 51(2), u 69(3) ta' dan ir-Regolament, jew, għall-2009, il-limiti massimi ffissati skont l-Artikolu 64(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

([1]) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.

2. L-Istati Membri jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw, bħala kwistjoni ta' prijorità, skont kriterji oġġettivib'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u jevitaw distorzjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagamenti lill-bdiewa li jibdew l-attività agrikola tagħhom.

3. L-Istati Membri li ma japplikawx l-Artikolu 68(1)(c) jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali għall-fini li jistabbilixxu, f'konformità ma' kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagament lill-bdiewa f'żoni soġġetti għar-ristrutturar u programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun żgurat li l-art ma tiġix abbandunata u/jew biex jikkumpensaw bdiewa għal żvantaġġi speċifiċi f'dawk iż-żoni.

4. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżerva nazzjonali għall-fini li jallokaw, skont il-kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjonijiet tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagament għal bdiewa f'sitwazzjoni speċjali, li għandha tkun definita mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

5. Meta jiġi applikat dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jżidu l-valur tal-unità u/jew l-għadd ta' drittijiet għal pagament allokati lill-bdiewa.

*Artikolu 42*

**Drittijiet għal pagamenti mhux użati**

Kwalunkwe dritt għal pagament li ma kienx attivat skont l-Artikolu 34 għal perijodu ta' sentejn għandu jiżdied mar-riżerva nazzjonali, ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali. Madankollu, għall-2009, drittijiet għal pagamenti mhux attivati għall-perijodu ta' sentejn 2007-2008 m'għandhomx jiżdiedu mar-riżerva nazzjonali jekk kienu ġew attivati fl-2006 u għall-2010, id-drittijiet għal pagament mhux attivati għall-perijodu ta' sentejn 2008-2009 m'għandhomx jiżdiedu mar-riżerva nazzjonali jekk kienu ġew attivati fl-2007.

*Artikolu 43*

**Trasferiment ta' drittijiet għal pagamenti**

1. Drittijiet għal pagamenti jistgħu jiġu trasferiti biss lil bidwi stabbilit fl-istess Stat Membru għajr fil-każ ta' trasferiment b'wirt attwali jew antiċipat.

Madankollu, anke fil-każ ta' wirt attwali jew antiċipat, drittijiet għal pagamenti jistgħu jintużaw biss fl-Istat Membru fejn id-drittijiet għal pagamenti kienu stabbiliti.

Stat Membru jista' jiddeċiedi li drittijiet għal pagamenti jistgħu jiġu trasferiti jew użati fl-istess reġjun wieħed biss.

2. Drittijiet għal pagamenti jistgħu jiġu trasferiti permezz ta' bejgħ jew kwalunkwe trasferiment definittiv ieħor bl-art jew mingħajrha. B'kuntrast, kera jew tipi ta' transazzjonijiet simili għandhom jiġu permessi biss jekk id-drittijiet għal pagamenti li ġew trasferiti huma akkumpanjati mit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli.

3. Fejn jinbiegħu drittijiet għal pagamenti, bl-art jew mingħajrha, l-Istati Membri jistgħu, waqt li jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, jiddeċiedu li parti mid-drittijiet għal pagamenti mibjugħa għandhom imorru lura fir-riżerva nazzjonali jew li l-valur tal-unità tagħhom jitnaqqas favur ir-riżerva nazzjonali, f'konformità mal-kriterji li jridu jiġu definiti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

*Artikolu 44*

**Kondizzjonijiet għal drittijiet speċjali**

1. Sakemm mhux previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, drittijiet għal pagament stabbiliti skont il-Kapitolu 3, Taqsima 2 tat-Titolu III u l-Artikolu 71m tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, kif ukoll l-Artikolu 60 u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem imsejħa "drittijiet speċjali") għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. B'deroga mill-Artikolu 34(1), bidwi li għandu drittijiet speċjali għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membri biex jidderoga mill-ħtieġa li jattiva d-drittijiet għal pagament tiegħu b'għadd ekwivalenti ta' ettari eliġibbli sakemm iżomm talanqas:

(a) 50 % tal-attività agrikola mwettqa fil-perijodu ta' referenza msemmi fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, espress f'unitajiet ta' bhejjem (LU); jew,

(b) fil-każ ta' drittijiet speċjali stabbiliti skont l-Artikolu 60, 50 % tal-attività agrikola mwettqa qabel it-transizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku,; jew,

(c) fil-każ tal-Artikolu 65, 50 % tal-attività agrikola mwettqa matul l-applikazzjoni tal-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, espress f'LU.

Madankollu, meta bidwi jkun ġie allokat drittijiet speċjali sew skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kif ukoll skont dan ir-Regolament, huwa għandu jżomm mill-inqas 50 % tal-aktar livell għoli ta' attività msemmi fl-ewwel subparagrafu.

Il-kondizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tapplikax għal Malta.

3. Fil-każ ta' trasferiment tad-drittijiet speċjali, fl-2009, l-2010 u l-2011 l-akkwirent jista' jibbenefika minn deroga prevista fil-paragrafu 2 biss jekk d-drittijieti speċjali kollha jkunu trasferiti. Mill-2012, l-akkwirent għandu jibbenifika mid-deroga fil-każ biss ta' wirt reali jew antiċipat.

L-ewwel subparagrafu preċedenti ma għandux japplika għal Malta.

*Artikolu 45*

**Reviżjoni tad-drittijiet għal pagament**

1. F'każijiet debitament iġġustifikati, l-Istati Membri wara li jkunu introduċew l-iskema ta' pagament uniku bl-applikazzjoni tal-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u filwaqt li jagixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, jistgħu jiddeċiedu li jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għal pagament fl-2010 jew wara.

Meta dik id-deċiżjoni tapplika mill-2010, din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2009. Fi kwalunkwe każ ieħor din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2010.

2. Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu 1, id-drittijiet għal pagamenti jistgħu jsiru soġġetti għal modifiki progressivi annwali f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Jekk il-modifika tirriżulta fi tnaqqis fil-valur tad-drittijiet għal pagament, hija għandha ssir f'talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel.

Fl-ebda wieħed mill-istadji annwali msemmijin fl-ewwel paragrafu it-tnaqqis fil-valur ta' kwalunkwe dritt għal pagament ma għandu jkun aktar minn 50 % tad-differenza bejn il-valur inizjali u dak finali tiegħu. Fejn it-tnaqqis fil-valur ikun anqas minn 10 % tal-valur inizjali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw anqas minn tliet stadji.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw dan l-Artikolu:

(a) fil-livell ġeografiku li għandu jiġi determinat skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom u l-potenzjal agrikolu; jew

(b) fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 46(4) fir-reġjun definit skont l-Artikolu 46(2).

*KAPITOLU 2*

***Implimentazzjoni reġjonali u parzjali***

Taqsima 1

**Implimentazzjoni reġjonali**

*Artikolu 46*

**Allokazzjoni reġjonali tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40**

1. Meta jkun introduċa l-iskema ta' pagament uniku skont il-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, Stat Membru jista' jiddeċiedi li japplika l-iskema ta' pagament uniku mill-2010 fil-livell reġjonali skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima.

Meta dik id-deċiżjoni tapplika mill-2010, din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2009. Fi kwalunkwe każ ieħor din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2010.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom u l-potenzjali agrikolu reġjonali.

L-Istati Membri jistgħu jqisu t-territorju sħiħ tagħhom bħala reġjun wieħed.

3. L-Istati Membri għandhom jaqsmu l-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 bejn ir-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li dawn il-limiti massimi reġjonali għandhom ikunu soġġetti għal modifiki annwali progressivi f'konformità ma' mhux aktar minn tliet passi annwali prestabbiliti u kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-potenzjal agrikolu u l-ambjent.

4. Fejn Stat Membru li japplika l-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jiddeċiedi li ma japplikax l-Artikolu 47, huwa għandu, safejn meħtieġ biex jirrispetta l-livell massimu reġjonali applikabbli, jaġġusta l-valur tad-drittijiet għal pagament f'kull wieħed mir-reġjuni tiegħu. Għal dan il-għan id-drittijiet għal pagament għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis lineari jew żidiet fil-valur tagħhom. It-tnaqqis totali fil-valur tad-drittijiet għal pagament taħt dan il-paragrafu għandu jkun limitat għal 10 % tal-valur inizjali tagħhom.

5. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li japplika kemm l-Artikolu 45 kif ukoll dan l-Artikolu, it-tnaqqis fil-valur tad-drittijiet għal pagament imsemmija fil-paragrafu 4 għandu jittieħed f'kont għall-kalkolu tal-limiti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 45(2).

*Artikolu 47*

**Reġjonalizzazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku**

1. F'każijiet debitament iġġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jaqsmu mhux aktar minn 50 % tal-limitu massimu reġjonali stabbilit fl-Artikolu 46 bejn il-bdiewa kollha li għandhom l-azjendi tagħhom fir-reġjun ikkonċernat, inklużi dawk li ma għandhomx drittijiet għal pagament.

2. Il-bdiewa għandhom jirċievu drittijiet għal pagament li l-valur tal-unità tagħhom irid jiġi kkalkulat billi l-parti korrispondenti tal-limitu massimu reġjonali stabbilit skont l-Artikolu 46 tiġi diviża bl-għadd ta' ettari eliġibbli stabbilit fil-livell reġjonali.

Il-valur ta' dawk id-drittijiet għal pagament għandu jiżdied f'każijiet fejn qabel l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu bidwi jkollu drittijiet għal pagament. Għal dan il-għan, il-valur reġjonali ta' unità ta' kull wieħed mid-drittijiet għal pagament tal-bidwi għandu jiżdied b'ammont ikkalkulat abbażi tal-valur totali tad-drittijiet għal pagament li l-bidwi kellu sad-data li għandha tiġi stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat. Dawn iż-żidiet għandhom jiġu kkalkulati skont il-limiti massimi tal-parti li jifdal tal-limitu massimu regjonali wara l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-għadd ta' drittijiet għal pagament għal kull bidwi għandu jkun ugwali għall-għadd ta' ettari li huwa jiddikjara fis-sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku fil-livell reġjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 46(1), skont l-Artikolu 34(2), ħlief fil-każ ta' force majeure jew ċirkustanzi eċċezzjonali.

4. Drittijiet għal pagament li jkollhom il-bdiewa qabel id-diviżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu kkanċellati u mibdula bid-drittijiet il-ġodda msemmija fil-paragrafu 3.

*Artikolu 48*

**Reviżjoni tad-drittijiet għal pagament**

1. F'każijiet debitament iġġustifikati, l-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 47 jistgħu jiddeċiedu, filwaqt li jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, li jimxu fis-sena wara l-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku f'livell reġjonali kif imsemmi fl-Artikolu 46(1) lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għal pagament stabbilit f'din it-Taqsima.

Meta dik id-deċiżjoni tapplika mill-2010, din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2009. Fi kwalunkwe każ ieħor din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2010.

Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu, id-drittijiet għal pagament jistgħu jsiru soġġetti għal modifiki progressivi annwali f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Jekk il-modifika tirriżulta fi tnaqqis fil-valur tad-drittijiet għal pagament, hija għandha ssir f'talanqas żewġ stadji annwali stabbiliti minn qabel.

2. F'każijiet debitament iġġustifikati, l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema ta' pagament uniku skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu5 jew il-Kapitolu 6 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru1782/2003 jistgħu jiddeċiedu, waqt li jaġixxu skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, li mill-2010 jew wara, jimxu lejn approssimazzjoni tal-valur tad-drittijiet għal pagament.

Meta dik id-deċiżjoni tapplika mill-2010, din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2009. Fi kwalunkwe każ ieħor din għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu 2010.

Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu, id-drittijiet għal pagament għandhom ikunu soġġetti għal modifiki progressivi annwali f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Jekk il-modifika tirriżulta fi tnaqqis fil-valur tad-drittijiet għal pagament, hija għandha ssir f'talanqas tliet stadji annwali stabbiliti minn qabel.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri skont l-Artikolu 63(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Dawn l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jidderogaw min-numru minimu ta' passi previst fl-ewwel subparagrafu u l-limiti stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Fl-ebda wieħed mill-istadji annwali msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ma għandu t-tnaqqis fil-valur ta' kwalunkwe dritt għall-pagament ikun aktar minn 50 % tad-differenza bejn il-valur inizjali u dak finali tiegħu. Fejn it-tnaqqis fil-valur ikun anqas minn 10 % tal-valur inizjali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw anqas minn tliet stadji.

4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw is-subparagrafi 1, 2 u 3 fil-livell ġeografiku xieraq li għandu jiġi determinat skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bħall-istruttura istituzzjonali jew amministrattiva tagħhom u l-potenzjal agrikolu.

*Artikolu 49*

**Artijiet erbaċei**

Meta jiġi applikat l-Artikolu 47, l-Istati Membri jistgħu, f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, jiddeterminaw, skont il-limitu massimu reġjonali stabbilit taħt l-Artikolu 146 jew parti minnu, valuri differenti għal kull unità ta' drittijiet għal pagament li ser jiġu allokati lill-bdiewa msemmija fl-Artikolu 47(1):

(a) għal ettari ta' artijiet erbaċei fid-data stabbilita għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-erja għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli; jew

(b) għal ettari bil-ħxejjex għall-mergħa permanenti fid-data stabbilita għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna fl-erja għall-2008 u kwalunkwe ettaru ieħor eliġibbli.

*Artikolu 50*

**Kondizzjonijiet għad-drittijiet għal pagament stabbiliti taħt din it-Taqsima**

1. Drittijiet għal pagament stabbilit skont din it-Taqsima jew skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu 5 jew il-Kapitolu 6 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiġu trasferiti biss jew użati ġo l-istess reġjun jew bejn reġjuni fejn il-valur tad-drittijiet għal pagament għal kull ettaru huwa l-istess.

2. Għajr jekk previst mod ieħor f'din it-Taqsima, id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw.

Taqsima 2

## Implimentazzjoni parzjali

*Artikolu 51*

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-Istati Membri li jkunu taw il-pagamenti fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż jew il-pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu 2009, li jkomplu jagħtu dawn il-pagamenti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima. Huma jistgħu wkoll jiddeċiedu li jiffissaw il-parti tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom li għandha tintuża biex jingħataw dawn il-pagamenti msemmija b'rata aktar baxxa minn dik deċiża skont l-Artikolu 64(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Fejn Stat Membru ma jieħux dik id-deċiżjoni, il-pagamenti għandhom jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku mill-2010, skont l-Artikolu 66 ta' dan ir-Regolament.

Fil-każ tal-pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella msemmija fl-Artikolu 53(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu wkoll jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu 2010, li ma jagħtux dawn il-pagamenti iżda li jintegrawhom fl-iskema ta' pagament uniku mill-2011, skont l-Artikolu 66 ta' dan ir-Regolament.

Fejn Stat Membru jkun eskluda, totalment jew parzjalment, il-pagamenti għall-frott u l-ħxejjex mill-iskema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 68*b* tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, huwa jista':

(a) mill-2010, jagħti l-pagamenti għall-frott u l-ħxejjex bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u skont id-deċiżjoni meħuda fuq bażi tal-Artikolu 68*b*(1) u (2) jew 143*bc*(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003; jew,

(b) jiddeċiedi, sal-1 ta' Awwissu 2009, li jintegra l-pagamenti għall-frott u l-ħxejjex esklużi mill-iskema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 68*b* tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fl-iskema ta' pagament uniku, skont l-Artikolu 66 ta' dan ir-Regolament; jew

(c) jiddeċiedi, sal-1 ta' Awwissu 2009, li jagħti l-pagamenti għall-frott u l-ħxejjex bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u b'rata aktar baxxa minn dik deċiża skont l-Artikolu 68*b* tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

L-Istati Membri l-ġodda li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jistgħu jiddeċiedu, meta jintroduċu l-iskema ta' pagament uniku li jagħtu l-pagamenti msemmija fl-ewwel subparagrafu bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima. Fil-każ tal-pagament transitorju tal-frott u l-ħxejjex, l-Istati Membri l-ġodda li ma applikawx l-Artikolu 143bc tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ma jistgħux japplikaw l-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, fil-każ tal-pagament transitorju tal-frott u l-ħxejjex, l-Istati Membri l-ġodda għandhom jieħdu kont, fejn rilevanti, tal-Artikolu 128(3) ta' dan ir-Regolament.

2. Abbażi tal-għażla magħmula minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), limitu massimu għal kull wieħed mill-pagamenti diretti msemmija fl-Artikoli 52, 53, u 54.

Dan il-limitu massimu għandu jkun ugwali għall-komponent ta' kull tip ta' pagament dirett fil-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40, immultiplikat bil-perċentwali ta' tnaqqis applikati mill-Istati Membri skont l-Artikoli 52, 53, u 54.

*Artikolu 52*

### Pagamenti għal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż

L-Istati Membri jistgħu jżommu sa 50 % mill-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-pagamenti fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż elenkati fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. F'dan il-każ huma għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jrabbu nagħaġ u mogħoż, skont il-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu I, Taqsima 10 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament u skont il-limitu massimu ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 51(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 53*

### Pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella

1. L-Istati Membri li applikaw l-Artikolu 68(2)(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u l-Istati Membri l-ġodda li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jistgħu jżommu parti mill-komponent jew il-komponent kollu tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-primjum tal-baqar li jreddgħu msemmija fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. F'dawn il-każijiet huma għandhom jagħmlu, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

Il-pagament addizzjonali għandu jingħata għaż-żamma ta' baqar li jreddgħu, skont il-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu I, Taqsima 11 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament u skont il-limitu massimu ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 51(2) ta' dan ir-Regolament. 2.

2. Fl-2010 u l-2011, dawk l-Istati Membri li applikaw l-Artikolu 68(1), l-Artikolu 68(2)(a)(ii) jew l-Artikolu 68(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u l-Istati Membri l-ġodda li jkunu applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jistgħu jżommu l-limiti massimi nazzjonali kollha jew parti minnhom imsemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-primjum għall-qatla tal-għoġġiela, il-primjum għall-qatla ta' annimali bovini minbarra l-għoġġiela jew il-primjum maskili speċjali. F'dawn il-każijiet, huma għandhom jagħmlu pagament addizzjonali lill-bdiewa. Il-pagamenti addizzjonali għandhom jingħataw għall-qatla ta' għoġġiela, għall-qatla ta' annimali bovini barra għoġġiela u għat-trobbija ta' annimali bovini rġiel, skont il-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 1, Taqsima 11 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament u fil-limitu ddeterminat skont l-Artikolu 51(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 54*

**Pagamenti transitorji għall-frott u l-ħxejjex**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2011, l-Istati Membri jistgħu jżommu sa 50 % tal-komponenti tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 li jikkorrispondu għall-appoġġ għall-produzzjoni tat-tadam.

F'dan il-każ u fil-limitu ddeterminat skont l-Artikolu 51(2), l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jipproduċu tadam skont il-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 1, Taqsima 8 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri jistgħu jżommu:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2010, sa 100 % tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-appoġġ għall-produzzjoni ta' uċuħ tar-raba' ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ tar-raba' annwali elenkati fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu li huma forniti għall-ipproċessar u li kienu eleġibbli taħt l-iskemi ta' għajnuna mniżżla fir-Regolamenti (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 2202/96; kif ukoll

(b) mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012, sa 75 % tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-appoġġ għall-produzzjoni ta' uċuħ tar-raba' ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ tar-raba' annwali elenkati fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu li huma forniti għall-ipproċessar u li kienu eleġibbli taħt l-iskema ta' għajnuna mniżżla fir-Regolamenti (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott ipproċessat u l-prodotti tal-ħaxix [1] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2202/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jintroduċi skema ta' għajnuna Komunitarja għal produtturi ta' ċertu frott taċ-ċitru [2].

F'dan il-każ u fil-limitu ddeterminat skont l-Artikolu 51(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jipproduċu wieħed jew aktar mill-frott u l-ħxejjex li ġejjin, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, skont il-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 1, Taqsima 8 tat-Titolu IV:

(a) tin frisk,

(b) frott taċ-ċitru frisk,

(c) għeneb tal-mejda,

(d) lanġas,

(e) ħawħ u ċiprisk, u

(f) għanbaqar "d'Ente".

3. Il-komponenti tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma dawk imniżżlin fl-Anness X.

*KAPITOLU 3*

***Implimentazzjoni fl-istati membri l-ġodda li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja***

*Artikolu 55*

**Introduzzjoni tal-iskema ta' pagament uniku fl-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja**

1. Għajr jekk previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda li applikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja prevista fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V.

L-Artikoli 41 u t-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 ma għandhomx japplikaw.

2. Kwalunkwe Stat Membru ġdid li applika l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja għandu jieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 51(1) u l-Artikolu 69(1) sal-1 ta' Awwissu tas-sena li tiġi qabel dik li rigward tagħha se japplika l-iskema ta' pagament uniku għall-ewwel darba.

3. Ħlief għall-Bulgarija u r-Rumanija, kwalunkwe Stat Membru ġdid li applika l-iskema ta' pagament uniku għal-erja jista' jipprevedi li, flimkien mal-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 34(2), "ettaru eliġibbli" għandha tfisser kwalunkwe erja agrikola tal-azjenda li tkun inżammet f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003, kemm jekk qed tipproduċi jew le f'dik id-data.

*Artikolu 56*

**Applikazzjoni għal appoġġ**

1. Il-bdiewa għandhom japplikaw għal appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku sa data, li trid tiġi iddeterminata mill-Istati Membri l-ġodda, imma mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju.

2. Għajr fil-każ ta' *force majeure* jew f'ċirkustanzi eċċezjonali, id-drittijiet għal pagament għandhom jiġu allokati biss lil dawk il-bdiewa li jkunu applikaw għall-iskema ta' pagament uniku sal-15 ta' Mejju tal-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku.

[1] ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29.
[2] ĠU L 297, 21.11.1996,p. 49.

*Artikolu 57*

**Riżerva nazzjonali**

1. Kull Stat Membru ġdid għandu jagħmel tnaqqis lineari perċentwali tal-limiti nazzjonali tiegħu msemmi fl-Artikolu 41 sabiex jikkostitwixxi riżerva nazzjonali.

2. L-Istati Membri l-ġodda għandhom jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw, skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagament lill-bdiewa f'sitwazzjoni speċjali li għad trid tiġi definita mill-Kummisjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

3. Matul l-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali bil-għan li jallokaw, skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagamenti lill-bdiewa f'setturi speċifiċi f'sitwazzjoni speċjali b'riżultat tat-transizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku.

4. L-Istati Membri l-ġodda jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali biex jallokaw drittijiet għal pagamenti lil bdiewa li jkunu bdew l-attività agrikola tagħhom qabel l-1 ta' Jannar tal-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku u li ma rċevewx xi pagament dirett f' dik is-sena, skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni.

5. L-Istati Membri l-ġodda li ma japplikawx l-Artikolu 68(1)(c) jistgħu jużaw ir-riżerva nazzjonali għall-fini li jallokaw, f'konformità ma' kriterji oġġettivi u b'mod li jiżguraw trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jevitaw distorzjoni tas-suq u tal-kompetizzjoni, drittijiet għal pagamenti lill-bdiewa f'żoni soġġetti għar-ristrutturar u programmi ta' żvilupp relatati ma' forma jew oħra ta' intervent pubbliku biex ikun żgurat li l-art ma tiġix abbandunata u biex jikkumpensaw bdiewa għal żvantaġġi speċifiċi f'dawk iż-żoni.

6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 2 sa 5, l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jżidu l-valur tal-unità tad-drittijiet għal pagament li għandu l-bidwi kkonċernat, fil-limitu ta' EUR 5,000, jew jistgħu jallokaw drittijiet ġodda għal pagamenti lill-bidwi kkonċernat.

7. L-Istati Membri l-ġodda għandhom jagħmlu tnaqqis lineari fid-drittijiet għal pagament fejn ir-riżerva nazzjonali tagħhom ma tkunx biżżejjed biex tkopri l-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 2, 3 u 4.

*Artikolu 58*

**Allokazzjoni reġjonali tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40**

1. L-Istati Membri l-ġodda jistgħu japplikaw l-iskema ta' pagament uniku fil-livell reġjonali.

2. L-Istati Membri l-ġodda għandhom jiddefinixxu r-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

3. Fejn japplika, l-Istat Membru l-ġdid għandu jaqsam il-limitu massimu nazzjonali tiegħu msemmi fl-Artikolu 40 wara kull tnaqqis previst fl-Artikolu 57 bejn ir-reġjuni skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

*Artikolu 59*

**Allokazzjoni ta' drittijiet għal pagament**

1. Il-bdiewa għandhom jirċievu drittijiet għal pagament, li l-valur tal-unità tagħhom għandu jiġi kkalkulat billi l-limitu massimu nazzjonali applikabbli msemmi fl-Artikolu 40 jiġi diviż, wara kwalunkwe tnaqqis previst fl-Artikolu 57, bil-għadd ta' drittijiet għal pagament stabbilit fil-livell nazzjonali skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Għajr fil-każ ta' force majeure jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-għadd ta' drittijiet għal pagamenti għal kull bidwi għandu jkun ugwali għall-għadd ta' ettari li l-bidwi jiddikjara skont l-Artikolu 35(1) għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jiddeċiedu li, għajr fil-każ ta' force majeure jew f'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-għadd ta' drittijiet għal pagamenti għal kull bidwi għandu jkun ugwali għall-medja annwali tal-għadd tal-ettari kollha li matul sena jew iżjed ta' perijodu rappreżentattiv li għandu jiġi ffissat mill-Istat Membru iżda mhux iżjed tard mill-2008 kkonferew dritt għal pagament uniku skont l-erja,.

Madankollu, meta bidwi jkun beda attività agrikola fil-perijodu rappreżentattiv, il-medja tal-għadd tal-ettari għandha tkun ibbażata fuq il-pagamenti li ġie mogħti fis-sena kalendarja jew fis-snin kalendarji li matulhom eżerċita l-attività agrikola.

*Artikolu 60*

**Bdiewa b'ebda ettaru eliġibbli**

Bidwi li jaġixxi fis-settur taċ-ċanga u l-vitella, fis-settur tal-ħalib jew fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż li huwa intitolat li jirċievi drittijiet għal pagament skont l-Artikoli 57(3) u l-Artikolu 59 li għalihom ma jkollux ettari eliġibbli fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku, għandu jiġi allokat drittijiet speċjali, li ma jaqbżux EUR 5 000 għal kull dritt, kif imsemmi fl-Artikolu 44.

*Artikolu 61*

**Artijiet erbaċei**

L-Istati Membri l-ġodda jistgħu wkoll, skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, jiddeterminaw, fil-limitu massimu reġjonali stabbilit taħt l-Artikolu 58 jew parti minnu, valuri differenti għal kull unità ta' drittijiet għal pagament li għandhom jiġu allokati lill-bdiewa msemmija fl-Artikolu 59(1):

(a) għal ettari ta' art erbaċei kif identifikati fit-30 ta' Ġunju 2008 u għal kull ettaru eliġibbli ieħor; jew

(b) għal ettari ta' mergħa permanenti kif identifikat fit-30 ta' Ġunju 2008 u għal kull ettaru eliġibbli ieħor.

*Artikolu 62*

**Kondizzjonijiet għal drittijiet għal pagament**

1. Id-drittijiet għal pagamenti stabbiliti skont dan il-Kapitolu jistgħu jiġu trasferiti biss fl-istess reġjun jew bejn ir-reġjuni meta d-drittijiet għal kull ettaru jkunu l-istess.

2. L-Istati Membri l-ġodda jistgħu, filwaqt li jagixxu f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja, jiddeċiedu li japprossimaw il-valur tad-drittijiet għal pagamenti stabbiliti skont dan il-Kapitolu. Din id-Deċiżjoni għandha tittieħed sal-1 ta' Awwissu tas-sena li tiġi qabel l-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku.

Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu, id-drittijiet għal pagamenti għandhom ikunu soġġetti għal modifiki progressivi annwali f'konformità ma' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u f'fażijiet annwali stabbiliti minn qabel.

3. Ħlief fil-każ ta' force majeure jew ċirkustanzi eċċezzjonali, bidwi jista' jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu għal pagamenti mingħajr art biss wara li jkun uża, fis-sens tal-Artikolu 34, talanqas 80 % tad-drittijiet tiegħu għal pagamenti matul talanqas sena kalendarja waħda jew, wara li volontarjament ċeda d-drittijiet għal pagamenti kollha li ma użax fl-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku lir-riżerva nazzjonali.

*KAPITOLU 4*

***Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat fl-iskema ta' pagament uniku***

*Artikolu 63*

**Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat fl-iskema ta' pagament uniku**

1. Sa mill-2010, l-Istati Membri għandhom jintegraw l-appoġġ disponibbli taħt skemi ta' appoġġ akkoppjat imsemmija fl-Anness XI fl-iskema ta' pagament uniku skont ir- regoli stabbiliti fl-Artikoli 64, 65, 66, u 67.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1:

(a) l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema ta' pagament uniku skont il-Kapitoli 1 sa 4 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-appoġġ kollu jew parti minnu msemmi fil-paragrafu 1 biex jistabbilixxu d-drittijiet għal pagamenti jew li jżidu l-valur tad-drittijieti għal pagamenti abbażi tat-tip tal- attivitajiet agrikoli tal-bdiewa f'sena waħda jew aktar fil-perijodu 2005 sal-2008 u skont l-objettiv u l-kriterji mhux diskriminatorji bħalma huma l-potenzjal agrikolu jew il-kriterji ambjentali;

(b) l-Istati Membri li jkunu introduċew l-iskema ta' pagament uniku skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu 5 jew il-Kapitolu 6 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew l- użu tal-għażla prevista fl-Artikolu 47 ta' dan ir-Regolament jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-appoġġ kollu jew parti minnu msemmi fil-paragrafu 1 biex iżidu l-valur tad-drittijiet kollha għal pagamenti b'ammont supplimentari li jikkorrispondi għaż-żieda fil-livell massimu reġjonali diviża bin-numru totali ta' drittijiet għal pagament.

L-Istati Membri jistgħu wkoll jiddifferenzjaw bejn iż-żieda fil-valur tad-drittijiet għal pagamenti billi jieħdu kont tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 64(1) ta' dan ir-Regolament jew abbażi tat-tip tal-attivitajiet agrikoli tal-bdiewa matul sena waħda jew aktar fil-perijodu 2005 sal-2008 u skont l-objettiv u l-kriterji mhux diskriminatorji bħalma huma l-potenzjal agrikolu jew il-kriterji ambjentali.

3. Meta Stat Membru juża d-deroga prevista fil-paragrafu 2 (a), huwa għandu jieħu miżuri adegwati biex jiżgura li l-bdiewa li gawdew mill-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ma jiġux esklużi mill-iskema ta' pagament uniku. B'mod partikolari, huwa għandu jiżgura li l-appoġġ globali li jirċievi l-bidwi wara l-integrazzjoni tal-iskemi ta' appoġġ akkoppjat imsemmija fil-paragrafu I fl-iskema ta' pagament uniku ma jaqax taħt il-75 % tal-medja tal-appoġġ annwali li l-bidwi rċieva taħt il-pagamenti diretti kollha waqt il-perijodi ta' referenza rilevanti msemmija fl-Artikoli 64, 65 u 66.

*Artikolu 64*

**Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat eskluż mill-iskema ta' pagament uniku**

1. L-ammonti msemmija fl-Anness XII li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskemi msemmija fil-punti 1 u 2 tal-Anness XI għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi kkonċernati skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji waqt li jitqies, b'mod partikolari, l-appoġġ li dawk il-bdiewa rċivew, direttament jew indirettament, taħt l-iskema rilevanti ta' appoġġ matul sena jew aktar fil-perijodu 2005 sal-2008. Fil-każ tal-iskemi ta' lamtu tal-patata msemmija fil-punti 1 u 2 tal-Anness XI, l-Istati Membri jistgħu jiddistribwixxu l-ammonti disponibbli taħt dawk l-iskemi filwaqt li jieħdu kont tal-kwantitajiet ta' patata koperti minn kuntratti ta' kultivazzjoni bejn il-produttur tal-patata u l-manifattur tal-lamtu fil-limitu tal-kwota allokata lil dak il-manifattur fil-limitu tal-kwota allokata lil dak il-manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 84*a* tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, f'sena partikolari.

2. L-Istati Membri għandhom iżidu l-valur tad-drittijiet għal pagamenti li għandhom il-bdiewa kkonċernati abbażi tal-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

Iż-żieda fil-valur għal kull dritt għal pagament għal kull bidwi għandha tiġi kkalkulata billi l-ammonti imsemmija fl-ewwel subparagrafu jiġi diviż bil-għadd ta' drittijiet għal pagamenti ta' kull bidwi kkonċernat.

Madankollu, meta bidwi f'settur ikkonċernat ma jkollu l-ebda dritt għal pagament, għandu jiġi allokat drittijiet għal pagamenti:

(a) li l-għadd tagħhom huwa ugwali għall-għadd ta' ettari li jiddikjara skont l-Artikolu 35(1) fir-rigward tas-sena ta' integrazzjoni tal-iskema ta' appoġġ akkoppjat fl-iskema ta' pagament uniku,

(b) li l-valur tagħhom għandu jiġi stabbilit billi l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1 jiġi diviż bil-għadd stabbilit skont il-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

3. Madankollu, meta l-ammont għal kull skema ta' għajnuna jkun inqas minn EUR 250 000, l-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi li ma jiddistribwixxix l-ammonti u jżidhom mar-riżerva nazzjonali.

*Artikolu 65*

**Integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat eskluż parzjalment mill-iskema ta' pagament uniku**

L-ammonti li kienu disponibbli għal appoġġ akkopjat taħt l-iskemi msemmija fil-punt 3 tal-Anness XI għandhom jitqassmu mill-Istati Membri fost il-bdiewa fis-setturi kkonċernati bi proporzjon mal-appoġġ li dawk il-bdiewa rċevew taħt l-iskemi ta' appoġġ relevanti matul il-perijodi relevanti ta' referenza msemmijin fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jagħżlu perijodu rappreżentattiv riċenti skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u, fejn Stat Membru introduċa l-iskema ta' pagament uniku skont it-Taqsima I tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew fejn huwa jagħmel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 47 ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 63(2)(b) ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-valur tad-drittijiet għal pagamenti tal-bdiewa kkonċernati jew jallokaw drittijiet għal pagamenti skont l-Artikolu 64(2)ta' dan ir-Regolament.

Meta bidwi li jkun irċieva pagamenti skont l-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jkun intitolat li jirċievi drittijiet għal pagament skont dan l-Artikolu li għalihom ma jkollux ettari eliġibbli fis-sena tal-integrazzjoni tal-iskema ta' appoġġ akkoppjat fl-iskema ta' pagament uniku jew meta d-dritt tiegħu għal pagament għal kull ettaru jirriżulta f'ammont akbar minn EUR 5 000, hu għandu jiġi allokat drittijiet speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 44, li ma jaqbżux EUR 5 000 għal kull dritt.

*Artikolu 66*

**Integrazzjoni fakultattiva ta' appoġġ akkoppjat eskluż parzjalment mill-iskema ta' pagament uniku**

Meta Stat Membru:

(a) ma jieħux id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 51(1);

(b) jiddeċiedi li ma jagħtix il-pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella msemmija fl-Artikolu 53(2) mill-2011, f'applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51(1); jew

(c) jiddeċiedi li ma jagħtix il-pagamenti għall-frott u l-ħxejjex f'applikazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 51(1),

l-ammonti li kienu disponibbli għal appoġġ akkoppjat taħt l-iskema msemmija fil-punt 4 tal-Anness XI għandhom jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 65.

*Artikolu 67*

**Integrazzjoni avvanzata tal-appoġġ akkopjat fl-iskema ta' pagament uniku**

Sal-1 ta' Awwissu 2009, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, li jintegraw l-għajnuna għaż-żrieragħ imsemmija fit-Taqsima 5 tat-Titolu IV u l-iskemi msemmija fil-punt 1 tal-Anness XI, bl-eċċezzjoni tal-primjum speċifiku tal-kwalità għall-qamħ durum fl-iskema ta' pagament uniku fl-2010 jew fl-2011. F'dan il-każ, il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 141(2) għandha taġġusta l-livelli massimi nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 40 billi żżid l-ammonti mill-Anness XII għall-iskema ta' għajnuna kkonċernata.

*KAPITOLU 5*

***Appoġġ speċifiku***

*Artikolu 68*

**Regoli ġenerali**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ speċifiku lill-bdiewa skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu:

(a) għal:

(i) tipi speċifiċi ta' biedja li huma importanti għall-ħarsien jew it-titjib tal-ambjent,

(ii) titjib fil-kwalità ta' prodotti agrikoli, jew

(iii) titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli,

(iv) iprattikar ta' standards imtejba ta' benesseri tal-annimali,

(v) attivitajiet agrikoli speċifiċi li jinvolvu benefiċċji agriambjentali addizzjonali;

(b) biex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi li jaffettwaw lill-bdiewa fis-setturi tal-ħalib, iċ-ċanga u l-vitella, il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u r-ross f'żoni ekonomikament vulnerabbli jew ambjentalment sensittivi, jew, fl-istess setturi, għal tipi ta' biedja ekonomikament vulnerabbli;

(c) f'żoni soġġetti għar-ristrutturar u programmi ta' żvilupp sabiex jevitaw l-abbandun tal-art u sabiex jindirizzaw żvantaġġi speċifiċi għall-bdiewa f'dawk iż-żoni;

(d) fil-forma ta' kontribuzzjonijiet għal primjums ta' assigurazzjoni ta' uċuħ tar-raba', l-annimali u l-pjanti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 70;

(e) permezz ta' fondi komuni għal mard tal-annimali u l-pjanti u inċidenti ambjentali skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 71;

2. Appoġġ għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a) jista' jingħata biss jekk:

(a) fir-rigward tal-attivitajiet agrikoli speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1(a)(v),

(i) huwa jirrispetta r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 39(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, u biss biex jitkoprew l-ispejjeż addizzjonali li jiġġarrbu realment u d-dħul mitluf sabiex jintlaħaq l-objettiv ikkonċernat; u

(ii) ikun ġie approvat mill-Kummissjoni.

(b) fir-rigward tat-titjib fil-kwalità ta' prodotti agrikoli msemmija fil-paragrafu 1(a) (ii), huwa konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti [1], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-ikel [2], ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi [3] u l-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Parti II tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007,

(c) fir-rigward tat-titjib fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli msemmija fil- paragrafu 1a(iii), huwa jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern fil-pajjiżi terzi [4].

3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu jista' jingħata biss safejn meħtieġ biex jinħoloq inċentiv biex jinżammu l-livelli attwali ta' produzzjoni.

Għas-setturi tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u ċ-ċanga u l-vitella jekk dak l-appoġġ jiġi applikat flimkien mal-appoġġ mogħti skont l-Artikoli 52 u 53, it-total m'għandux jaqbeż, rispettivament, il-pakkett finanzjarju ta' appoġġ miksub wara l-applikazzjoni tal-perċentwali massima ta' retenzjoni stabbilit fl-Artikoli 67 u 68 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Għas-settur tar-ross, l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu jista' jingħata biss mis-sena kalendarja meta l-Istat Membru jintegra l-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għar-ross previst fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV fl-iskema ta' pagament uniku.

4. L-appoġġ imsemmi:

(a) fil-paragrafu 1(a) u (d) ta' dan l-Artikolu għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali,

(b) fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu għandu jkun fil-forma ta' pagamenti addizzjonali annwali bħal pagamenti għal kull ras ta' annimal jew primjums għall-artijiet erbaċei,

(c) fil-paragrafu 1(c) ta' dan l-Artikolu għandu jkun fil-forma ta' żieda fil-valur tal-unità u/jew l-għadd tad-drittijiet għal pagament tal-bidwi,

(d) fil-paragrafu 1(e) ta' dan l-Artikolu għandu jkun fil-forma ta' pagamenti kumpensatorji kif speċfikat fl-Artikolu 71.

5. It-trasferiment ta' drittijiet għal pagamenti b'valuri ta' unità miżjuda u ta' drittijiet għal pagament addizzjonali msemmija fil-paragrafu 4(c) jista' jitħalla jsir biss jekk id-drittijiet trasferiti jkunu akkumpanjati bit-trasferiment ta' għadd ekwivalenti ta' ettari. 7.

6. Kwalunkwe appoġġ mogħti skont il-paragrafu 1 għandu jkun konsistenti ma' miżuri u linji politiċi Komunitarji oħra.

7. Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), għandha tiddefinixxi l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2(a)(ii) ta' dan l-Artikolu u l-kondizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ imsemmi f'din it-Taqsima, b'mod partikolari, bil-ħsieb li tkun żgurata l-konsistenza ma' miżuri u linji ta' politika Komunitarji oħrajn u biex ikun evitat il-kumulu ta' appoġġ.

8. Sal-1 ta' Awwissu 2011, l-Istati Membri li ħadu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 69(1) jistgħu jirriveduha u jiddeċiedu, mill-2012, li:

(a) jimmodifikaw l-ammonti għall-finanzjament tal-appoġġ imsemmi f'dan il-Kapitolu, fil-limitu tal-Artikolu 69; jew

(b) itemmu l-applikazzjoni ta' appoġġ speċifiku taħt dan il-Kapitolu.

Skont id-deċiżjoni li meħuda minn kull Stat Membru skont l-ewwel subparagrafu ta' dan l-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), il-limitu massimu korrispondenti għal dak l-appoġġ.

---

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
(2) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
(3) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
(4) ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1.

Meta Stat Membru jiddeċiedi li jtemm l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu jew meta jnaqqas l-ammonti użati għall-finanzjament tiegħu, l-Artikolu 72(2) għandu japplika.

*Artikolu 69*

**Dispożizzjonijiet finanzjarji għal appoġġ speċifiku**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu tal-2009, l-1 ta' Awwissu 2010 jew l-1 ta' Awwissu 2011 li jużaw mis-sena ta' wara dik id-deċiżjoni sa 10 % tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 40, jew fil-każ ta' Malta, l-ammont ta' EUR 2 000 000, għall-appoġġ speċifiku previst fl-Artikolu 68(1).

2. L-Istat Membri jistgħu japplikaw l-10 % retenzjoni fuq bażi settorjali billi jżommu sa 10 % tal-komponent tal-limiti nazzjonali tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jikkorrispondi għal kwalunkwe settur imsemmi fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. Il-fondi miżmumin jistgħu jintużaw biss għall-applikazzjoni tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 68(1) ta' dan ir-Regolament fis-setturi kkonċernati mir-retenzjoni..

3. Skont id-deċiżjoni li ssir minn kull Stat Membru skont il-paragrafu 1 dwar l-ammont ta' limitu massimu nazzjonali li għandu jintuża, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), il-limitu massimu korrispondenti għal dak l-appoġġ.

Għall-fini uniku li tiġi żgurata l-konformità mal-limiti massimi nazzjonali kif previst fl-Artikolu 40(2), l-ammonti użati għall-għoti tal-appoġġ imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 68(1) għandhom jitnaqqsu mill-limitu massimu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 40(1). Dawn għandhom jiġu mgħoddija bħala drittijiet għal pagament allokati.

4. L-appoġġ previst fil-punti (i), (ii), (iii) u (iv) tal-paragrafu 1 (a) u l-paragrafi 1(b) u (e) tal-Artikolu 68 għandu jkun limitat għal 3,5 % tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 jew, fil-każ ta' Malta għall-ammont ta' EUR 2 000 000, imsemmija fl-Artikolu 69(1) ta' dan ir-Regolament, li għandhom jintużaw b'mod partikolari għall-finanzjament tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 68(1)(b) fis-settur tal-ħalib.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sub-limiti għal kull miżura.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, matul is-snin kalendarji 2010 sa 2013, dawk l-Istati Membri li taw appoġġ fir-rigward ta' baqar li jreddgħu skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 filwaqt li ma applikawx l-għażla prevista fl-Artikolu 68(2)(a)(i) ta' dak ir-Regolament, il-limitu stabbilit fil-paragrafu 4 għandu jkun stabbilit għal 6 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom li jirreferi għalih l-Artikolu 40. Barra minn hekk, fl-Istati Membri fejn aktar minn 60 % tal-produzzjoni tal-ħalib tagħhom isseħħ fit-tramuntana tat-62 parallel dak il-limitu għandu jkun stabbilit għal 10 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom li jirreferi għalih l-Artikolu 40.

Madankollu, kwalunkwe appoġġ li jaqbeż it-3,5 % tal-limitu massimu nazzjonali tagħhom li jirreferi għalih l-Artikolu 40 għandu jintuża esklussivament għall-finanzjament ta' miżuri msemmijin fl-Artikolu 68(1)(b) ta' dan ir-Regolament fis-setturi tal-ħalib, iċ-ċanga u l-vitella.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu sal -31 ta' Diċembru 2013.

6. L-Istati Membri għandhom jiġbru l-fondi meħtieġa biex ikopru l-appoġġ previst:

(a) fl-Artikolu 68(1) billi jużaw ammont li għandu jiġi kkalkulat mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u stabbilit f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) u/jew

(b) fl-Artikolu 68(1)(a), (b), (c) u (d) billi jagħmlu tnaqqis lineari fil-valur tad-drittijiet għal pagamenti allokati lill-bdiewa u/jew fil-pagamenti diretti msemmijin fl-Artikoli 52 u 53 u/jew fir-riżerva nazzjonali,

(c) fl-Artikolu 68(1)(e) billi jagħmlu, jekk meħtieġ, tnaqqis lineari f'wieħed jew aktar mill-pagamenti li jridu jsiru lill-benefiċċjarji tal-pagamenti rilevanti skont dan it-Titolu u fil-limiti massimi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu.

Għall-fini uniku li tiġi żgurata l-konformità mal-limiti massimi nazzjonali kif previst fl-Artikolu 40(2), fejn Stat Membru jagħmel użu mill-għażla prevista fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ammont ikkonċernat m'għandux jingħadd bħala parti mil-limiti massimi stabbiliti taħt il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

7. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 6(a) ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu ugwali għad-differenza bejn:

(a) il-limiti massimi nazzjonali determinati fl-Anness VIII jew l-Anness VIIIa tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għas-sena 2007 wara l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(1) ta' dak ir-Regolament u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 u wara tnaqqis b'0,5 %; kif ukoll

(b) l-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2008 tal-iskema ta' pagament uniku u l-pagamenti msemmija fit-Taqsima 2 u 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward ta' pagamenti rigward il-limitu massimu mnaqqas tal-2007 msemmi fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Dan l-ammont fl-ebda każ m'għandu jkun ogħla minn 4 % tal-limitu massimu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Għall-Istati Membri l-ġodda li applikaw l-iskema ta' pagament uniku fl-2007, dan l-ammont għandu jiġi multiplikat b'1,75 fl-2010, b'2 fl-2011, bi 2,.25 fl-2012 u bi 2,5 mill-2013 'l quddiem.

Fuq talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni għanda tirrevedi l-ammonti stabbiliti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) ta' dan ir-Regolament u abbażi ta' regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-istess proċedura.

L-użu mill-Istati Membri ta' tali ammonti għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.

8. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fl-Artikolu 68(8) u fl-Artikolu 131(1) għandha tiddetermina l-miżuri li għandhom jiġu applikati u jkopru l-arranġamenti implimentattivi ulterjuri kollha rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu inkluża d-deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-miżuri li għandhom jiġu applikati, l-ammont ikkonċernat u r-riżorsi finanzjarji li għandhom jinġabru.

9. L-Istati Mmbri l-ġodda jistgħu jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafi 1, 2, 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 131 (1) abbażi tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom:

(a) speċifikati għas-sena 2016 fil-każ tal-Bulgarija u r-Rumanija;

(b) speċifikati għas-sena 2013 għall-Istati Membri l-ġodda l-oħra.

F'dak il-każ, l-Artikolu 132 m'għandux japplika għall-miżuri meħudin f'konformità ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 70*

**Assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba', tal-annimali u tal-pjanti**

1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet finanzjarji għal primjums għall-assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba', tal-annimali u tal-pjanti kontra telf ekonomiku ikkawżat b'avvenimenti klimatiċi avversi u minn mard tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni parasittarja.

Għall-fini ta' dan l-Artikolu:

(a) "avveniment klimatiku avvers" għandha tfisser kondizzjonijiet klimatiċi li jistgħu jiġu assimilati ma' diżastru naturali, bħall-ġlata, is-silġ, il-borra, ix-xita jew in-nixfa.

(b) "mard tal-annimali"għandha tfisser mard imsemmi fil-lista ta' mard tal-annimali stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u/jew fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([1]).

(c) "telf ekonomiku" għandha tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq ikkonċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni.

2. Kontribuzzjoni finanzjarja tista' tingħata biss għal telf ikkawżat minn xi avveniment klimatiku avvers jew minn mard tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni parassitarja li teqred aktar minn 30 % tal-produzzjoni medja annwali tal-bidwi fil-perijodu tat-tliet snin preċedenti jew fuq medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perijodu tal-ħames snin preċedenti, eskluż l-għola u l-inqas dħul.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p.19.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija għal kull bidwi m'għandhiex taqbeż 65 % tal-premjum tal-assigurazzjoni dovut.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjums li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw limiti massimi adatti.

4. Il-kopertura b'assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' u/jew tal-annimali u/jew tal-pjanti għandha tkun disponibbli biss meta l-avveniment klimatiku avvers jew epidemija ta' marda tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni parassitarja tkun rikonoxxuta formalment bħala tali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

L-Istati Membri jistgħu, fejn adatt, jistabbilixxu minn qabel kriterji li abbażi tagħhom tali rikonoxximent formali għandu jitqies bħala mogħti.

5. Il-pagamenti ta' assigurazzjoni għandhom jikkumpensaw għal mhux aktar mill-ispiża totali tas-sostituzzjoni tat-telf imsemmi fil-paragrafu 1 u m'għandhomx ikunu jeħtieġu jew jispeċifikaw it-tip jew il-kwantità tal-produzzjoni futura.

6. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas direttament lill-bidwi kkonċernat.

7. In-nefqa tal-Istati Membri għall-għoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun kofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmijin fl-Artikolu 69(1) b'rata ta' 75 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

L-ewwel subparagrafu m' għandux jippreġudika kwalunkwe setgħa tal-Istati Membri biex ikopru l-parteċipazzjoni tagħhom fil-finanzjament tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-parti tal-primjum tal-assigurazzjoni li għandha tiġġarrab mill-bdiewa fis-sħiħ jew parzjalment permezz ta' skemi obbligatorji ta' responsabbiltà kollettiva fis-setturi kkonċernati. Dan għandu jkun possibbli minkejja l-Artikoli 125*l* u 125*n* tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li telf ekonomiku li għalih jingħata kumpens skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn, inkluż l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew tas-saħħa tal-pjanti ma għandhiex tiġi kkumpensata b'mod ulterjuri f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

9. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex tikkostitwixxi tfixkil fl-operazzjoni tas-suq intern tas-servizzi ta' assigurazzjoni. Il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex tkun limitata għall-assigurazzjoni pprovvduta minn kumpannija tal-assigurazzjoni unika jew grupp ta' kumpanniji uniku, jew tkun soġġetta għall-kondizzjoni li l-kuntratt tal-assigurazzjoni jkun magħmul ma' kumpannija stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 71*

**Fondi reċiproċi għall-mard tal-annimali u l-pjanti u inċidenti ambjentali**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu għal kumpens finanzjarju li jitħallas lill-bdiewa għal telf ekonomiku kkawżat minn epidemija ta' marda tal-annimali jew tal-pjanti jew inċident ambjentali permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi ta' investiment reċiproċi.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu:

(a) "fond reċiproku" għandha tfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu għall-bdiewa affiljati biex jassiguraw lilhom infushom, fejn isiru pagamenti kumpensatorji lil dawn il-bdiewa milqutin minn telf ekonomiku kkawżat minn epidemija ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew inċident ambjentali;

(b) "telf ekonomiku" għandha tfisser kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi bħala riżultat ta' miżuri eċċezzjonali meħudin mill-bidwi bil-għan li jnaqqas il-provvista fuq is-suq ikkonċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali fil-produzzjoni.

(c) "inċident ambjentali" għandha tfisser okkorrenza speċifika ta' tniġġis, kontaminazzjoni jew degradazzjoni fil-kwalità tal-ambjent relatat ma' avveniment speċifiku u ta' ambitu ġeografiku limitat. Dan ma għandux ikopri riskji ambjentali ġenerali li mhumiex konnessi ma' avveniment speċifiku bħal tibdil fil-klima jew xita aċiduża.

3. Fil-każ ta' mard tal-annimali, il-kumpens finanzjarju jista' jingħata biss fir-rigward ta' mard imsemmi fil-lista ta' mard tal-annimali stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u/jew fl-Anness għad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li telf ekonomiku li għalih jingħata kumpens finanzjarju skont dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn, inkluż l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u kwalunkwe miżura oħra veterinarja u tas-saħħa jew tas-saħħa tal-pjanti, m'għandhiex tiġi kkumpensata b'mod ulterjuri skont il-paragrafu 1.

5. Il-fondi reċiproċi għandhom iħallsu kumpens finanzjarju direttament lill-bdiewa affiljati li huma milqutin mit-telf ekonomiku.

Is-sors tal-kumpens finanzjarju mħallas mill-fondi mutwi għandu jiġi minn:

(a) il-kapital ta' bażi li l-bdiewa affiljati u dawk mhux affiljati, jew l-operaturi l-oħra fil-katina agrikola kkontribixxew għall-fondi; jew

(b) self mogħti mill-fondi fuq termini kummerċjali; u

(c) kwalunkwe ammont irkuprat skont il-paragrafu 11.

Kwalunkwe kapital inizjali f'ishma m'għandux ikun ikkontribut minn fondi pubbliċi.

6. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati ma':

(a) l-ispejjeż amministrattivi biex jitwaqqaf il-fond reċiproku, mifrux fuq perijodu massimu ta' tliet snin;

(b) il-ħlas lura tal-kapital u l-interessi fuq self kummerċjali li jkun inħareġ mill-fond reċiproku għall-fini li tħallas kumpens finanzjarju lill-bdiewa;

(c) l-ammonti mħallsa mill-fond reċiproku mill-kapital f'ishma tiegħu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa.

Id-durata minima u massima tas-self kummerċjali eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun iddeterminata mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

Meta l-fond iħallas kumpens finanzjarju skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-kontribuzzjoni finanzjarja pubblika għandha ssegwi l-istess ritmu bħal dak għal self kummerċjali ta' durata minima.

7. Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż 65 % tal-ispiża msemmija fil-paragrafu 6. Kwalunkwe spiża li mhiex koperta minn kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha titħallas mill-bdiewa affiljati.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ispejjeż li huma eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja billi japplikaw:

(a) limiti massimi għal kull fond;

(b) limiti massimi xierqa għal kull unità;

8. In-nefqa tal-Istati Membri fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun ikkofinanzjata mill-Komunità mill-fondi msemmija fl-Artikolu 69(1) b'rata ta' 75 %.

L-ewwel subparagrafu ma għandux jippreġudika l-ebda setgħa tal-Istati Membri biex ikopru l-parteċipazzjoni tagħhom u/jew il-parteċipazzjoni tal-bdiewa affiljati fil-finanzjament tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha jew ta' parti minnhom permezz ta' skemi obbligatorji ta' responsabbiltà kollettiva fis-setturi kkonċernati. Dan għandu jkun possibbli minkejja l-Artikoli 125*l* u 125*n* tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

9. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi reċiproċi, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti ta' kumpens lil bdiewa fil-każ ta' kriżi u għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli.

10. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Il-forma, il-kontenut, iż-żmien u l-iskadenzi tar-rapport għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

11. Fejn bidwi jingħata kumpens finanzjarju minn fond reċiproku taħt dan l-Artikolu, kwalunkwe dritt għall-irkupru tal-ħsarat għat-telf ekonomiku kkumpensat li l-bidwi jista' jkollu taħt kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew nazzjonali kontra kwalunkwe parti terza, għandu jiġi trasferit għall-fond reċiproku skont regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 72*

## Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Fejn Stat Membru applika l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-ammonti miżmuma skont dak l-Artikolu għandhom jiġu integrati fis-sistema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament.

2. B'deroga mill-ewwel paragrafu, fejn Stat Membru li jkun applika l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jiddeċiedi li japplika l-appoġġ speċifiku previst f'dan il-Kapitolu, huwa jista' juża l-ammonti miżmuma taħt l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 biex ikopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 69(6) ta' dan ir-Regolament. Jekk il-ħtiġijiet ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 69 (6) jkunu aktar baxxi mill-ammonti miżmuma taħt l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, id-differenza għandha tiġi integrata fl-iskema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament.

3. Fejn Stat Membru li jkun applika taħt l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 miżuri li mhumiex kompatibbli ma' dan il-Kapitolu jiddeċiedi li japplika l-appoġġ speċifiku previst taħt dan il-Kapitolu, huwa jista' jiddeċiedi, sal-1 ta' Awwissu 2009, li japplika taħt l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament il-miżuri kkomunikati lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu matul l-2010, l-2011 u l-2012. B'deroga mill-Artikolu 69(4), l-appoġġ totali taħt il-miżuri msemmija fl-Artikolu 68(1)(a), (b) u (e) jistgħu jkunu limitati għal-limitu massimu ffissat għall-Istati Membri rilevanti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

F'dan il-każ, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll, sal-1 ta' Awwissu 2009, li jaġġustaw dawn il-miżuri kull sena biex jagħmluhom aktar kompatibbli ma' dan il-Kapitolu. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li ma jagħmilx il-miżuri kompatibbli, l-ammonti kkonċernati għandhom jiġu integrati fl-iskema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-appoġġ previst f'dan il-Kapitolu mill-2009 dment li, b'deroga mill-Artikolu 69(6) ta' dan ir-Regolament, huma jiffinanzjaw l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 68(1) permezz tal-użu tal-ammonti tar-riżerva nazzjonali biss u jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet nazzjonali sal-iskadenza fissata mill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għall-għajnuna.

TITOLU IV

# SKEMI OĦRA TA' GĦAJNUNA

*KAPITOLU 1*

## *Skemi komunitarji ta' għajnuna*

Taqsima 1

### Pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' fir-rigward tar-ross

*Artikolu 73*

## Kamp ta' applikazzjoni

Għall-2009, 2010 u 2011 għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu ross li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1006 10 taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ("pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għar-ross").

*Artikolu 74*

## Kondizzjonijiet u ammont tal-għajnuna

1. Il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għar-ross jingħata għal kull ettaru ta' art miżrugħa bir-ross u fejn il-wiċċ jinżamm talanqas sal-bidu tal-ħruġ tal-fjuri taħt kondizzjonijiet normali ta' tkabbir.

Madankollu, uċuħ tar-raba' li jitkabbru f'żoni li huma kompletament miżrugħa u li huma kkultivati skont standards lokali, imma li ma jilħqux l-istadju tal-ħruġ tal-fjuri minħabba kondizzjonijiet klimatiċi eċċezzjonali rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat, għandhom jibqgħu eliġibbli għall-għajnuna dment li, sa dan l-istadju ta' tkabbir, iż-żoni in kwistjoni ma jintużawx għal xi fini ieħor.

2. L-ammont tal-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għar-ross għandu jkun kif ġej, skont l-ammonti ta' ħsad fl-Istati Membri kkonċernati:

| Stat Membru | EUR/ettaru |
|---|---|
| Bulgarija | 345,255 |
| Greċja | 561,00 |
| Franza | 476,25 |
| Franza | |
| — territorju metropolitan | 411,75 |
| — il-Gujana Franċiża | 563,25 |
| Italja | 453,00 |
| Ungerija | 232,50 |
| Portugall | 453,75 |
| Rumanija | 126,075 |

*Artikolu 75*

**Erji**

L-erji bażi li ġejjin huma b'dan stabbiliti għal kull Stat Membru produttur.

| Stat Membru | EUR/ ettaru |
|---|---|
| Bulgarija | 4 166 |
| Greċja | 20 333 |
| Spanja | 104 973 |
| Franza | |
| — territorju metropolitan | 19 050 |
| — għas-sena 2009 biss, il-Gujana Franċiża | 4 190 |
| Italja | 219 588 |
| Ungerija | 3 222 |
| Portugall | 24 667 |
| Rumanija | 500 |

Stat Membru jista' jaqsam l-erja jew erji bażi f'erji bażi parzjali skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

*Artikolu 76*

**Qbiż tal-erji**

1. Fejn, fi Stat Membru l-erja mogħtija għar-ross f'sena partikolari taqbeż l-erja bażi stabbilita fl-Artikolu 75, l-erja għal kull bidwi li għaliha hu mitlub pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għar-ross għandha titnaqqas b'mod proporzjonali f'dik is-sena.

2. Fejn Stat Membru jaqsam l-erja jew erji bażi f'erji bażi parzjali, it-tnaqqis previst fil-paragrafu 1 għandu japplika biss għall-bdiewa fl-erji bażi parzjali fejn il-limiti massimi tal-erja bażi parzjali inqabżu. Dan it-tnaqqis għandu jsir meta, fl-Istat Membru kkonċernat, l-erji fl-erji bażi parzjali li ma laħqux il-limiti massimi tal-erja bażi parzjali tagħhom reġgħu ġew imqassma f'erji bażi parzjali, li fihom dawk il-limiti massimi nqabżu.

Taqsima 2

**Għajnuna għal dawk li jkabbru l-lamtu tal-patata**

*Artikolu 77*

**Kamp ta' applikazzjoni u ammont tal-għajnuna**

Għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/2010, 2010/2011 u 2011/2012, għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu patata maħsuba għall-manifattura tal-lamtu tal-patata taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ("għajnuna għall-koltivaturi tal-lamtu tal-patata").

L-għajnuna għandha tkun ta' EUR 66,32 għall-kwantità ta' patata meħtieġa biex issir tunnellata ta' lamtu.

L-ammont għandu jkun aġġustat skont il-kontenut ta' lamtu fil-patata.

*Artikolu 78*

**Kondizzjonijiet**

L-għajnuna għall-koltivaturi tal-lamtu tal-patata għandha titħallas biss fir-rigward tal-kwantità ta' patata koperta minn kuntratt ta' kultivazzjoni bejn il-produttur tal-patata u l-manifattur tal-lamtu tal-patata fil-limitu tal-kwota allokata lil dak il-manifattur tal-lamtu tal-patata, skont l-Artikolu 84*a*(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Taqsima 3

**Primjum għall-uċuħ tal-proteini**

*Artikolu 79*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu l-uċuħ tal-proteini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ("primjum għall-uċuħ tal-proteini") għas-snin 2009, 2010 u 2011.

L-uċuħ tal-proteini għandhom jinkludu:

(a) piżelli li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0713 10;

(b) fażola tal-għelieqi li taqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0713 50;

(c) lupini ħelwin li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 1209 29 50;

*Artikolu 80*

**Ammont u eliġibbiltà**

Il-primjum għall-uċuħ tal-proteina għandu jkun ta' EUR 55,57 għal kull ettaru ta' prodotti tal-proteini maħsuda wara l-istadju ta' maturità lattika.

Madanakollu, l-prodotti mkabbra f'erji li huma kompletament miżrugħa u li huma kkultivati skont l-istandards lokali, imma li ma jilħqux l-istadju ta' maturità lattika minħabba kondizzjonijiet tat-temp eċċezzjonali rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat, għandhom jibqgħu eliġibbli għall-primjum għall-uċuħ tal-proteina sakemm l-erji inkwistjoni ma jintużawx għal xi skop ieħor sa dan l-istadju tat-tkabbir.

*Artikolu 81*

**Erja**

1. Erja massima garantita ta' 1 648 000 ettaru li għaliha jista' jingħata l-primjum għall-uċuħ tal-proteina hija b'dan stabbilita.

2. Fejn erja li għaliha jintalab il-primjum għall-uċuħ tal-proteina teċċedi l-erja massima garantita, l-erja għal kull bidwi li għaliha jintalab il-primjum għall-uċuħ tal-proteina għandha titnaqqas proporzjonalment f'dik is-sena skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

3. Fejn, skont l-Artikolu 67, Stat Membru jiddeċiedi li jintegra l-primjum għall-uċuħ tal-proteina previst f'din it-Taqsima fi skema ta' pagament uniku, il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 141(2), għandha tnaqqas l-erja massima garantita msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bi proporzjon mal-ammont ta' prodotti tal-proteina li jikkorrispondu għal dak l-Istat Membru fl-Anness XII.

## Taqsima 4

## Pagament skont l-erja għall-ġewż

*Artikolu 82*

### Pagament Komunitarju skont l-erja għall-ġewż

1. Għall-2009, l-2010 u l-2011, l-għajnuna Komunitarja għandha tingħata lill-bdiewa li jipproduċu l-ġewż taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ("pagament skont l-erja għall-ġewż").

Ġewż għandha tinkludi:

(a) lewż li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM0802 11 u 0802 12;

(b) ġellewż jew filberts (corylus spp.) li jaqa' taħt il-kodiċi tan NM 0802 21 u 0802 22;

(c) ġewż jew siġar tiegħu li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0802 31 u 0802 32;

(d) pistaċċi li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0802 50;

(e) ħarrub li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1212 10 10.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw l-pagament skont l-erja għall-ġewż skont il-prodotti jew billi jżidu jew inaqqsu l-erji nazzjonali garantiti (minn hawnhekk 'il quddiem "ENG") stabbiliti fl- Artikolu 83(3). Madankollu, f'kull Stat Membru, l-ammont totali tal-pagament skont l-erja għall-ġewż mogħti f'sena partikolari m'għandux ikun ogħla mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 83(4).

*Artikolu 83*

### Erji

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-pagament Komunitarju skont l-erja għall-ġewż fil-limitu kkalkulat billi ssir multiplikazzjoni tan-numru ta' ettari tal-ENG rispettiv tagħhom kif stabbilit fil-paragrafu 3, bl-ammont medju ta' EUR 120,75.

2. Erja massima garantita ta' 829 229 ettaru hija b'dan stabbilita.

3. L-erja massima garantita msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun diviża fl-ENG li ġejjin:

| Stat Membru | ENG (ettaru) |
|---|---|
| Belġju | 100 |
| Bulgarija | 11 984 |
| Ġermanja | 1 500 |
| Greċja | 41 100 |
| Spanja | 568 200 |
| Franza | 17 300 |
| Italja | 130 100 |
| Ċipru | 5 100 |
| Lussemburgu | 100 |
| Ungerija | 2 900 |
| Olanda | 100 |
| Awstrija | 100 |
| Polonja | 4 200 |
| Portugall | 41 300 |
| Rumanija | 1 645 |
| Slovenja | 300 |
| Slovakkja | 3 100 |
| Renju Unit | 100 |

4. L-Istati Membri jistgħu jerġgħu jiddividu l-ENG rispettiva tagħhom f'erji bażi parzjali skont kriterji oġġettivi, b'mod partikolari fil-livell reġjonali jew f'relazzjoni mal-produzzjoni.

*Artikolu 84*

### Qbiż tal-limitu tal-erji bażi parzjali

Meta Stat Membru jissuddividi l-ENG tiegħu f'erji bażi parzjali u tinqabeż erja bażi parzjali waħda jew aktar, l-erja għal kull bidwi li għaliha jintalab il-pagament skont l-erja għall-ġewż għandha titnaqqas proporzjonalment f'dik is-sena għall-bdiewa fl-erji bażi parzjali fejn il-limitu jkun nqabeż. Dan it-tnaqqis għandu jsir meta, fl-Istat Membru kkonċernat, l-erji fl-erji bażi parzjali, li ma laħqux il-limiti tal-erja bażi parzjali tagħhom, ikunu tqassmu mill-ġdid f'erji bażi parzjali li fihom ikunu nqabżu l-limiti fl-erja bażi parzjali.

*Artikolu 85*

### Kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà

1. Il-pagament tal-pagament skont l-erja għall-ġewż għandu jkun ikkondizzjonat minn, b'mod partikolari, daqs minimu tal-plot u d-densità tas-siġar.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu kondizzjoni li l-pagament skont l-erja għall-ġewż tingħata biss jekk il-bdiewa jkunu membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont l-Artikolu 125*b* tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. Jekk jiġi applikat il-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-pagament tal-pagament skont l-erja għall-ġewż isir lill-organizzazzjoni tal-produtturi għan-nom tal-membri tagħha. F'dan il-każ, l-ammont tal-għajnuna li tirċievi l-organizzazjoni tal-produtturi għandu jitħallas lill-membri tagħha. Madanakollu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-organizzazzjoni tal-produtturi, biex bħala kumpens għas-servizzi li tagħti lill-membri tagħha, tnaqqas l-ammont tal-pagament skont l-erja għall-ġewż b'massimu ta' 2 %.

*Artikolu 86*

**Għajnuna Nazzjonali**

1. L-Istat Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali, b'żieda mal-pagament skont l-erja għall-ġewż, sa massimu ta' EUR 120,75 għal kull ettaru fis-sena.

2. L-għajnuna nazzjonali tista' titħallas biss għal erji li jirċievu pagament skont l-erja għall-ġewż.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu kondizzjoni li l-għajnuna nazzjonali tingħata biss jekk il-bdiewa jkunu membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta skont l-Artikolu 125*b* tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Taqsima 5

**Għajnuna għaż-żrieragħ**

*Artikolu 87*

**Għajnuna**

1. Għall-2009, l-2010 u l-2011, l-Istati Membri li applikaw l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u li ma jagħmlux użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 67 ta' dan ir-Regolament, għandhom jagħtu, fuq bażi annwali, l-għajnuniet stabbiliti fl-Anness XIII għal dan ir-Regolament għall-produzzjoni taż-żrieragħ bażiċi jew żrieragħ iċċertifikati ta' waħda jew aktar mill-ispeċi elenkati fl-Anness, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ("għajnuna għaż-żrieragħ").

2. Fejn l-erja aċċettata għaċ-ċertifikazzjoni li għaliha l-għajnuna għaż-żrieragħ hija użata wkoll għat-talbiet ta' appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku, l-ammont ta' għajnuna għaż-żrieragħ, għajr fil-każ tal-ispeċi msemmija fl-Anness XIII il- punti 1 u 2, għandu jitnaqqas, imma għal mhux inqas minn żero, bl-ammont ta' appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku li għandha tingħata f'sena partikolari għall-erja kkonċernata.

3. L-ammont ta' għajnuna għaż-żrieragħ ma għandiex taqbeż limitu, iffissat mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) ta' dan ir-Regolament u li tikkorrispondi għall-komponent tal-għajnuna għaż-żrieragħ għall-ispeċi kkonċernati fil-livell massimu nazzjonali msemmi fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament, kif stabbilit skont l-Artikolu 64(2) tar- Regolament (KE) Nru 1782/2003 ("limitu massimu ta' għajnuna għaż-żrieragħ"). Madanakollu, għall-Istati Membri l-ġodda, dan il-limitu massimu ta' għajnuna għaż-żrieragħ għandu jikkorrispondi mal-ammonti mniżżla fl-Anness XIV għal dan ir-Regolament.

Fejn l-ammont totali ta' għajnuna għaż-żrieragħ mitluba jaqbeż il-limitu massimu ta' għajnuna għaż-żrierag' iffissat mill-Kummissjoni, l-għajnuna għal kull bidwi għandha titnaqqas b'mod proporzjonali fis-sena kkonċernata.

4. Il-varjetajiet tal-qanneb (Cannabis sativa L.) li għalihom għandha titħallas l-għajnuna għaż-żrieragħ kif prevista f'dan l-Artikolu, għandhom jiġu determinati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

Taqsima 6

**Pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton**

*Artikolu 88*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Għandha tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu l-qoton, li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 5201 00 taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ("pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton").

*Artikolu 89*

**Eliġibbiltà**

1. Il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton għandu jingħata għal kull ettaru ta' żona tal-qoton eliġibbli. Sabiex l-erja tkun eliġibbli, għandha tkun f'art agrikola awtorizzata għall-produzzjoni tal-qoton mill-Istat Membru, miżrugħa b'varjetajiet awtorizzati u li attwalment jinħasdu f'kondizzjonijiet ta' tkabbir normali.

Il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton għandha titħallas għal qoton ta' kwalità kummerċjali tajba u ġusta.

2. L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-art u l-varjetajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu skont regoli u kondizzjonijiet dettaljati adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

*Artikolu 90*

**Erji bażi, ammonti ta' ħsad u ammonti ta' referenza**

1. L-erji bażi nazzjonali li ġejjin huma b'dan stabbiliti:

— Bulgarija: 20 333 ettaru

— Greċja: 20 333 ettaru

— Spanja: 20 333 ettaru

— Portugall: 360 ettaru.

2. L-ammonti ta' ħsad fissi li ġejjin fil-perijodu ta' referenza huma b'dan stabbiliti:

— Bulgarija: 1,2 tunnellata/ettaru,

— Greċja: 3,2 tunnellata/ettaru,

— Spanja: 3,5 tunnellata/ettaru,

— Portugall: 2,2 tunnellata/ettaru.

3. L-ammont tal-għajnuna għal kull ettaru eliġibbli għandu jiġi stabbilit billi l-ammont ta' ħsad stabbilit fil-paragrafu 2 jiġi mmultiplikat mal-ammonti ta' referenza li ġejjin:

— Bulgarija: EUR 671,33,

— Greċja: EUR 251,75,

— Spanja: EUR 400,00,

— Portugall: EUR 252,73.

4. Jekk l-erja tal-qoton eliġibbli fi Stat Membru partikolari u f'sena partikolari taqbeż l-erja bażi stabbilita fil-paragrafu 1, l-għajnuna msemmija fil-paragrafu 3 għal dak l-Istat Membru għandha titnaqqas b'mod proporzjonali għall-qbiż tal-erja bażi.

5. Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

*Artikolu 91*

**Organizzazzjonijiet intersettorjali approvati**

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "organizzazzjoni intersettorjali approvata" għandha tfisser entità ġuridika komposta minn bdiewa li jipproduċu l-qoton u talanqas ħallieġ wieħed, li twettaq attivitajiet bħal:

(a) għajnuna għal koordinazzjoni aħjar tal-mod kif il-qoton jitqiegħed fis-suq, b'mod partikolari permezz ta' studji ta' riċerka u stħarriġ tas-suq,

(b) tfassil ta' formoli standard ta' kuntratt kompatibbli marregoli Komunitarji,

(c) orjentazzjoni tal-produzzjoni lejn prodotti li huma aktar adattati għall-ħtiġijiet tas-suq u d-domanda tal-konsumatur, partikolarment f'termini ta' kwalità u ħarsien tal-konsumatur,

(d) aġġornament ta' metodi u mezzi għal titjib fil-kwalità ta' prodotti,

(e) żvilupp ta' strateġiji ta' kumerċjalizzazzjoni biex jippromwovu l-qoton permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità.

2. L-Istat Membru fejn huma stabbiliti l-ħallieġa għandu japprova organizzazzjonijiet intersettorjali li jissodisfaw il-kriterji li għandhom jiġu jkunu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

*Artikolu 92*

**Ħlas tal-għajnuna**

1. Il-bdiewa għandhom jingħataw il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton għal kull ettaru eliġibbli skont l-Artikolu 90.

2. Il-bdiewa li huma membri ta' organizzazzjoni intersettorjali approvata għandhom jingħataw il-pagament speċifiku għall-uċuħ tar-raba' għall-qoton għal kull ettaru eliġibbli fl-erja bażi stabbilita fl-Artikolu 90(1), b'żieda ta' ammont ta' EUR 2.

Taqsima 7

**Għajnuna lil produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli**

*Artikolu 93*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Fi Stati Membri li taw l-għajnuna għar-ristrutturar kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 għal talanqas 50 % tal-kwota taz-zokkor iffissata fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), għandha tingħata għajnuna lil produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. L-għajnuna għall-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli għandha tingħata għal massimu ta' ħames snin konsekuttivi mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li fiha l-limitu ta' 50 % msemmi fil-paragrafu 1 kien intlaħaq iżda sa mhux aktar tard mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2013/2014.

*Artikolu 94*

**Kondizzjonijiet**

L-għajnuna għall-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli għandha tingħata fir-rigward tal-kwantità tal-kwota taz-zokkor miksuba minn konsenja ta' pitravi taz-zokkor jew tal-kannamieli taħt kuntratti konklużi skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

*Artikolu 95*

**Ammont tal-għajnuna**

L-għajnuna għall-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli għandha tiġi espressa għal kull tunnellata ta' zokkor abjad ta' kwalità standard. L-ammont tal-għajnuna għandu jkun ugwali għal nofs l-ammont miksub mill-ammont ta' limitu massimu msemmi fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament għall-Istat Membru kkonċernat għas-sena korrispondenti, diviż bit-total tal-kwota taz-zokkor u tax-xropp tal-inulina ffissata fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

Ħlief għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-Artikoli 121 u 132 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-għajnuna għall-produtturi tal-pitravi taz-zokkor u tal-kannamieli.

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

Taqsima 8

## Pagamenti transitorji għall-frott u l-ħxejjex

*Artikolu 96*

### Għajnuniet transitorji skont l-erja

1. Fejn l-Artikolu 54(1) jew l-Artikolu 128(1) huwa applikat, matul il-perijodu msemmi f'dawk id-dispożizzjonijiet, tista' tingħata għajnuna transitorja skont l-erja, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima, lil bdiewa li jipproduċu tadam fornut għall-ipproċessar.

2. Fejn l-Artikolu 54(2) jew l-Artikolu 128(2) huwa applikat, matul il-perijodu msemmi f'dawk id-dispożizzjonijiet, tista' tingħata għajnuna transitorja skont l-erja, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima, lil bdiewa li jipproduċu prodott wieħed jew aktar tal-frott u l-ħxejjex elenkati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 54(2), kif iddeterminat mill-Istati Membri u li jiġu fornuti għall-ipproċessar.

*Artikolu 97*

### Ammont tal-għajnuna u eliġibbiltà

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-għajnuna għal kull ettaru li fuqu jitkabbru t-tadam u kull prodott tal-frott u l-ħxejjex elenkat fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 54(2) abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

2. L-ammont totali ta' għajnuna previst fil-paragarfu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandu fl-ebda każ jaqbeż il-limitu massimu iddeterminat skont l-Artikolu 51(2) jew l-Artikolu 128.

3. L-għajnuna prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tingħata biss fir-rigward ta' erji li l-produzzjoni tagħhom hija koperta b'kuntratt għall-ipproċessar f'wieħed mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti tal-għajnuna prevista fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu soġġetta għal aktar kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, inkluż il-kondizzjoni li l-bidwi jkun membru ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew grupp ta' produtturi rikonoxxuti skont l-Artikolu 125b jew l-Artikolu 125 e tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 rispettivament.

Taqsima 9

## Pagament transitorji għall-frott artab

*Artikolu 98*

### Pagament għall-frott artab

1. Matul il-perijodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2011 għandha tingħata għajnuna transitorja skont l-erja lill-produtturi tal-frawli li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0810 10 00 u l-lampun li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0810 20 10 fornuti għall-ipproċessar, taħt il-konduzzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ("pagament transitorju għall-frott artab").

2. Il-pagament transitorju għall-frott artab għandu jingħata biss fir-rigward ta' meded li l-produzzjoni tagħhom hija koperta b'kuntratt għall-ipproċessar f'wieħed mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. L-ammont tal-pagament transitorju għall-frott artab għandu jkun ta' EUR 230/ettaru.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali flimkien mal-pagament transitorju għall-frott artab. L-ammont totali ta' għajnuna Komunitarja u nazzjonali m'għandux jaqbeż l-EUR 400/ettaru.

5. Il-pagament transitorju għall-frott artab għandu jitħallas biss fir-rigward tal-meded nazzjonali garantiti massimi allokati lill-Istati Membri kif ġej:

| Stat Membru | Erja nazzjonali massima garantita (ettari) |
|---|---|
| Bulgarija | 2 400 |
| Ungerija | 1 700 |
| Latvja | 400 |
| Litwanja | 600 |
| Polonja | 48 000 |

Jekk l-erja eliġibbli fi Stat Membru partikolari u f'sena partikolari taqbeż l-erja nazzjonali garantita massima, l-ammont tal-pagament transitorju għall-frott artab imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jitnaqqas bi proporzjon għall-qbiż tal-erja nazzjonali garantita massima.

6. L-Artikoli 121 u 132 ma għandhomx japplikaw għall-pagament transitorju għall-frott artab.

Taqsima 10

## Primjums fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż

*Artikolu 99*

### Kamp ta' applikazzjoni

Fejn huwa applikat l-Artikolu 52, l-Istati Membri għandhom jagħtu, fuq bażi annwali, primjums u primjums supplimentari lill-bdiewa li jrabbu n-nagħaġ u l-mogħoż taħt il-kondizzjonijiet previsti f'din it-Taqsima, għajr jekk previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 100*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "nagħġa" tfisser kwalunkwe femminil tal-ispeċi ovina li kellha l-frieħ mill-inqas darba jew li għandha mill-anqas sena;

(b) "mogħża" tfisser kwalunkwe femminil tal-ispeċi kaprina li kellha l-frieħ mill-anqas darba jew li għandha mill-inqas sena.

*Artikolu 101*

**Primjums għan-nagħaġ u l-mogħoż**

1. Bidwi li jrabbi n-nagħaġ fl-azjenda tiegħu jista' jikkwalifika, b' applikazzjoni, għal primjum għaż-żamma tan-nagħaġ ("primjum għan-nagħaġ").

2. Bidwi li jrabbi l-mogħoż fl-azjenda tiegħu jista' jikkwalifika, malli japplika, għal primjum għaż-żamma tal-mogħoż ("primjum għall-mogħoż"). Dan il-primjum għandu jingħata lill-bdiewa f'żoni speċifiċi fejn il-produzzjoni tilħaq iż-żewġ kriterji li ġejjin:

(a) it-trobbija tal-mogħoż tkun immirata l-aktar lejn il-produzzjoni tal-laħam tal-mogħoż;

(b) it-tekniki tat-trobbija tan-nagħaġ u l-mogħoż huma simili fin-natura.

Lista ta' tali żoni għandha tkun stabbilita skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

3. Il-primjum għan-nagħaġ u l-primjum għall-mogħoż għandhom jingħataw f'forma ta' pagament annwali għal kull annimal eliġibbli għal kull sena kalendarja u għal kull bidwi skont il-limiti individwali. L-għadd minimu ta' annimali li fir-rigward tiegħu hija titressaq applikazzjoni għal primjum għandu jiġi determinat mill-Istat Membru. Dan il-minimu ma għandux ikun inqas minn għaxra u lanqas akbar minn 50.

4. L-ammont tal-primjum għan-nagħaġ għandu jkun ta' EUR 21 għal kull nagħġa. Madankollu, għall-bdiewa li jikkummerċjalizzaw il-ħalib tan-ngħaġ jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib tan-ngħaġ, il-primjum għan-nagħaġ għandu jkun EUR 16,8 għal kull nagħġa.

5. L-ammont tal-primjum għall-mogħoż għandu jkun ta' EUR 16,8 għal kull mogħża.

*Artikolu 102*

**Primjum supplimentari**

1. Primjum supplimentari għandu jitħallas lill-bdiewa f'żoni fejn il-produzzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż tikkostitwixxi attività tradizzjonali jew tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija rurali. Dawn iż-żoni għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri. Fi kwalunkwe każ, il-primjum supplimentari għandu jingħata biss lill-bidwi li l-azjenda tiegħu għandha mill-anqas 50 % tal-erja tagħha użata għall-agrikoltura li tinsab f'żoni aktar żvantaġġati kif definiti skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/1999.

2. Il-primjum supplimentari għandu jingħata wkoll lill-bidwi li jipprattika l-għanem ta' kull staġun minn reġjun għall-ieħor (trasumanza) sakemm:

(a) mill-anqas 90 % tal-annimali li għalihom japplika l-primjum jitħallew jirgħu mill-anqas 90 jum konsekuttiv f'żona eliġibbli stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1, u

(b) is-sede tal-azjenda tinsab f'żona ġeografika definita tajjeb li għaliha jkun ġie stabbilit mill-Istat Membru li t-trasumanza hija prattika tradizzjonali tat-trobbija tan-nagħaġ u/jew tal-mogħoż u li dawn il-movimenti tal-annimali huma meħtieġa minħabba n-nuqqas fil-kwantià suffiċjenti ta' għalf waqt il-perijodu tat-trasumanza.

3. L-ammont tal-primjum supplimentari għandu jiġi stabblit għal EUR 7 għal kull nagħġa u għal kull mogħża. Il-primjum supplimentari għandu jingħata taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk stabbiliti għall-għotja tal-primjums għan-nagħaġ u l-mogħoż.

*Artikolu 103*

**Regoli komuni dwar pirmjums**

1. Il-primjums għandhom jitħallsu lill-bdiewa benefiċjarji abbażi tal-għadd ta' nagħaġ u/jew mogħoż miżmuma fl-azjenda tagħhom matul perijodu minimu li għandu jkun determinat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

2. Biex jikkwalifika għall-primjums, annimal għandu jkun identifikat u rreġistrat skont ir-Regolament (KE) Nru 21/2004.

*Artikolu 104*

**Limiti individwali**

1. Fl-1 ta' Jannar 2009, il-limitu individwali għal kull bidwi msemmi fl-Artikolu 101(3) għandu jkun ugwali għall-għadd tad-drittijiet għal primjum li kellu fil-31 ta' Diċembru 2008 skont ir-regoli Komunitarji rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi t-total tad-drittijiet għal pimjum fit-territorju tagħhom ma jaqbiżx il-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4 u li tista' tinżamm ir-riżerva nazzjonali msemmija fl-Artikolu 106.

Wara t-tmiem tal-perijodu tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku għall-erja skont l-Artikolu 122 u meta jiġi applikat l-Artikolu 52, l-allokazzjoni tal-limiti massimi individwali lill-produtturi u l-istabbiliment tar-riżerva nazzjonali msemmija fl-Artikolu 106 għandhom isiru mhux iktar tard minn tmiem tal-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku.

3. Id-drittijiet għal primjum, li jkunu ġew irtirati taħt il-miżura li ttieħdet skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom jiġu kkanċellati.

4. Il-limiti massimi nazzjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

| Stat Membru | Limitu massimu nazzjonali (ettaru) |
|---|---|
| Bulgarija | 2 058 483 |
| Repubblika Ċeka | 66 733 |
| Ġermanja | 104 000 |
| Estonja | 48 000 |
| Franza | 19 580 000 |
| Italja | 7 842 000 |
| Ċipru | 472 401 |
| Latvja | 18 437 |
| Litwanja | 17 304 |
| Ungerija | 1 146 000 |
| Polonja | 335 880 |
| Portugall | 2 690 000 |
| Rumanija | 5 880 620 |
| Slovenja | 84 909 |
| Slovakkja | 305 756 |
| Finlandja | 80 000 |
| Total | 40 730 523 |

*Artikolu 105*

**Trasferiment ta' drittijiet għal primjum**

1. Meta bidwi jbigħ jew jittrasferixxi b'xi mod ieħor l-azjenda tiegħu, huwa jista' jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu kollha għal primjum lill-persuna li tieħu l-azjenda.

2. Bidwi jista' wkoll, b'mod totali jew parzjali, jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu lil bdiewa oħra mingħajr ma jittrasferixxi l-azjenda tiegħu.

Fil- każ ta' trasferiment ta' drittijiet mingħajr trasferiment tal-azjenda, parti mid-drittijiet għal primjum trasferiti, li ma taqbiżx il-15 %, għandha tiġi konsenjata, mingħajr kwalunkwe kumpens lir-riżerva nazzjonali tal-Istat Membru fejn tinstab l-azjenda, għat-tqassim mill-ġdid mingħajr ħlas.

L-Istati Membri jistgħu jakkwistaw drittijiet għal primjum mingħand bdiewa li, fuq bażi volontarja, jaqblu li jċedu d-drittijiet tagħhom, b'mod totali jew parzjali. F'dan il-każ pagamenti għall-akkwist ta' tali drittijiet jistgħu jsiru lil tali bdiewa mill-baġit nazzjonali.

B'deroga mill-paragrafu 1 u f'ċirkustanzi debitament iġġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, f'każ ta' bejgħ jew trasferiment ieħor tal-azjenda, it-trasferiment ta' drittijiet jitwettaq permezz tar-riżerva nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jevitaw id-drittijiet għal primjums milli jiġu trasferiti barra minn żoni jew reġjuni sensittivi fejn il-produzzjoni tan-nagħaġ hija partikolarment importanti għall-ekonomija lokali.

4. Qabel data li għandhom jistabbilixxu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw trasferimenti temporanji ta' dik il-parti tad-drittijiet għall-primjum li ma tkunx maħsuba biex tintuża mill-bidwi detentur tagħhom.

*Artikolu 106*

**Riżerva nazzjonali**

1. Kull Stat Membr għandu jżomm riżerva nazzjonali tad-drittijiet għal primjums.

2. Kwalunke drittijiet għal primjum irtirat f'konformità mal-Artikolu 105(2) jew dispożizzjonijiet Komunitarji oħra għandu jiżdied mar-riżerva nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw drittijiet għal primjum lill-bdiewa fil-limiti tar-riżerva nazzjonali tagħhom. Meta jagħmlu l-allokazzjoni, huma għandhom jagħtu preċedenza b'mod partikolari lill-bdiewa ġodda, lill-bdiewa żgħażagħ jew lill-bdiewa prijoritarji oħrajn.

*Artikolu 107*

**Limiti massimi**

It-total tal-ammonti ta' kull primjum mitlub m'għandux jaqbeż il-limitu massimu ddeterminat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51(2).

Meta l-ammont totali tal-għajnuna mitluba jaqbeż il-livell massimu, l-għajnuna għal kull bidwi għandha titnaqqas proporzjonalment f'dik is-sena.

Taqsima 11

**Pagamenti għaċ-ċanga u l-vitella**

*Artikolu 108*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Fejn l-Artikolu 53 huwa applikat, l-Istati Membri għandhom jagħtu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima u għajr jekk previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-pagament jew il-pagamenti addizzjonali magħżula mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità ma' dak l-Artikolu.

*Artikolu 109*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "reġjun" tfisser Stat Membru jew reġjun fi Stat Membru, skont l-għażla tal-Istat Membru kkonċernat;

(b) "barri" tfisser annimal bovin ta' sess maskili mhux imsewwi;

(c) "barri msewwi" tfisser annimal bovin ta' sess maskili imsewwi;

(d) "baqra li tredda'" tfisser baqra li tappartjeni għar-razez tal-laħam jew imwielda minn tagħmir ma' razza tal-laħam, u li tappartjeni għal merħla intenzjonata għat-trobbija ta' għoġġiela għall-produzzjoni tal-laħam;

(e) "erħa" tfisser annimal bovin ta' sess femminili mill-età ta' tmien xhur li għadha ma wilditx.

*Artikolu 110*

**Primjum speċjali**

1. Bidwi li jkollu annimali bovini ta' sess maskili fl-intrapriża tiegħu jista' jikkwalifika, malli japplika, għal primjum speċjali. Għandu jingħata f'forma ta' primjum annwali għal kull sena kalendarja u għal kull azjenda fil-limiti tal-limiti massimi reġjonali, għal mhux aktar minn 90 annimal għal kull waħda mill-kategoriji ta' età msemmija fil-paragrafu 2.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "limitu massimu reġjonali" għandha tfisser l-għadd ta' annimali intitolati biex jibbenefikaw, f'reġjun u għal kull sena kalendarja, mill-primjum speċjali.

2. Il-primjum speċjali għandu jingħata mhux aktar minn: jew

(a) darba matul il-ħajja ta' kull barri mill-età ta' disa' xhur, jew

(b) darbtejn matul il-ħajja ta' kull barri msewwi:

(i) l-ewwel darba fl-età ta' disa' xhur,

(ii) it-tieni darba wara li jkun laħaq l-età ta' 21 xhar.

3. Biex jikkwalifikaw għall-primjum speċjali:

(a) kull annimal kopert b'applikazzjoni għandu jinżamm mill-bidwi għat-tismin għal perjodu li għandu jiġi determinat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2);

(b) kull annimal għandu jkun kopert sal-qatla jew sal-esportazzjoni b'passaport tal-annimali msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 li jkun fih l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-istatus tal-primjum tiegħu jew, jekk mhux disponibbli, b'dokument amministrattiv ekwivalenti.

4. Fejn f'reġjun partikolari l-għadd totali ta' barrin mill-età ta' disa' xhur u ta' barrin imsewwija mill-età ta' disa' sa għoxrin xahar, li għalihom saret applikazzjoni u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-għotja ta' primjum speċjali, jaqbeż il-limitu massimu reġjonali determinat fil-paragrafu 8, l-għadd totali ta' annimali eliġibbli taħt il-paragrafu 2(a) u (b) għal kull bidwi għas-sena kkonċernata għandu jonqos b'mod proporzjonali.

5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-Istati Membri jistgħu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li huma parti mill-politika ta' żvilupp rurali u biss b'kondizzjoni li jqiesu aspetti ambjentali kif ukoll aspetti ta' mpjieg, ibiddlu jew jirtiraw il-limitu ta' 90 ras ta' annimali għal kull azjenda u għal kull kategorija ta' età. F'dan il-każ, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw il-paragrafu 4 b'tali mod li jilħqu l-livell ta' tnaqqis meħtieġ biex jikkonformaw mal-limitu massimu reġjonali applikabbli, mingħajr ma japplikaw tali tnaqqis lill-bdiewa żgħar li, fir-rigward tas-sena in kwistjoni, ma ppreżentawx applikazzjonijiet għall-primjum speċjali għal iktar minn għadd minimu ta' annimali determinat mill-Istat Membru kkonċernat.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-primjum speċjali fil-waqt tal-qatla. F'dan il-każ, il-kriterju tal-età msemmi fil-paragrafu 2(a) għall-barrin għandu jinbidel b'piż minimu ta' karkassa ta' 185 kg.

Il-primjum għandu jitħallas jew jingħata lura lill-bdiewa.

7. L-ammont tal-primjum speċjali għandu jkun stabbilit għal:

(a) EUR 210 għal kull barri eliġibbli;

(b) EUR 150 għal kull barri msewwi eliġibbli u għal kull kategorija ta' età.

8. Il-limiti massimi reġjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

| Stat Membru | Limitu massimu reġjonali |
|---|---|
| Bulgarija | 90 343 |
| Repubblika Ċeka | 244 349 |
| Danimarka | 277 110 |
| Ġermanja | 1 782 700 |
| Estonja | 18 800 |
| Ċipru | 12 000 |
| Latvja | 70 200 |
| Litwanja | 150 000 |
| Polonja | 926 000 |
| Rumanija | 452 000 |
| Slovenja | 92 276 |
| Slovakkja | 78 348 |
| Finlandja | 250 000 |
| Svezja | 250 000 |

*Artikolu 111*

**Primjum għall-baqar li jreddgħu**

1. Bidwi li jrabbi baqar li jreddgħu fl-impriża tiegħu jista' jikkwalifika, malli japplika, għal primjum ta' manteniment ta' baqar li jreddgħu ("primjum għall-baqar li jreddgħu"). Għandu jingħata f'forma ta' primjum annwali għal kull sena kalendarja u għal kull bidwi skont il-limiti massimi individwali.

2. Il-primjum għal baqar li jreddgħu għandu jingħata lil kull bidwi:

(a) li ma jfornix ħalib jew prodotti tal-ħalib mill-farm tiegħu għal 12-il xahar mill-jum meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

Madankollu, il-forniment ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib direttament mill-azjenda lill-konsumatur m'għandux jipprevjeni li jingħata l-primjum;

(b) il-forniment ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib li t-total tal-kwota individwali tagħhom, kif msemmi fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ma jaqbiżx 120 000 kg.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji stabbiliti minnhom, li jbiddlu jew jirtiraw il-limitu kwantitattiv, dment li l-bidwi jżomm, għal talanqas sitt xhur konsekuttivi minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, għadd ta' baqar li jreddgħu mhux anqas minn 60 % u għadd ta' erħiet li ma jaqbiżx 40 % tan-numru li għalih ġie mitlub il-primjum.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-għadd ta' annimali eliġibbli taħt il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, jekk il-baqar jappartjenux għall-merħla li tredda' jew għall-merħla tal-ħalib, għandu jkun stabbilit abbażi tal-kwota tal-ħalib individwali tal-benefiċjarju disponibbli fl-azjenda fil-31 ta' Marzu tas-sena kalendarja kkonċernata, espressa f'tunnellati u l-produzzjoni medja tal-ħalib.

3. Id-dritt tal-bdiewa għall-primjum għandu jkun limitat bl-applikazzjoni ta' limitu massimu individwali kif definit fl-Artikolu 112.

4. L-ammont tal-primjum għandu jkun ta' EUR 200 għal kull annimal eliġibbli.

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu primjum nazzjonali addizzjonali għall-baqar li jreddgħu, sa massimu ta' EUR 50 għal kull annimal, sakemm ma tinħoloq l-ebda diskriminazzjoni bejn raħħala fl-Istat Membru kkonċernat.

Fir-rigward ta' azjendi li jinsabu f'reġjun kif definit fl-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni [1], l-ewwel EUR 24,15 ta' dan il-primjum addizzjonali għal kull annimal għandu jkun iffinanzjat mill-FAEG.

Fir-rigward ta' azjendi li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, jekk, fl-Istat Membru kkonċernat il-popolazzjoni tal-baqar għandha proporzjon għoli ta' baqar li jreddgħu, li jirrappreżentaw talanqas 30 % tan-numru totali ta' baqar, u jekk talanqas 30 % ta' bovini rġiel maqtula jappartjenu għall-klassijiet ta' konformazzjoni S u E, l-FAEG għandu jiffinanzja l-primjum addizzjonali kollu. Kwalunkwe qabża ta' dawn il-perċentwali għandha tiġi stabbilita abbażi tal-medja tas-sentejn ta' qabel dik is-sena li għaliha jingħata l-primjum.

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu meqjusa biss dawk l-erħiet li jappartjenu għal razza tal-laħam jew li huma mwielda minn taħlita ta' razza tal-laħam u li jappartjenu għal merħla intenzjonata għat-trobbija ta' għoġġiela għall-produzzjoni tal-laħam.

*Artikolu 112*

**Limitu massimu individwali għall-baqar li jreddgħu**

1. Għandha tingħata għajnuna lil kull bidwi li jżomm il-baqar li jreddgħu fil-limiti massimi individwali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 126(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw illi t-total tad-drittijiet għal pimjum fit-territorju tagħhom ma jaqbiżx il-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fil-paragrafu 5 u li tista' tinżamm ir-riżerva nazzjonali msemmija fl-Artikolu 114.

Wara t-tmiem tal-perijodu tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku għall-erja f'konformità mal-Artikolu 122 u fejn huwa applikat l-Artikolu 53(1), l-allokazzjoni tal-limiti massimi individwali lill-produtturi u t-twaqqif tar-riżerva nazzjonali msemmija fl-Artikolu 114 għandhom isiru mhux aktar tard minn tmiem l-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku.

3. Fejn l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 jeħtieġ tnaqqis fil-limiti massimi individwali li għandhom il-bdiewa, dan għandu jsir mingħajr pagament ta' kumpens u jiġi deċiż abbażi ta' kriterji oġġettivi, inkluż, b'mod partikolari:

(a) ir-rata li biha l-bdiewa użaw il-limiti massimi individwali tagħhom matul it-tlett snin ta' referenza ta' qabel l-2000;

(b) l-implimentazzjoni ta' investiment ta' programm ta' estensifikazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella;

(c) ċirkustanzi naturali partikolari jew l-applikazzjoni ta' penali, li jirriżultaw f' nuqqas ta' pagament jew tnaqqis ta' pagament tal-primjum għall talanqas sena waħda ta' referenza;

(d) ċirkustanzi eċċezzjonali addizzjonali li jkollhom l-effett li l-pagamenti li saru għal talanqas sena waħda ta' referenza ma jkunux jikkorrispondu għas-sitwazzjoni attwali kif stabbilita matul is-snin ta' qabel.

4. Drittijiet għal primjum li jkunu ġew irtirati taħt il-miżuri meħuda skont l-ewwel subparagrafu tal- -paragrafu 2 għandhom jitħassru.

[1] ĠU L 210, 31.7.2006, p.25.

5. Il-limiti massimi nazzjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

| Stat Membru | Limitu nazzjonali |
|---|---|
| Belġju | 394 253 |
| Bulgarija | 16 019 |
| Repubblika Ċeka | 90 300 |
| Estonja | 13 416 |
| Franza | 1 441 539 |
| Italja | 3 779 866 |
| Ċipru | 500 |
| Latvja | 19 368 |
| Litwanja | 47 232 |
| Ungerija | 117 000 |
| Malta | 454 |
| Awstrija | 375 000 |
| Polonja | 325 581 |
| Portugall | 458 941 |
| Rumanija | 150 000 |
| Slovenja | 86 384 |
| Slovakkja | 28 080 |

*Artikolu 113*

**Trasferiment tad-drittijiet għal primjum għall-baqar li jreddgħu**

1. Meta bidwi ibigħ jew jittrasferixxi b'mod ieħor l-azjenda tiegħu, huwa jista' jittrasferixxi d-drittijiet tiegħu kollha għal primjum għall-baqar li jreddgħu lill-persuna li tieħu l-azjenda mingħandu.

2. Il-bidwi li jirreferi għalih il-paragrafu 1 jista' jittrasferixxi wkoll, bis-sħiħ jew parzjalment, id-drittijiet tiegħu lil bdiewa oħra mingħajr ma jittrasferixxi l-azjenda tiegħu.

Fejn id-drittijiet għal primjum huma trasferiti mingħajr trasferiment tal-azjenda, parti mid-drittijiet trasferiti, li ma taqbiżx il-15 %, għandha tiġi konsenjata, mingħajr kwalunkwe kumpens lir-riżerva nazzjonali tal-Istat Membru fejn tinstab l-azjenda għat-tqassim mill-ġdid mingħajr ħlas.

3. L-Istati Membri:

(a) għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ma jħallux li d-drittijiet għal primjum jiġu trasferiti barra minn żoni sensitivi jew reġjuni fejn il-produzzjoni taċ-ċanga u l-vitella tkun b'mod partikolari importanti għall-ekonomija lokali;

(b) jistgħu jipprevedu jew li t-trasferiment ta' drittijiet mingħajr it-trasferiment tal-azjenda jitwettaq direttament bejn il-bdiewa jew li dan iseħħ permezz tar-riżerva nazzjonali.

4. Qabel data li għandhom jistabbilixxu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw trasferimenti temporanji ta' dik il-parti tad-drittijiet għall-primjum li ma tkunx maħsuba biex tintuża mill-bidwi detentur tagħhom.

*Artikolu 114*

**Riżerva nazzjonali tad-drittijiet għal primjum għall-baqar li jreddgħu**

1. Kull Stat Membru għandu jżomm riżerva nazzjonali ta' drittijiet għal primjum għall-baqar li jreddgħu.

2. Kwalunkwe dritt għall-primjum irtirat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 113 (2) jew dispożizzjonijiet Komunitarji oħra għandhom jinżdiedu mar-riżerva nazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 112(4).

3. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-riżerva nazzjonali tagħhom biex jallokaw, fil-limiti ta' dawk ir-riżervi, drittijiet għal primjum b'mod partikolari lil bdiewa ġodda, bdiewa żgħażagħ u bdiewa oħra li trid tingħatalhom prijorità.

*Artikolu 115*

**Erħiet**

1. B'deroga mill-Artikolu 111(3) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri li fihom aktar minn 60 % tal-baqar li jreddgħu u erħiet jinżammu f'żoni muntanjużi fit-tifsira tal-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, jistgħu jiddeċiedu li jamministraw l-għotja tal-primjum għall-baqar li jreddgħu għall-erħiet separatament minn dak għall-baqar li jreddgħu fil-limiti massimi nazzjonali separati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat.

Tali limitu massimu nazzjonali separat m'għandux jaqbeż l-40 % tal-limitu massimu nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat stabbilit fl-Artikolu 112(5). Dak il-limitu massimu nazzjonali għandu jitnaqqas b'ammont daqs il-limitu massimu nazzjonali separat. Fejn, fi Stat Membru li jutilizza l-opzjoni prevista f'dan il-paragrafu, l-għadd totali ta' erħiet, li għalihom tkun saret applikazzjoni, u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-għotja ta' primjum għall-baqar li jreddgħu, jaqbeż il-limitu massimu nazzjonali separat, l-għadd ta' erħiet eliġibbli għal kull bidwi għassena in kwistjoni għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.

2. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiesu biss dawk l-erħiet li jappartjenu għal razza tal-laħam jew li huma mwielda minn taħlita ma' razza tal-laħam.

*Artikolu 116*

**Primjum għall-qatla**

1. Bidwi li jżomm annimali bovini fl-azjenda tiegħu jista' jikkwalifika, malli japplika, għal primjum għall-qatla. Dan għandu jingħata mal-qatla ta' annimali eliġibbli jew mal-esportazzjoni tagħhom lejn pajjiż terz u fil-limiti massimi nazzjonali li jridu jiġu stabbiliti.

Dawn li ġejjin huma eliġibbli għall-primjum għall-qatla:

(a) barrin, barrin imsewwija, baqar u erħiet mill-età ta' tmien xhur;

(b) għoġġiela ta' aktar minn xahar u inqas minn tmien xhur u ta' karkassa li tiżen sa 185 kg.

L-annimali elenkati fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu għandhom ikunu eliġibbli għall-primjum għall-qatla sakemm ikun ilhom jinżammu mill-bidwi għal perjodu li jrid jiġi stabbilit.

2. L-ammont tal-primjum għandu jiġi stabbilit bħala:

(a) EUR 80 għal kull annimal eliġibbli kif speċifikat fil-paragrafu 1(a);

(b) EUR 50 għal kull animal eliġibbli kif speċifikat fil-paragrafu 1(b).

3. Il-limiti massimi nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti għal kull Stat Membru u separatament għaż-żewġ gruppi ta' annimali kif speċifikat f'(a) u (b) ta' dak il-paragrafu. Kull limitu massimu għandu jkun ugwali għan-numru ta' annimali f'kull wieħed minn dawn iż-żewġ gruppi, li fl-1995, inqatlu fl-Istat Membru kkonċernat. In-numru ta' annimali esportati lejn pajjiżi terzi, skont id-data tal-Eurostat jew kwalunkwe informazzjoni statistika uffiċjali oħra għal dik is-sena aċċettata mill-Kummissjoni, għandha tiżdied ma' kull limitu massimu.

Għall-Istati Membri ġodda, il-limiti massimi nazzjonali li ġejjin għandhom japplikaw:

| | Barrin, barrin imsewwija, baqar u erhiet | Ghoġġiela ta' aktar minn xahar u anqas minn 8 xhur u ta' piż ta' karkassa sa 185 kg |
|---|---|---|
| Bulgarija | 22 191 | 101 542 |
| Repubblika Ċeka | 483 382 | 27 380 |
| Estonja | 107 813 | 30 000 |
| Ċipru | 21 000 | — |
| Latvja | 124 320 | 53 280 |
| Litwanja | 367 484 | 244 200 |
| Ungerija | 141 559 | 94 439 |
| Malta | 6 002 | 17 |
| Polonja | 1 815 430 | 839 518 |
| Rumanija | 1 148 000 | 85 000 |
| Slovenja | 161 137 | 35 852 |
| Slovakkja | 204 062 | 62 841 |

4. Meta, fi Stat Membru partikolari l-għadd totali ta' annimali li għalihom saret applikazzjoni fir-rigward ta' wieħed miż-żewġ gruppi ta' annimali speċifikati fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1 u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-għotja tal-primjum għall-qatla, jaqbeż il-limitu massimu nazzjonali stabbilit għal dak il-grupp, l-għadd totali ta' annimali eliġibbli taħt dak il-grupp għal kull bidwi għas-sena kkonċernata għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.

*Artikolu 117*

**Regoli komuni dwar pirmjums**

Biex jikkwalifika għall-pagamenti diretti taħt din it-Taqsima, annimal għandu jkun identifikat u rreġistrat skont ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000.

Madankollu, annimal għandu wkoll jitqies eliġibbli għall-pagamenti meta l-informazzjoni stabbilita fit-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tkun ġiet irraportata lill-awtorità kompetenti fl-ewwel jum tal-perijodu taż-żamma tal-annimal kif iddeterminat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 118*

**Limiti Massimi**

It-total tal-ammonti ta' kull pagament mitlub skont din it-Taqsima m'għandux jaqbeż il-limitu massimu iddeterminat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51(2).

Fejn l-ammont totali tal-pagamenti mitluba jaqbeż il-limitu massimu ddeterminat, il-pagamenti għal kull bidwi għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonali f'dik is-sena.

*Artikolu 119*

## Sustanzi projbiti taħt id-Direttiva 96/22/KE

1. Fejn residwi ta' sustanzi projbiti taħt id-Direttiva 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists ([1]), jew residwi ta' sustanzi awtorizzati taħt dik id-Direttiva imma użati illegalment, jinstabu skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali ([2]) f'annimal li jappartjeni għall-merħla bovina ta' bidwi, jew fejn sustanza jew prodott mhux awtorizzat jew sustanza jew prodott awtorizzat taħt id-Direttiva 96/22/KE imma miżmum illegalment jinstab ġo azjenda ta' bidwi fi kwalunkwe forma, il-bidwi għandu jkun eskluż, għas-sena kalendarja li fiha tkun saret l-iskoperta, milli jirċievi l-ammonti previsti f'din it-Taqsima.

Fil-każ ta' ksur repetut tal-liġi, it-tul tal-perijodu tal-esklużjoni jista', skont kemm tkun serja l-offiża, jiġi estiż għal ħames snin mis-sena li fiha jkun ġie skopert il-ksur ripetut.

2. Jekk is-sid jew id-detentur tal-annimali jxekkel it-twettiq ta' spezzjonijiet u t-teħid ta' kampjuni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' pjani nazzjonali ta' monitoraġġ ta' residwi jew it-twettiq tal-investigazzjonijiet u l-kontrolli previsti fid-Direttiva 96/23/KE, għandhom japplikaw il-penali previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*KAPITOLU 2*

## *Għajnuniet nazzjonali*

*Artikolu 120*

## Għajnuna nazzjonali għall-ġewż

1. Mill-2012, jew meta fl-applikazzjoni tal-Artikolu 67 l-pagament tal-erja għall-ġewż imsemmi fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1 ta' dan it-Titolu huwa integrat fl-iskema ta' pagament uniku, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali, sa massimu ta' EUR 120,75 għal kull ettaru fis-sena, lil bidwi li jipproduċi l-prodotti li ġejjin:.

(a) lewż li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0802 11 u 0802 12;

(b) ġellewż jew filberts (corylus spp.) li jaqa' taħt il-kodiċi tan NM 0802 21 u 0802 22;

(c) ġellewż jew siġar tiegħu li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0802 21 u 0802 22;

(d) pistaċċi li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0802 50;

(e) ħarrub li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1212 10 10.

2. L-għajnuna nazzjonali tista' titħallas għal erja massima ta':

| Stat Membru | Erja massima (ettaru) |
|---|---|
| Belġju | 100 |
| Bulgarija | 11 984 |
| Ġermanja | 1 500 |
| Greċja | 41 100 |
| Franza | 568 200 |
| Italja | 17 300 |
| Olanda | 130 100 |
| Ċipru | 5 100 |
| Lussemburgu | 100 |
| Ungerija | 2 900 |
| Olanda | 100 |
| Polonja | 4 200 |
| Portugall | 41 300 |
| Rumanija | 1 645 |
| Slovenja | 300 |
| Slovakkja | 3 100 |
| Renju Unit | 100 |

3. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għotja tal-għajnuna nazzjonali soġġett għas-sħubija tal-bdiewa f'organizzazzjoni ta' produtturi rikonoxxuta taħt l-Artikoli 125b tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

TITOLU V

## IMPLIMENTAZZJONI TA' PAGAMENTI DIRETTI FL-ISTATI MEMBRI ĠODDA

*KAPITOLU 1*

## *Dispożizzjonijiet ġenerali*

*Artikolu 121*

## Introduzzjoni ta' pagamenti diretti

Fl-Istati Membri ġodda, minbarra l-Bulgarija u r-Rumanija, għandhom jiġu introdotti pagamenti diretti skont l-iskeda ta' żidiet li ġejja, espressi bħala perċentwali tal-livell applikabbli dakinhar ta' tali pagamenti fl-Istati Membri għajr dawk li mhumiex Stati Membri ġodda:

— 60 % fl-2009;

— 70 % fl-2010,

([1]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3.
([2]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

— 80 % fl-2011,

— 90 % fl-2012,

— 100 % mill-2013 'il quddiem.

Fil-Bulgarija u r-Rumanija, għandhom jiġu introdotti pagamenti diretti skont l-iskeda ta' żidiet li ġejja, espressi bħala perċentwali tal-livell applikabbli dakinhar ta' tali pagamenti fl-Istati Membri għajr dawk li mhumiex Stati Membri ġodda:

— 35 % fl-2009;

— 40 % fl-2010,

— 50 % fl-2011,

— 60 % fl-2012,

— 70 % fl-2010,

— 80 % fl-2010,

— 90 % fl-2010,

— 100 % mill-2016 'il quddiem.

*KAPITOLU 2*

***Skema ta' pagament uniku skont l-erja***

*Artikolu 122*

**Skema ta' Pagament Uniku skont l-Erja**

1. L-Istati Membri ġodda li ddeċidew li jbiddlu l-pagamenti diretti, bl-eċċezzjoni, għall-2009, l-2010 u l-2011 tal-pagament transitorju għall-frott artab stabbilit fit-Taqsima 9 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament, u, għall-2009, tal-pagament tal-prodotti tal-enerġija msemmija fil-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, bi skema ta' pagament uniku skont l-erja għandhom jagħtu għajnuna lill-bdiewa skont dan l-Artikolu.

2. Il-pagament uniku skont l-erja għandu jingħata fuq bażi annwali. Huwa għandu jiġi kkalkulat billi l-pakkett finanzjarju annwali stabbilit f'konformità mal-Artikolu 123 jiġi diviż skont l-erja agrikola ta' kull Stat Membru ġdid stabbilita f'konformità mal-Artikolu 124.

3. L-iskema ta' pagament uniku skont l-erja ser tkun disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2013. L-Istati Membri ġodda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jtemmu l-applikazzjoni tal-iskema sal-1 ta' Awwissu tal-aħħar sena ta' applikazzjoni.

4. Wara tmiem il-perijodu ta' applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, jibdew japplikaw il-pagamenti diretti skont ir-regoli Komunitarji rilevanti u abbażi ta' parametri kwantitattivi, bħal erja bażi, limiti massimi ta' primjums u kwantitajiet massimi garantiti, speċifikati fl-Atti ta' Adeżjoni tal-2003 u tal-2005 u fil-leġislazzjoni Komunitarja sussegwenti għal kull pagament dirett. Ir-rati tal-perċentwali mniżżlin fl-Artikolu 121 ta' dan ir-Regolament għas-snin rilevanti għandhom japplikaw sussegwentement.

*Artikolu 123*

**Pakkett finanzjarju annwali**

1. Għal kwalunkwe Stat Membru ġdid, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pakkett finanzjarju annwali bħala l-fondi totali li jkun disponibbli rigward is-sena kalendarja kkonċernata għall-għoti ta' pagamenti diretti fl-Istat Membru l-ġdid.

Il-pakkett finanzjarju annwali għandu jkun stabbilit skont ir-regoli Komunitarji rilevanti u abbażi tal-parametri kwantitattivi, bħal meded bażi, limiti massimi ta' primjums u kwantitajiet massimi garantiti, speċifikati fl-Atti ta' Adeżjoni tal-2003 u tal-2005 u fil-leġisazzjoni Komunitarja sussegwenti għal kull pagament dirett.

Il-pakkett finanzjarju annwali għandu jiġi aġġustat bl-użu tal-perċentwali rilevanti speċifikati fl-Artikolu 121 għall-introduzzjoni gradwali ta' pagamenti diretti, għajr għall-ammonti disponibbli skont l-Anness XV jew skont id-differenza bejn dawn l-ammonti jew l-ammonti korrispondenti għas-settur tal-frott u l-ħxejjex u dawk fil-fatt applikati kif imsemmi fl-Artikolu 130(1).

2. Meta għal sena partikolari l-pagamenti uniċi skont l-erja fi Stat Membru ġdid ikunu ser jaqbżu l-pakkett finanzjarju annwali, l-ammont nazzjonali għal kull ettaru applikabbli f'dak l-Istat Membru l-ġdid għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali bl-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' tnaqqis.

*Artikolu 124*

**Erja agrikola taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja**

1. L-erja agrikola ta' Stat Membru ġdid minbarra l-Bulgarija u r-Rumanija taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandha tkun il-parti tal-erja agrikola użata li nżammet f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003, kemm jekk tkun qed tipproduċi kif ukoll jekk ma tkunx f'dik id-data, u, fejn xieraq aġġustata skont il-kriterji oġġettivi u non diskriminatorji li għandhom jiġu stabbiliti minn dak l-Istat Membru l-ġdid wara approvazzjoni mill-Kummissjoni.

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, "erja agrikola utilizzata" għandha tfisser l-erja totali meħuda minn art li tinħadem, art erbaċei permanenti, uċuħ tar-raba' permanenti u art għall-kultivazzjoni domestika kif stabbilit mill-Kummissjoni għall-finijiet statistiċi tagħha.

Għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-erja agrikola taħt l-iskema ta' pagament uniku għall-erja għandha tkun il-parti tal-erja agrikola użata li tkun miżmuma f'kondizzjoni agrikola tajba, kemm jekk tkun kif ukoll jekk ma tkunx, aġġustata fejn xieraq skont il-kriterji oġġettivi u non diskriminatorji li għandhom jiġu stabbiliti mill-Bulgarija jew ir-Rumanija wara approvazzjoni mill-Kummissjoni.

2. Għall-fini tal-għoti ta' pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, il-ħbula agrikoli kollha li jikkorrispondu mal-kriterji previsti fil-paragrafu 1, kif ukoll ħbula agrikoli mħawla bi msaġar ta' rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41) li nżammu f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003, għandhom ikunu eliġibbli. Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, il-ħbula agrikoli kollha li jikkorrispondu mal-kriterji previsti fil-paragrafu 1, kif ukoll ħbula agrikoli mħawla bi msaġar ta' rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41), għandhom ikunu eliġibbli.

Ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula agrikoli msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu disponibbli għall-bidwi f'data ffissata mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data stabbilita f'dak l-Istat Membru għall-emenda tal-applikazzjoni għal għajnuna.

Id-daqs minimu ta' erja eliġibbli għal kull azjenda li għaliha jistgħu jintalbu pagamenti għandu jkun 0,3 ettaru. Madankollu, kuwalunkwe Stat Membru ġdid jista' jiddeċiedi, abbażi ta' kriterji oġġettivi u wara lpprovazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxi d-daqs minimu f'livell ogħla li ma jaqbiżx ettaru.

3. M'għandux ikun hemm l-ebda obbligu fuq il-produzzjoni jew l-impjieg tal-fatturi tal-produzzjoni. Madankollu, il-bdiewa jistgħu jużaw l-art imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għal kwalunkwe fini agrikolu. Fil-każ tal-produzzjoni tal-qanneb, l-Artikolu 39 għandu japplika.

4. Kwalunkwe art li tibbenefika minn pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandha tinżamm f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 6.

5. Kwalunkwe bidwi li jirċievi appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għandu jirrispetta l-rekwiżiti amministrattivi statutorji msemmija fl-Anness II, f'konformità mal-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) kondizzjonijiet imsemmija fil-punt A tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2009;

(b) rekwiżiti msemmija fil-Punt B tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011;

(c) rekwiżiti msemmija fil-Punt C tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2013.

6. Għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-applikazzjoni tal-Artikoli 4, 5, 23, 24 u 25 għandha tkun fakultattiva sal-31 ta' Diċembru 2011, safejn dawk id-dispożizzjonijiet jirrelataw mal-rekwiżiti amministrattivi statutorji. Mill-1 ta' Jannar 2012, bidwi li jirċievi pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja f'dawk l-Istati Membri għandu jirrispetta l-rekwiżiti amministrattivi statutorji msemmija fl-Anness II, skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) rekwiżiti msemmija fil-punt A tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012;

(b) rekwiżiti msemmija fil-Punt B tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014;

(c) rekwiżiti msemmija fil-Punt C tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

7. L-Istati Membri ġodda jistgħu wkoll japplikaw l-għażliet previsti fil-paragrafi 5 u 6 fejn jiddeċiedu li jitterminaw l-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja qabel tmiem il-perijodu tal-applikazzjoni previst fl-Artikolu 122(3).

8. L-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja bl-ebda m'għandha bl-ebda mod taffettwa l-obbligu ta' kwalunkwe Stat Membru ġdid fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' regoli Komunitarji dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali kif previst bir-Regolament (KE) Nru 1760/ 2000 u r-Regolament (KE) Nru 21/2004.

*Artikolu 125*

**Komunikazzjoni**

L-Istati Membri ġodda għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fid-dettal bil-miżuri li ħadu biex jimplimentaw dan il-Kapitolu u b'mod partikolari l-miżuri meħuda skont l-Artikolu 123(2).

*KAPITOLU 3*

***Pagamenti separati u appoġġ speċifiku***

*Artikolu 126*

**Pagament separat għaz-zokkor**

1. Meta Stat Membru ġdid ikun għamel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 143ba tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, huwa għandu jagħti pagament separat għaz-zokkor lil bdiewa eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja. Dan il-pagament għandu jingħata abbażi tal-kriterji adottati mill-Istati Membri rilevanti fl-2006 u l-2007.

2. Il-pagament separat għaz-zokkor għandu jingħata skont il-limiti massimi stipulati fl-Anness XV.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, kull Stat Membru ġdid ikkonċernat jista' jiddeċiedi sal-31 ta' Marzu tas-sena li għaliha qed jingħata l-pagament separat għaz-zokkor u abbażi ta' kriterji oġġettivi, li japplika limitu massimu aktar baxx minn dak elenkat fl-Anness XV għall-pagament separat għaz-zokkor. Meta t-total tal-ammonti determinati skont il-paragrafu 1 jaqbeż il-limitu massimu deċiż mill-Istat Membru ġdid ikkonċernat, l-ammont annwali li jingħata lill-bdiewa għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali.

*Artikolu 127*

**Pagament separat għall-frott u l-ħxejjex**

1. Meta Stat Membru ġdid ikun għamel użu mill-għażla previstaa fl-Artikolu 143bb tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, huwa għandu jagħti pagament separat għall-frott u l-ħxejjex lil bdiewa eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja. Dan il-pagament għandu jingħata skont il-kriterji adottati mill-Istat Membru fl-2007.

2. Il-pagament separat għall-frott u l-ħxejjex għandu jingħata fil-limiti tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-frott u l-ħxejjex jew, meta l-Istat Membru ġdid ikun għamel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 143bb(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, skont limitu massimu aktar baxx.

*Artikolu 128*

**Pagament separat transitorju għall-frott u l-ħxejjex**

1. Meta Stat Membru ġdid ikun għamel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 143bc(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, huwa jista' jżomm, sal-31 ta' Diċembru 2011, sa 50 % tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għal tadam li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 0702 00 00 skont id-deċiżjoni tiegħu tal-2007.

F'dan il-każ u skont il-limitu massimu stabbilit skont il-proċedura msemmija fl-Atikolu 141(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

Il-pagament addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jipproduċu tadam skont il-kondizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 1, Taqsima 8 tat-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

2. Meta Stat Membru ġdid ikun uża l-għażla prevista fl-Artikolu 143bc(2) tar-Regolament (KE) Nru1782/2003, huwa jista' jżomm, skont id-deċiżjoni tiegħu tal-2007:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2010, sa 100 % tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondi għall-uċuħ ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ annwali elenkati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 54(2) ta' dan ir-Regolament;

(b) mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012, sa 75 % tal-komponent tal-limiti massimi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 40 ta' dan ir-Regolament li jikkorrispondu għall-uċuħ ta' frott u ħxejjex minbarra l-uċuħ annwali elenkati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 54(2) ta' dan ir-Regolament.

F'dan il-każ u skont il-limitu massimu stabbilit skont il-proċedura msemmija fl-Atikolu 141(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel, fuq bażi annwali, pagament addizzjonali lill-bdiewa.

Il-pagamanet addizzjonali għandu jingħata lil bdiewa li jipproduċu wieħed jew aktar mill-prodotti ta' frott u l-ħxejjex, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, elenkati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 54(2) ta' dan ir-Regolament.

3. Wara li l-Istati Membri ġodda jkunu użaw l-għażliet previsti fl-Artikolu 143*bc* tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huma jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta'Awwissu 2009, li jirrevedu d-deċiżjoni meħuda fl-2007 bil-ħsieb li jew:

(a) jintegraw dawk il-pagamenti kollha jew parti minnhom fl-iskema ta' pagament uniku. F'dan il-każ, permezz ta' deroga mill-Artikolu 130 ta' dan ir-Regolament, l-ammonti kkonċernati għandhom jiġu inklużi fl-envelopp finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 123(1) ta' dan ir-Regolament, jew

(b) jintegraw dawk il-pagamenti kollha jew parti minnhom fil-pagament separat għall-frott u l-ħxejjex imsemmi fl-Artikolu 127 ta' dan ir-Regolament. F'dan il-każ, il-pagament il-ġdid għandu jingħata abbażi ta' kriterji oġġettivi u non diskriminatorji bħal dawk stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-punt A tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament u b'rispett lejn il-perijodu rappreżentattiv li jispiċċa fl-2008.

*Artikolu 129*

**Pagament separat għall-frott artab**

1. B'deroga mill-Artikolu 122, l-Istati Membri ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu 2011, li mill-2012 jagħtu pagament separat għall-frott artab. Dan għandu jingħata abbażi ta' kriterji oġġettivi u non diskriminatorji bħall-pagamenti li jingħataw taħt il-pagament transizzjonali għall-frott artab previst fl-Artikolu 98 u b'rispett għal perijodu rappreżentattiv li jiġi stabbilit minn dak l-Istat Membru sa mhux aktar tard mill-2008.

2. Il-pagament separat għall-frott artab għandu jingħata skont il-limiti massimi msemmija fl-Anness XII li jikkorrispondu għall-pagament separat għall-frott artab.

3. Fl-2012, l-Istati Membri li japplikaw dan l-Artikolu jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali flimkien mal-pagament separat għall-frott artab. L-ammont totali ta' għajnuna Komunitarja u nazzjonali m'għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

— Bulgarija: EUR 960 000,

— Latvja: EUR 160 000,

— Litwanja: EUR 240 000,

— Ungerija: EUR 680 000,

— Polonja: EUR 19 200 000.

*Artikolu 130*

**Dispożizzjonijiet komuni għall-pagamenti separati**

1. Il-fondi li jsiru disponibbli għall-għoti ta' pagament imsemmi fl-Artikoli 126, 127 u 128 u 129 ma għandhomx ikunu inklużi fil-pakkett finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 123(1). Madankollu, meta jiġi applikat l-Artikolu 126(3), id-differenza bejn il-limiti massimi elenkati fl-Anness XV u dak li fil-fatt japplika għandhom jiġu inklużi fil-pakkett finanzjarju annwali msemmi fl-Artikolu 123(1).

2. L-Artikolu 132 m'għandux japplika għall-pagamenti separati msemmija fl-Artikoli 127, 128 u 129. Ħlief fil-każ tal-Bulgarija u r-Rumanija, l-Artikolu 132 m'għandux japplika għall-pagamenti separati msemmija fl-Artikolu 126.

3. Fil-każ ta' wirt reali jew antiċipat, il-pagament separat għaz-zokkor li jirreferi għalih l-Artikolu 126, il-pagament separat għall-frott u l-ħxejjex imsemmija fl-Artikolu 127 u l-pagament separat għall-frott artab li jirreferi għalih l-Artikolu 129 għandhom jingħataw lill-bidwi li wiret l-azjenda, bil-kondizzjoni li dan il-bidwi jkun eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.

*Artikolu 131*

**Appoġġ speċifiku**

1. L-Istati Membri l-ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu 2009, l-1 ta' Awwissu 2010 jew l-1 ta' Awwissu 2011, li jużaw, mis-sena ta' wara dik id-deċiżjoni, sa 10 % tal-limiti massimi nazzjonali tagħhom imsemmija fl-Artikolu 40 biex jagħtu appoġġ lil bdiewa kif stipulat fl-Artikolu 68(1) u skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu III, skont kif applikabbli għalihom.

2. B'deroga mill-Artikolu 68(4)(c), l-appoġġ għal miżuri msemmija fl-Artikolu 68(1)(c) għandu jkun fil-forma ta' żieda fl-ammonti għal kull ettaru mogħtija skont l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 68(3) m'għandux japplika għall-Istati Membri l-ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament unku skont l-erja.

3. B'deroga mill-Artikolu 69(6), l-Istati Membri ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fl-Artikolu 122 għandhom jiġbru l-fondi meħtieġa biex ikopru l-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi:

(a) inaqqsu l-pakkett finanzjarju annwali tagħhom imsemmi fl-Artikolu 123; u/jew

(b) iwettqu tnaqqis lineari tal-ammonti ta' pagamenti diretti għajr l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.

4. L-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2).

Dawn l-ammonti għandhom jitnaqqsu mill-pakketti finanzjarji annwali msemmija fl-Artikolu 123(1) tal-Istati Membri ġodda kkonċernati.

*KAPITOLU 4*

***Pagamenti nazzjonali komplementari u pagamenti diretti***

*Artikolu 132*

**Pagamenti nazzjonali komplementari u pagamenti diretti**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "skema nazzjonali li tixbah il-PAK" għandha tfisser kwalunkwe skema ta' pagamenti diretti nazzjonali li tkun applikabbli qabel id-data tal-adeżjoni tal-Istati Membri ġodda li bis-saħħa tagħha kien jingħata l-appoġġ lill-bdiewa fir-rigward tal-produzzjoni koperta b'wieħed mill-pagamenti diretti.

2. L-Istati Membri ġodda għandu jkollhom il-possibbiltà, soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, li jikkomplementaw kwalunkwe pagamenti diretti:

(a) fir-rigward ta' pagamenti diretti, sa 30 punt perċentwali aktar mil-livell applikabbli msemmi fl-Artikolu 121 fis-sena rilevanti. Għal dak li jirrigwarda l-Bulgarija u r-Rumanija, għandu japplika dan li ġej: 65 % tal-livell ta' pagamenti diretti fil-Komunità kif kostitwit fit-30 ta' April 2004 fl-2009, u mill-2010, sa 50 punt perċentwali aktar mil-livell applikabbli msemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 121 fis-sena rilevanti. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tista' tikkomplimenta pagamenti diretti fis-settur tal-lamtu tal-patata sa 100 % tal-livell applikabbli fl-Istati Membri għajr fl-Istati Membri ġodda. Għall-pagamenti diretti msemmija fil-Kapitolu 7 tat-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jikkomplementaw il-pagamenti diretti sa 100 %. Għal dak li jirrigwarda l-Bulgarija u r-Rumanija, r-rati massimi li ġejjin għandhom japplikaw: 95 % fl-2009 u 100 % mill-2010;

jew

(b) (i) fir-rigward ta' pagamenti diretti għajr l-iskema ta' pagament uniku, sal-livell totali ta' appoġġ dirett li l-bidwi kien ikun intitolat li jirċievi, abbażi ta' prodott bi prodott, fl-Istat Membru l-ġdid fis-sena kalendarja 2003 taħt skema nazzjonali li tixbah lill-PAK miżjud b'10 punti perċentwali. Madankollu, għal-Litwanja s-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja 2002. Għall-Bulgarija u r-Rumanija s-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja 2006. Għas-Slovenja ż-żieda għandha tkun 25 punt perċentwali;

(ii) fir-rigward tal-iskema ta' pagament uniku l-ammont totali ta' għajnuna diretta nazzjonali komplementarja li tista' tingħata minn Stat Membru ġdid fir-rigward ta' sena speċifika għandha tkun limitata minn pakkett finanzjarju speċifiku. Dan il-pakkett għandu jkun ugwali għad-differenza bejn:

— l-ammont totali ta' appoġġ dirett nazzjonali li jixbah lill-PAK li jkun disponibbli fl-Istat Membru l-ġdid rilevanti fir-rigward tas-sena kalendarja 2003 jew, fil-każ tal-Litwanja, tas-sena kalendarja 2002, kull darba miżjud b'10 punti perċentwali. Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija s-sena ta' referenza għandha tkun is-sena kalendarja 2006. Għas-Slovenja ż-żieda għandha tkun 25 punt perċentwali, u

— il-limitu massimu nazzjonali ta' dak l-Istat Membru l-ġdid elenkat fl-Anness VIII aġġustat, fejn ikun il-każ, skont l-Artikoli 51(2).

Għall-fini tal-kalkolu tal-ammont totali msemmi fl-ewwel inċiż ta' dan is-sottopunt, għandhom jiġu inklużi l-pagamenti diretti nazzjonali jew il-komponenti tagħhom korrispondenti għall-pagamenti diretti Komunitarji u/jew il-komponenti tagħhom li tqiesu għall-kalkolu tal-limitu massimu effettiv tal-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat skont l-Artikolu 40 u l-Artikolu 51(2).

Għal kull pagament dirett ikkonċernat, Stat Membru ġdid jista' jagħżel li japplika jew il-punt (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu.

L-appoġġ dirett totali li bidwi jista' jingħata fl-Istati Membri ġodda wara l-adeżjoni skont il-pagament dirett rilevanti, inkluż kull pagament dirett nazzjonali komplementari, ma għandux jaqbeż il-livell ta' appoġġ dirett li bidwi jkun intitolat jirċievi skont il-pagament dirett korrispondenti applikabbli għall-Istati Membri fl-Istati Membri għajr l-Istati l-Membri l-ġodda, mill-2012, b'kont meħud tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 flimkien mal-Artikolu 10.

3. Ċipru jista' jikkomplementa l-għajnuna diretta mħallsa lil bidwi skont kwalunkwe pagament dirett għall-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I sal-livell ta' appoġġ totali li l-bidwi kien ikun intitolat jirċievi f'Ċipru fl-2001.

L-awtoritajiet Ċiprijotti għandhom jiżguraw li l-appoġġ dirett totali li l-bidwi jingħata wara l-adeżjoni f'Ċipru skont il-pagament dirett rilevanti, inkluż kull pagament dirett nazzjonali komplementari, fl-ebda każ ma jaqbeż il-livell ta' appoġġ dirett li l-bidwi jkun intitolat jirċievi skont dak il-pagament dirett korrispondenti fis-sena rilevanti fl-Istati Membri għajr l-Istati l-Membri l-ġodda.

L-ammonti totali ta' għajnuna nazzjonali komplementari li għandha tingħata għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness XVI.

L-għajnuna nazzjonali komplementari li għandha tingħata għandha tkun soġġetta għal kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba żviluppi fil-PAK.

Il-paragrafi 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għal Ċipru.

4. Jekk Stat Membru ġdid jiddeċiedi li japplika l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, dak l-Istat Membru l-ġdid jista' jagħti għajnuna diretta nazzjonali komplementari skont il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 5 u 8.

5. L-ammont totali ta' għajnuna diretta nazzjonali komplementari mogħtija f'dik is-sena bl-applikazzjoni tal-iskema tal-pagament uniku skont l-erja jista' jkun limitat minn dotazzjoni finanzjarja speċifika għal kull (sotto)settur, bil-kondizzjoni li dak il-pakkett finanzjarju speċifiku għal dak is-(sotto)settur jista' jirrigwarda biss:

(a) il-pagamenti diretti magħquda mal-iskema ta' pagament uniku; u/jew

(b) għall-2009, wieħed jew aktar mill-pagamenti diretti li huma esklużi jew li jistgħu jkunu esklużi mill-iskema ta' pagament uniku skont l-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew li jistgħu jkunu soġġetti għal implimentazzjoni parzjali kif imsemmi fl-Artikolu 64(2) ta' dak ir-Regolament;

(c) mill-2010, wieħed jew aktar mill-pagamenti diretti li jistgħu jkunu soġġetti għall-implimentazzjoni jew appoġġ speċifiku kif previst fl-Artikolu 51(2) u l-Artikolu 68 ta' dan ir-Regolament.

Dan il-pakkett għandu jkun ugwali għad-differenza bejn:

(a) l-ammont totali ta' appoġġ għal kull (sotto)settur b'riżultat tal-applikazzjoni tal- punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, kif xieraq, u

(b) l-ammont totali ta' appoġġ dirett li jkun disponibbli fl-Istat Membru ġdid rilevanti għal dak l-istess (sotto)settur fis-sena kkonċernata skont l-iskema tal-pagament uniku skont l-erja.

6. L-Istat Membru l-ġdid jista', abbażi ta' kriterji oġġettivi u wara awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, jiddeċiedi fuq l-ammonti tal-għajnuna nazzjonali komplementari li għandha tingħata.

7. L-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni għandha:

(a) fejn japplika l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, tispeċifika l-iskemi rilevanti nazzjonali ta' pagament dirett li jixbhu l-PAK,

(b) tiddefinixxi sa liema livell tista' titħallas l-għajnuna nazzjonali komplementari, ir-rata tal-għajnuna nazzjonali komplementari u, fejn xieraq, il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajnuna,

(c) tingħata soġġett għal kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba żviluppi fil-PAK.

8. L-ebda pagament jew għajnuna nazzjonali komplementari ma għandu/ha jingħata/tingħata għal attivitajiet agrikoli li firrigward tagħhom ma jkunux previsti pagamenti diretti fl-Istati Membri għajr l-Istati Membri ġodda.

*Artikolu 133*

## Għajnuna mill-Istat f'Ċipru

Ċipru jista', minbarra l-pagamenti diretti nazzjonali komplementari, jagħti għajnuna nazzjonali transitrorja u digressiva sa tmiem l-2012. Din l-għajnuna mill-Istat għandha tingħata f'forma li tixbah lill-għajnuna Komunitarja, bħall-pagamenti diżakkoppjati.

B'kont meħud tan-natura u l-ammont ta' appoġġ nazzjonali mogħti fl-2001, Ċipru jista' jagħti għajnuna mill-Istat lis-(sotto) setturi elenkati fl-Anness XVII u sal-ammonti speċifikati f'dak l-Anness.

L-għajnuna mill-Istat li għandha tingħata għandha tkun suġġetta għal kwalunkwe aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba żviluppi fil-PAK. Jekk ikunu meħtieġa aġġustamenti bħal dawn, l-ammont tal-għajnuna jew il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajnuna għandhom ikunu emendati abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Ċipru għandu jippreżenta rapport annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, bl-indikazzjoni tal-forom tal-għajnuna u l-ammonti għal kull (sotto)settur.

TITOLU VI

**TRASFERIMENTI FINANZJARJI**

*Artikolu 134*

**Trasferimenti finanzjarji għal ristrutturar fir-reġjuni tal-koltivazzjoni tal-qoton**

Ammont ta' EUR 22 000 000 għandu jkun disponibbli kull sena kalendarja bħala appoġġ Komunitarju addizzjonali għal miżuri f'reġjuni tal-koltivazzjoni tal-qoton skont programmazzjoni tal-iżvilupp rurali ffinazjata mill-FAEŻR.

*Artikolu 135*

**Trasferimenti finanzjarji għal ristrutturar fir-reġjuni tal-koltivazzjoni tat-tabakk**

Mis-sena finanzjarja 2011, ammont ta' EUR 484 000 000 għandu jkun disponibbli bħala appoġġ Komunitarju addizzjonali għal miżuri f'reġjuni li jipproduċu t-tabakk skont programmazzjoni tal-iżvilupp rurali b'finanzjament mill-FAEŻR għal dawk l-Istati Membri li fihom il-produtturi tat-tabakk ikunu rċevew l-għajnuna skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni tas-suq tat-tabakk ([1]) mhux ipproċessat fl-2000, 2001 u 2002.

*Artikolu 136*

**Trasferiment għall-FAEŻR**

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, sal-1 ta' Awwissu 2009 li jagħmlu ammont li jrid jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 69(7) disponibbli mis-sena finanzjarja 2011 għal appoġġ Komunitarju taħt il-programmazzjoni u l-finanzjament għall-iżvilupp rurali taħt il-FAEŻR flok ma jsir rikors għall-Artikolu 69(6)(a).

TITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI, TRANSITORJI U FINALI**

*KAPITOLU 1*

***Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni***

*Artikolu 137*

**Konferma tad-drittijiet għal pagamenti**

1. Id-drittijiet għal pagamenti allokati lill-bdiewa qabel l-1 ta' Jannar 2009 għandhom jitqiesu bħala legali u regolari sa mill-1 ta' Jannar 2010.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal pagamenti diretti allokati lil bdiewa abbażi ta' applikazzjonijiet fattwali inkorretti ħlief f'każijiet fejn l-iżball ma setax ikun raġonevolment misjub mill-bidwi.

3. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika s-setgħa tal-Kummissjoni li tieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar infiq li jkun sar fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja sal-2009 inkluża.]

*Artikolu 138*

**Applikazzjoni għar-reġjuni l-aktar imbiegħda**

It-Titoli III u IV ma għandhomx japplikaw għad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, għall-Ażori u Madejra u lanqas għall-Gżejjer Kanarji.

*Artikolu 139*

**Għajnuna mill-Istat**

B'deroga mill-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ fi, prodotti agrikolo ([2]), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għal pagamenti magħmula taħt l-Artikoli 41, 57, 64, 68, 69, 70 u 71, l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 86, l-Artikolu 98(4), l-Artikolu 111(5), l-Artikolu 120, l-Artikolu 129(3) u l-Artikoli 131, 132 u 133 ta' dan ir-Regolament minn Stati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 140*

**Trasmissjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni**

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummisjoni fid-dettall dwar il-miżuri meħuda sabiex jimplimentaw dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, dawk li jirrelataw mal-Artikoli 6, 12, 28, 41, 45, 46, 47, 48, 51, 57, 58, 68, 69, 70, 71, 72 u 131.

*Artikolu 141*

**Kumitat ta' Ġestjoni għal Pagamenti Diretti**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat ta' Ġestjoni għal Pagamenti Diretti.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu pprovdut fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun definit bħala xahar.

*Artikolu 142*

**Regoli implimentattivi**

Skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141(2), għandhom ikunu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) regoli dettaljati relatati mal-istabbiliment ta' sistema konsultattiva għall-farms;

([1]) ĠU L 215, 30.7.1992, p. 70.

([2]) ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7.

(b) regoli dettaljati relatati mal-kriterji għall-allokazzjoni tal-ammonti li jkunu saru disponibbli bl-applikazzjoni tal-modulazzjoni;

(c) regoli dettaljati għall-għoti ta' għajnuna prevista f'dan ir-Regolament, inklużi kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà, dati ta' applikazzjoni u pagament u dispożizzjonijiet ta' kontroll kif ukoll għall-verifikar u l-istabbilitment ta' drittijiet għal għajnuna, inkluż kwalunkwe skambju ta' data meħtieġ mal-Istati Membri, u għall-istabbiliment tal-qbiż tal-erja bażi jew il-meded massimi garantiti kif ukoll regoli dettaljati dwar id-determinar tal-perijodu ta' retenzjoni, l-irtirar u r-riallokazzjoni ta' drittijiet għal primjums mhux użati stabbiliti skont it-Taqsimiet 10 u 11 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV;

(d) fir-rigward tal-iskema ta' pagament uniku, regoli dettaljati relatati b'mod partikolari mal-istabbiliment tar-riżerva nazzjonali, it-trasferiment tad-drittijiet ta' pagament, id-definizzjoni ta' uċuħ permanenti, mergħat permanenti u artijiet erbaċei, l-għażliet previsti fil-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu III u l-integrazzjoni tal-pagamenti akkoppjati previsti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III;

(e) regoli dettaljati li jirrelataw mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fit-Titolu V;

(f) regoli dettaljati relatati mal-inklużjoni ta' appoġġ għall-frott u l-ħxejjex, il-patata tal-konsum u l-imxietel fl-iskema ta' pagament uniku, inkluża l-proċedura ta' applikazzjoni fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni, u relatati mal-pagamenti msemmija fit-Taqsima 8 u 9 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV;

(g) regoli dettaljati relatati mal-inklużjoni ta' appoġġ għall-inbid fl-iskema ta' pagament uniku, inkluża l-proċedura ta' applikazzjoni fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2008;

(h) rigward il-qanneb, regoli dettaljati relatati mal-miżuri u l-metodi speċifiċi ta' kontroll biex jiġu stabbiliti l-livelli tat-tetrahydrocannabinol;

(i) tali emendi għall-Anness I li jistgħu jsiru meħtieġa, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1;

(j) tali emendi għall-Annessi V u IX li jistgħu jsiru meħtieġa, b'kont meħud b'mod partikolari tal-leġislazzjoni Komunitarja l-ġdida;

(k) l-aspetti bażiċi tas-sistema ta' identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli u d-definizzjoni tagħhom;

(l) kwalunkwe emenda li tista' ssir għall-applikazzjoni għal għajnuna u l-eżenzjoni mir-rekwiżit tat-tressiq ta' applikazzjoni għal għajnuna;

(m) regoli dwar l-ammont minimu ta' informazzjoni li għandha tkun inkluża fl-applikazzjonijiet għal għajnuna;

(n) regoli fuq il-kontrolli amministrattivi, fuq dawk fil-post u fuq il-kontrolli bir-remote sensing;

(o) regoli dwar l-applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet mill-pagamenti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi msemmija fl-Artikoli 4 u 22, inklużi każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni ta' tnaqqis u esklużjonijiet;

(p) tali emendi għall-Anness VI li jistgħu jsiru meħtieġa, b'kont meħud tal-kriterji stabbilti fl-Artikolu 26;

(q) komunikazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

(r) miżuri li huma kemm meħtieġa kif ukoll debitament ġustifikati biex isolvu, f'emerġenza, il-problemi prattiċi u speċifiċi, b'mod partikokari dawk li jirrelataw mal-implimentazzjoni tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II u Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu III; miżuri bħal dawn jistgħu jidderogaw minn ċerti punti ta' dan ir-Regolament, iżda biss safejn, u għal dak it-tul ta' żmien li dan ikun strettament meħtieġ;

(s) rigward il-qoton, regoli dettaljati dwar:

(i) il-kalkolu tat-tnaqqis fl-għajnuna prevista fl-Artikolu 90 (4);

(ii) l-organizzazzjonijiet intersettorjali approvati, b'mod partikolari il-finanzjament u sistema ta' kontroll u sanzjonijiet.

*KAPITOLU 2*

***Dispożizzjonijiet transitorji u finali***

*Artikolu 143*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1290/2005**

Ir-Regolament (KE) Nru 1290/2005 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 12(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammonti li, skont l-Artikoli 9, 10(4), 134, 135 u 136 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ta' 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (*), l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (**) u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 479/2008 tad-29 ta' April 2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (***) jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR.

(*) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
(**) ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.
(***) ĠU L 148, 6.6.2008, p. 1.".

2. L-Artikolu 18(3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Limiti massimi nazzjonali għall-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, ikkorreġuti bl-aġġustamenti stabbiliti fl-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament, għandhom jitqiesu bħala limiti massimi finanzjarji f'euro.".

*Artikolu 144*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 247/2006**

Ir-Regolament (KE) Nru 247/2006 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 23(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Komunità għandha tiffinanzja l-miżuri previsti fit-Titoli II u III ta' dan ir-Regolament, sa massimu annwali kif ġej:

*(EUR miljuni)*

| | Is-sena finanzjarja 2007 | Is-sena finanzjarja 2008 | Is-sena finanzjarja 2009 | Is-sena finanzjarja 2010 | Is-sena finanzjarja 2011 u 'l quddiem |
|---|---|---|---|---|---|
| Id-Dipartimenti Franċiżi ekstra-Ewropej | 126,6 | 262,6 | 269,4 | 273,0 | 278,41 |
| L-Ażori u Madejra | 77,9 | 86,98 | 87,08 | 87,18 | 106,21 |
| Il-Gżejjer Kanarji | 127,3 | 268,4 | 268,4 | 268,4 | 268,42" |

2. Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 24b*

1. Sal-1 ta' Awwissu 2009, l-Istati Membri għandhom iressqu lill-Kummissjoni l-abbozz ta' emendi għall-programm globali tagħhom biex jirriflettu t-tibdiliet li saru fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ta' 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (*).

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-emendi ippreżentati u tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tagħhom fi żmien erba' xhur mis-sottomissjoni tagħhom skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2). L-emendi għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010.

(*) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.".

*Artikolu 145*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 378/2007**

Ir-Regolament (KE) Nru 378/2007 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. It-tnaqqis skont il-modulazzjoni volontarja għandu jsir fuq l-istess bażi ta' kalkolu bħal dak applikabbli għall-modulazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ta' 19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa (*).

(*) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.".

(b) il-paragrafu 5 li ġej għandu jiġi miżjud:

"5. Ir-rati ta' modulazzjoni applikabbli għal bidwi jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 bit-tnaqqis ta' 5 punti perċentwali li għandhom jitnaqqsu mir-rata tal-modulazzjoni volontarja applikata mill-Istati Membri skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Sew il-perċentwal li għandu jitnaqqas kif ukoll ir-rata finali tal-modulazzjoni vovlontarja għandhom ikunu ugwali għal jew aktar minn 0.".

2. Fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) b'deroga mill-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, għall-applikazzjoni tat-tnaqqis skont il-modulazzjoni abbażi tal-kalkoli applikabbli għall-modulazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, mingħajr ma jittieħed kont tal-esklużjoni ta' EUR 5 000 prevista fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu; u/jew".

*Artikolu 146*

**Revoki**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 b'dan huwa revokat.

Madankollu, l-Artikoli 66, 67, 68, 68a, 69, 70(1)(b) u l-Kapitoli 1 (qamħ durum) 5 (l-uċuħ tal-enerġija), 7 (primjum għall-prodotti tal-ħalib), 10 (il-pagament skont l-erja għall-uċuħ tar-raba' tal-ħrit), 10b (għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ), 10c (għajnuna għall-produzzjoni tat-tabakk) u 10d (il-pagament skont l-erja għall-ħops) tat-Titolu IV ta' dak ir-Regolament għandhom jibqgħu japplikaw għall-2009.

2. Ir-referenzi magħmula f'dan ir-Regolament għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għal dak ir-Regolament kif kien fis-seħħ qabel it-tħassir tiegħu.

Riferenzi għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jinftiehmu illi jirreferu għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw bi qbil mat-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness XVIII.

*Artikolu 147*

**Regoli transitorji**

Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura […]msemmija fl-Artikolu 141(2), tista' tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiffaċilita t-transizzjoni mill-arranġamenti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għal dawk stabbiliti b'dan ir-Regolament.

*Artikolu 148*

**L-arranġamenti transitorji għall-Istati Membri ġodda**

Meta jkunu meħtieġa miżuri transitorji sabiex jiffaċilitaw, għall-Istati Membri l-ġodda, it-transizzjoni mill-iskema ta' pagament uniku skont l-erja għall-iskema ta' pagament uniku u skemi oħra ta' għajnuna msemmija fit-Titoli III u IV, dawn il-miżuri għandom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 141 (2).

*Artikolu 149*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Madankollu:

(a) l-Artikolu 138 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010;

(b) l-istandards dwar l-istabbiliment/u jew iż-żamma ta' ħabitats, konformità ma' proċeduri ta' awtorizzazzjoni f'każ ta' użu tal-ilma għal irrigazzjoni u l-ispeċifikazzjoni ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ, kif previst fl-Anness III, għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2010;

(c) l-istandard dwar l-istabbiliment għal strixxi marġinali matul il-mogħdijiet tal-ilma kif previst fl-Anness III, għandu japplika sa mhux qabel l-1 ta' Jannar 2010 u sa mhux iżjed tard mill-1 ta' Jannar 2012;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Jannar 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. GANDALOVIČ

*ANNESS I*

**Lista ta' skemi ta' appoġġ**

| Settur | Bażi legali | Noti |
|---|---|---|
| Pagament uniku | Titolu III ta' dan ir-Regolament | Pagament diżakkoppjat |
| Skema ta' Pagament Uniku skont l-Erja | Titolu V, Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament | Pagament diżakkoppjat li jissostitwixxi l-pagamenti diretti kollha elenkati f'dan l-Anness, minbarra pagamenti separati |
| Qamħ durum | Titolu IV, Kapitolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (*) | Pagament skont l-erja |
| Uċuħ tal-proteina | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 3 ta' dan ir-Regolament | Pagament skont l-erja |
| Ross | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 1 ta' dan ir-Regolament | Pagament skont l-erja |
| Ġewż | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 4 ta' dan ir-Regolament | Pagament skont l-erja |
| Uċuħ tal-enerġija | Titolu IV, Kapitolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (*) | Pagament skont l-erja |
| Patata tal-lamtu | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 2 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-produzzjoni għall-koltivaturi |
| Żrieragħ | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 5 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Uċuħ tar-raba' tal-ħrit | Titolu IV, Kapitolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (*) | Pagament skont l-erja |
| Laħam tan-nagħaġ u laħam tal-mogħoż | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 10 ta' dan ir-Regolament | Primjums għal nagħaġ u mogħoż |
| Ċanga u vitella | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 11 ta' dan ir-Regolament | Primjum speċjali, primjum għall-baqar li jreddgħu (inkluż meta mħallas għall-għoġġiela u inkluż il-primjum addizzjonali nazzjonali għall-baqar li jreddgħu meta ffinanzjat parzjalment), u primjum għat-tbiċċir |
| Tipi speċifiċi ta' biedja u produzzjoni ta' kwalità | Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (*) | |
| Appoġġ speċifiku | Titolu IV, Kapitolu 5 ta' dan ir-Regolament | |
| Masġar taż-żebbuġ | Titolu IV, Kapitolu 10b tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (*) | Għajnuna għall-erja |
| Dud tal-ħarir | Artikolu 111 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 | Għajnuna biex titħeġġeġ it-trobbija |
| Tabakk | Titolu IV, Kapitolu 10c tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (*) | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Ħops | Titolu IV, Kapitolu 10d tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (*) | Għajnuna għall-erja |
| Pitravi taz-zokkor, kannamieli u ċikwejra użati għall-produzzjoni taz-zokkor jew ix-xropp tal-inulina | Artikolu 126 ta' dan ir-Regolament | Pagamenti diżakkoppjati |

| Settur | Bażi legali | Noti |
|---|---|---|
| Pitravi taz-zokkor u kannamieli użati għall-produzzjoni taz-zokkor | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 7 ta' dan ir-Regolament | Għajnuna għall-produzzjoni |
| Frott u ħxejjex mibgħuta għall-ipproċessar | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 8 ta' dan ir-Regolament | Pagamenti transitorji għall-frott u l-ħxejjex |
| Frawli u lampun mibgħuta għall-ipproċessar | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 9 ta' dan ir-Regolament | Pagament transitorji għall-frott artab |
| Frott u ħxejjex | Artikolu 127 ta' dan ir-Regolament | Pagament separat għall-frott u l-ħxejjex |
| Posei | Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 | Pagamenti diretti skont miżuri stabbiliti fil-programmi |
| Il-Gżejjer Eġej | Kapitolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 | Pagamenti diretti skont miżuri stabbiliti fil-programmi |
| Qoton | Titolu IV, Kapitolu 1, Taqsima 6 ta' dan ir-Regolament | Pagament skont l-erja |

(*) Għall-2009 biss.

*ANNESS II*

**Rekwiżiti amministrattivi statutorji msemmija fl-Artikoli 4 u 5**

Punt A.

L-ambjent

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1). | Artikolu 3(1), Artikolu 3(2)(b), Artikolu 4 (1), (2) u (4) u Artikolu 5(a), (b) u (d) |
| 2. | Id-Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru 1979 dwar il-ħarsien ta' ilma ta' taħt l-art kontra tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi (ĠU L 20, 26.1.1980, p. 43) | Artikoli 4 u 5 |
| 3. | Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6) | Artikolu 3 |
| 4. | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1) | Artikoli 4 u 5 |
| 5. | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-abitati naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7) | Artikolu 6 u Artikolu 13(1)(a) |

Is-saħħa pubblika u tal-annimali

L-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali

| | | |
|---|---|---|
| 6. | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2005, p. 31) | Artikoli 3, 4 u 5 |
| 7. | Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1) | Artikoli 4 u 7 |
| 8. | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8). | Artikoli 3, 4 u 5 |

Punt B

Is-saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u l-pjanti

| | | |
|---|---|---|
| 9. | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1) | Artikolu 3 |
| 10. | Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta'April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists | Artikoli 3(a), (b), (d) u (e) u l-Artikoli 4, 5 u 7 |
| 11. | Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1). | Artikoli 14 u 15, Artikolu 17(1) ([1]), u Artikoli 18, 19 u 20 |
| 12. | Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatiji sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1) | Artikoli 7, 11, 12, 13 u 15 |

Notifikazzjoni ta' mardiet

| | | |
|---|---|---|
| 13. | Id-Direttiva Tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 1985 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (ĠU L 315, 26.11.1985, p. 11) | Artikolu 3 |
| 14. | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tintroduċi miżuri ġenerali Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-annimali u l-miżuri speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-marda vexxikolari tal-ħnieżer (ĠU L 62, 15.3.1993, p. 69) | Artikolu 3 |
| 15. | Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74) | Artikolu 3 |

Punt C.

Welfare tal-annimali

| | | |
|---|---|---|
| 16. | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tipprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28) | Artikoli 3 u 4 |
| 17. | Id-Direttiva tal-Kunsill 91/630/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 li tniżżel il-livelli minimi għall-protezzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33) | Artikolu 3 u Artikolu 4(1) |
| 18. | Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal finijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23). | Artikolu 4 |

(1) Kif implimentat b'mod partikolari bi:
- ir-Regolament (KEE) Nru 2377/90: l-Artikoli 2, u 5,
- ir-Regolament (KE) Nru 852/2004: l-Artikolu 4(1) u l-Anness I parti A (II 4 (g, h, j), 5 (f, h), 6; III 8 (a, b, d, e), 9 (a, c)),
- ir-Regolament (KE) Nru 853/2004: l-Artikolu 3(1) u l-Anness III Taqsima IX Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; l-Artikolu 3(1) u l-Anness III Taqsima IX Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; I-3; I-4; I-5; II-A 1, 2, 3, 4; II-B 1(a, d), 2, 4 (a, b)), l-Anness III Taqsima X Kapitolu 1 (1),
- ir-Regolament (KE) Nru 183/2005: l-Artikolu 5(1) u l-Anness I, parti A (I-4 e, g; II-2 a, b, e), l-Artikolu 5(5) u l-Anness III (1, 2), l-Artikolu 5(6), u
- ir-Regolament (KE) Nru 396/2005: l-Artikolu 18.

*ANNESS III*

## Kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6

| Ħruġ | Standards Obbligatorji | Standards fakultattivi |
|---|---|---|
| Erożjoni tal-ħamrija:<br>Protezzjoni tal-ħamrija permezz ta' miżuri adegwati | — Kopertura minima tal-ħamrija | — Żamma tar-raba' mtarraġ |
| | — Ġestjoni minima tal-art li tirrifletti l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-sit | |
